

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 341



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 66

27 ta' Settembru 2023

Werrej

IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2023–2024

Dati tas-seduti: 29–30 ta' Marzu 2023

TESTI ADOTTATI

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

Il-Parlament Ewropew

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

2023/C 341/01

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Marzu 2023 dwar ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt – is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea (2022/2898(RSP))

2

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Parlament Ewropew

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

2023/C 341/02

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Marzu 2023 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Anna Júlia Donáth (2022/2208(IMM))

10

MT

III Atti preparatorji

Il-Parlament Ewropew

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

2023/C 341/03

P9_TA(2023)0088

Pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Marzu 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjattaforma ta' kollaborazzjoni sabiex tappoġġa l-funzjonament tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (COM(2021)0756 – C9-0448/2021 – 2021/0391(COD))

P9_TC1-COD(2021)0391

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-30 ta' Marzu 2023 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjattaforma ta' kollaborazzjoni sabiex tappoġġa l-funzjonament tal-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726

12

2023/C 341/04

P9_TA(2023)0089

Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Marzu 2023 dwar il-proposta għal deċizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023 (COM(2022)0526 – C9-0344/2022 – 2022/0326(COD))

P9_TC1-COD(2022)0326

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-30 ta' Marzu 2023 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċizzjoni (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet

13

2023/C 341/05

P9_TA(2023)0090

Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Marzu 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2021)0346 – C9-0245/2021 – 2021/0170(COD))

P9_TC1-COD(2021)0170

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-30 ta' Marzu 2023 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE

14

2023/C 341/06	P9_TA(2023)0091	Tisħiħ tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irgħiel u n-nisa	
		Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Marzu 2023 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irgħiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar (COM(2021)0093 – C9-0089/2021 – 2021/0050(COD))	
	P9_TC1-COD(2021)0050	Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-30 ta' Marzu 2023 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irgħiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar	15
2023/C 341/07		Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-30 ta' Marzu 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 (COM(2022)0150 – C9-0142/2022 – 2022/0099(COD))	17
2023/C 341/08		Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-30 ta' Marzu 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 (COM(2022)0151 – C9-0143/2022 – 2022/0100(COD))	80

IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2023–2024

Dati tas-seduti: 29–30 ta' Marzu 2023

TESTI ADOTTATI

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW

P9_TA(2023)0094

Rapport 2022 dwar l-Istat tad-Dritt – is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Marzu 2023 dwar ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt – is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea (2022/2898(RSP))

(2023/C 341/01)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari l-Artikoli 2, 3(1), 3(3), it-tieni subparagrafu, 4(3) u l-Artikoli 5, 6, 7, 11, 19 u 49 tiegħu,
- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-artikoli tiegħu rigward ir-rispett, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-Unjoni, inklużi l-Artikoli 70, 258, 259, 260, 263, 265 u 267,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2022 intitolata "Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt – Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea" (COM(2022)0500),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni⁽¹⁾ (ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jstabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014⁽²⁾,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra l-istrumenti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, u r-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tal-Eżami Perjodiku Universali tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll il-ġurisprudenza tal-korpi ta' monitoraġġ tat-trattati tan-Nazzjonijiet Uniti u l-proċeduri speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem,

⁽¹⁾ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1.

- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Kummissarju Għoli għall-Minoranzi Nazzjonali, tar-Rappreżentant għal-Libertà tal-Media u ta' korpi oħra tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, il-Karta Soċjali Ewropea, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u l-konvenzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, ir-riżoluzzjonijiet, l-opinjoni u r-rapporti tal-Assemblea Parlamentari, tal-Kumitat tal-Ministri, tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razzizzmu u l-Intolleranza, tal-Kumitat ta' Tmexxija dwar il-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni, id-Diversità u l-Inklużjoni, tal-Kummissjoni ta' Venezja u ta' korpi oħra tal-Kunsill tal-Ewropa,
- wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Qbil bejn il-Kunsill tal-Ewropa u l-Unjoni Ewropea tat-23 ta' Mejju 2007 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2020 dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa 2020-2022,
- wara li kkunsidra l-proposta motivata tal-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2017 dwar id-determinazzjoni ta' riskju ċar ta' ksur gravi tal-istat tad-dritt mir-Repubblika tal-Polonja, maħruġa skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE (COM(2017)0835),
- wara li kkunsidra r-rapporti tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) tad-19 ta' Lulju 2022 bit-titolu "Is-soċjetà ċivili tal-Ewropa: għadha taħt pressjoni", tat-8 ta' Ġunju 2022 bit-titolu "Ir-Rapport tal-2022 dwar id-Drittijiet Fundamentali", tad-19 ta' Awwissu 2022 bit-titolu "Il-protezzjoni tal-ispazju ċiviku fl-UE" u tat-3 ta' Novembru 2022 bit-titolu "Antisemitizzmu – Ħarsa ġenerali tal-inċidenti antisemitiċi rreġistrati fl-Unjoni Ewropea 2011-2021", u r-rapporti, id-data u l-għodod l-oħra tagħha, b'mod partikolari s-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali (EFRIS),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Marzu 2018 dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex jiġi attivat l-Artikolu 7(1) tat-TUE minħabba s-sitwazzjoni fil-Polonja ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' April 2018 dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit Strument għall-Valuri Ewropej biex jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-valuri fundamentali fl-Unjoni Ewropea fil-livell lokali u nazzjonali ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2018 dwar proposta li titlob lill-Kunsill jiddetermina, skont l-Artikolu 7(1)TUE, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2018 dwar il-ħtieġa ta' mekkaniżmu komprensiv tal-UE għall-protezzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu tal-UE għad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali ⁽⁸⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Novembru 2020 dwar l-impatt tal-miżuri tal-COVID-19 fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali ⁽⁹⁾,

⁽³⁾ ĠU C 215, 19.6.2018, p. 162.

⁽⁴⁾ ĠU C 129, 5.4.2019, p. 13.

⁽⁵⁾ ĠU C 390, 18.11.2019, p. 117.

⁽⁶⁾ ĠU C 433, 23.12.2019, p. 66.

⁽⁷⁾ ĠU C 363, 28.10.2020, p. 45.

⁽⁸⁾ ĠU C 395, 29.9.2021, p. 2.

⁽⁹⁾ ĠU C 415, 13.10.2021, p. 36.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea u l-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità (UE, Euratom) 2020/2092 ⁽¹⁰⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar ir-Rapport tal-2020 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt ⁽¹¹⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2021 dwar it-tfassil ta' linji gwida għall-applikazzjoni tar-reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni ⁽¹²⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2021 dwar it-tisħiħ tad-demokrazija u tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja fl-UE: l-użu indebitu ta' azzjonijiet fl-ambitu tad-dritt ċivili u kriminali biex jissikktu l-ġurnalisti, l-NGOs u s-soċjetà ċivili ⁽¹³⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2021 dwar l-ewalwazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni biex jiġu evitati l-korruzzjoni, l-infiq irregolari u l-użu ħażin tal-fondi tal-UE u nazzjonali f'każ ta' fondi ta' emerġenza u oqsmas ta' nfiq relatati mal-kriżi ⁽¹⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2022 dwar l-ispazju jiċkien tas-soċjetà ċivili fl-Ewropa ⁽¹⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2022 dwar l-istat tad-dritt u l-konsegwenzi tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2022 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt tal-2021 ⁽¹⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istat tad-dritt u l-approvazzjoni potenzjali tal-Pjan Nazzjonali ta' Rkupru (RRF) tal-Polonja ⁽¹⁸⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksar serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni ⁽¹⁹⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2022 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2020 u l-2021 ⁽²⁰⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2022 dwar l-Istat tad-Dritt f'Malta, ħames snin wara l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia ⁽²¹⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2022 dwar iż-żieda fir-reati ta' mibegħda kontra persuni LGBTIQ+ fl-Ewropa kollha fid-dawl tal-qtill omofobiku reċenti fis-Slovakkja ⁽²²⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Novembru 2022 dwar il-ġustizzja razzjali, in-nondiskriminazzjoni u l-ġlieda kontra r-razziżmu fl-UE ⁽²³⁾,

⁽¹⁰⁾ ĠU C 67, 8.2.2022, p. 86.

⁽¹¹⁾ ĠU C 81, 18.2.2022, p. 27.

⁽¹²⁾ ĠU C 99, 1.3.2022, p. 146.

⁽¹³⁾ ĠU C 205, 20.5.2022, p. 2.

⁽¹⁴⁾ ĠU C 251, 30.6.2022, p. 48.

⁽¹⁵⁾ ĠU C 347, 9.9.2022, p. 2.

⁽¹⁶⁾ ĠU C 347, 9.9.2022, p. 168.

⁽¹⁷⁾ ĠU C 479, 16.12.2022, p. 18.

⁽¹⁸⁾ ĠU C 493, 27.12.2022, p. 108.

⁽¹⁹⁾ Testi adottati, P9_TA(2022)0324.

⁽²⁰⁾ Testi adottati, P9_TA(2022)0325.

⁽²¹⁾ Testi adottati, P9_TA(2022)0371.

⁽²²⁾ Testi adottati, P9_TA(2022)0372.

⁽²³⁾ Testi adottati, P9_TA(2022)0389.

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Novembru 2022 dwar il-valutazzjoni tal-konformità tal-Ungerija mal-kundizzjonijiet tal-istat tad-dritt skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità u s-sitwazzjoni attwali tal-RRP Ungeriż⁽²⁴⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa dwar l-eżitu finali,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
- A. billi l-Unjoni hija msejsa fuq il-valuri komuni minqax fl-Artikolu 2 tat-TUE dwar ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi – valuri li huma komuni għall-Istati Membri tal-UE u li magħhom il-pajjiżi kandidati sabiex isiru Stati Membri tal-Unjoni jeħtiġilhom jaderixxu bħala parti mill-kriterji ta' Copenhagen, li ma jistgħux jiġu injorati jew interpretati b'mod differenti wara l-adeżjoni; billi d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali huma valuri li jsaħħu lil xulxin u li, meta jiġu mminati, jistgħu joħlqu theddida sistemika għall-Unjoni u għad-drittijiet u għal-libertajiet taċ-ċittadini tagħha; billi r-rispett għall-istat tad-dritt huwa vinkolanti għall-Unjoni fit-totalità tagħha u għall-Istati Membri tagħha fil-livelli kollha ta' governanza, inklużi l-entitajiet subnazzjonali;
- B. billi l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa esprimiet b'mod ċar ix-xewqa li l-UE tiddefendi sistematikament l-istat tad-dritt fl-Istati Membri kollha, biex tippoteġi d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u żżomm il-kredibbiltà tal-UE meta tippromwovi l-valuri tagħha fi ħdan l-UE u fil-pajjiżi terzi;
- C. billi l-prinċipju tal-kooperazzjoni leali fl-Artikolu 4(3) tat-TUE jstabbilixxi obbligu fuq l-Unjoni u l-Istati Membri biex jassistu lil xulxin fit-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw mit-Trattati b'rispett reċiproku sħiħ, u fuq l-Istati Membri biex jieħdu kwalunkwe miżura xierqa, ġenerali jew b'mod partikolari, biex jiżguraw it-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw mit-Trattati jew li jirriżultaw mill-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni;
- D. billi ż-żieda ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż konkreti u ġuridikament vinkolanti tgħin lill-Istati Membri jipprevjenu, jidentifikaw u jindirizzaw l-isfidi u r-rigress fir-rigward tal-istat tad-dritt;
- E. billi l-Istati Membri introduċew miżuri ta' emerġenza biex jirrispondu għall-pandemija tal-COVID-19; billi, sabiex ikunu legali, dawn kienu meħtieġa jirrispettaw il-prinċipji tan-neċessità u tal-proporzjonalità f'każ ta' restrizzjoni tad-drittijiet fundamentali jew tal-libertajiet bażiċi; billi xi gvernijiet użaw il-miżuri straordinarji bħala skuża biex idgħajfu l-kontrolli demokratiċi;
- F. billi jeħtieġ li jissaħħu u jiġu ssemplifikati l-mekkaniżmi eżistenti u jiġi żviluppat mekkaniżmu komprensiv uniku tal-UE biex id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali jiġu protetti b'mod effikaċi u biex jiġi żgurat li l-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE jiġu rispettati fl-Unjoni kollha kif ukoll promossi fost il-pajjiżi kandidati, minkejja li b'reġimi ta' monitoraġġ differenti, sabiex l-Istati Membri ma jitħallewx jiżviluppaw leġiżlazzjoni nazzjonali li tmur kontra l-protezzjoni tal-Artikolu 2 tat-TUE; billi l-Kummissjoni u l-Kunsill komplew jinjoraw il-ħtieġa ta' ftehim internazzjonali dwar mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;
- G. billi minn Mejju 2022, il-Parlament indirizza wkoll is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, f'Malta u fil-Polonja fir-riżoluzzjonijiet tiegħu; billi l-Grupp ta' Monitoraġġ għad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali fi ħdan il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament indirizza wkoll ċerti kwistjonijiet fil-Bulgarija, fil-Greċja, fis-Slovakkja, fis-Slovenja u fi Spanja;

Valutazzjoni ġenerali tar-rapport

1. Jilqa' t-tielet rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt bħala parti mis-sett ta' għodod tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt; iqis li r-rapport jirrappreżenta pass lejn mekkaniżmu koerenti biex jiġu difiżi l-valuri tal-Unjoni minqax fl-Artikolu 2 tat-TUE, u li l-isfida ewlenija issa hija li jsir użu effikaċi u konsistenti tas-sett ta' għodod eżistenti, biex jiġu protetti u infurzati dawn il-valuri;

⁽²⁴⁾ Testi adottati, P9_TA(2022)0422.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

2. Jinnota titjib meta mqabbel mal-rapporti annwali preċedenti, b'ħaż-żieda ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; jilqa' wkoll l-attenzjoni speċjali mogħtija lill-media tas-servizz pubbliku u lill-miżuri biex tiġi żgurata t-trasparenza tas-sjieda tal-media, inklużi l-klassifikazzjoni tal-Osservatorju tal-Pluraliżmu tal-Media, il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem mill-Istati Membri, l-attenzjoni mogħtija lill-finanzjament tal-partiti politiċi, l-enfasi fuq il-korpi għall-ugwaljanza, l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-ombudspersons, il-monitoraġġ ta' ħatriet ta' livell għoli fis-sistema ġudizzjarja u ż-żieda fl-attenzjoni mogħtija lill-professjoni legali, inklużi l-imħallfin, in-nutara u l-avukati;
3. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tipparteċipa b'mod aktar fil-fond fid-dibattiti pubbliċi fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali u tinvesti aktar fis-sensibilizzazzjoni dwar il-valuri tal-Unjoni u l-għodod applikabbli, partikolarment fil-pajjiżi dejn hemm tħassib serju; isostni l-isforzi tal-Kummissjoni maħsuba biex jimmodernizzaw il-metodoloġija ta' rapportar u jqis li t-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tar-rapport għandu jsir id f'id ma' żieda fir-riżorsi; jemmen li għandu jingħata aktar żmien liż-żjarat tal-pajjiżi tal-Kummissjoni, inkluż fuq il-post;
4. Jiddispaċiħ bix-xejriet inkwetanti fir-rigward tal-libertà tal-istampa, tal-pluraliżmu tal-media u tas-sikurezza tal-ġurnalisti f'diversi Stati Membri u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib is-sitwazzjoni tal-media f'edizzjonijiet futuri tar-rapport, inklużi s-sjieda tal-media u l-finanzjament tal-media tas-servizz pubbliku, kif ukoll tifformula rakkomandazzjonijiet u tagħti segwitu permezz ta' miżuri politiċi u ġuridiċi adegwati; jikkundanna l-indhila politiku ta' tfixkil fid-deċiżjonijiet editorjali, il-kawżi abbużivi (SLAPPs) u s-sorveljanza illegali tal-ġurnalisti, speċjalment permezz tal-użu ta' spyware, u jafferma li l-ġurnalisti se jkomplu jkunu f'riskju sakemm l-istituzzjonijiet jibqgħu ma jistgħux jew ma jridux iressqu quddiem il-qrati il-każijiet ta' korruzzjoni li jikxfu l-ġurnalisti;
5. Jenfasizza r-rwol speċjali li jiżvolġu l-kunsilli nazzjonali tal-ġudikatura fil-protezzjoni tal-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin mill-indhila politiku; jiddeplora l-politiċizzazzjoni kontinwa ta' dawn il-korpi fi wħud mill-pajjiżi, kif ukoll l-effett devastanti li din għandha fuq l-indipendenza u l-integrità tas-sistemi ġudizzjarji tagħhom;
6. Jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fil-ħarsien tal-istat tad-dritt u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-Unjoni, u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib il-livell ta' kooperazzjoni tal-Istati Membri mal-UPPE fir-rapporti sussegwenti; jistieden lill-Istati Membri li għadhom ma sarux membri tal-UPPE biex jagħmlu dan il-pass;
7. Jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni ma indirizzatx bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Parlament fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu ⁽²⁵⁾ u jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni biex tindirizzahom;
8. Huwa mħasseb bin-nuqqas ta' konsistenza bejn ir-rapport orizzontali u r-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari li t-tħassib speċifiku għall-pajjiż espress fir-rapport orizzontali ma jikkorrispondix bis-sħiħ għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż; jitlob li tiġi stabbilita rabta ċara bejn it-tħassib espress u r-rakkomandazzjonijiet imressqa;
9. Jenfasizza li l-attakk intenzjonat fuq id-drittijiet tal-grupp minoritarji fxi Stati Membri ħoloq u kkonsolida ċerta dinamika fi bnadi oħra, kif muri mir-rigress fid-drittijiet tan-nisa, inkluż id-deterjorament fis-sitwazzjoni b'rabta mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, u tal-persuni LGBTIQ+, tal-migranti u tal-gruppi minoritarji oħra; jitlob li ssir sinteżi tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu fil-kapitoli dwar il-pajjiżi tar-rapport, kif ukoll analiżi tal-mod kif ir-rigress fl-istat tad-dritt jolqot lid-diversi gruppi minoritarji;
10. Jikkundanna l-istruzzjonijiet mogħtija mill-Gvern Taljan lill-Kunsill tal-Belt ta' Milan biex jieqaf jirreġistra t-tfal ta' ġenituri tal-istess sess; jemmen li din id-deċiżjoni inevitabilment se twassal għal diskriminazzjoni mhux biss kontra koppji tal-istess sess, iżda wkoll primarjament kontra wliedhom; iqis din l-azzjoni bħala ksur dirett tad-drittijiet tat-tfal, kif elenkati fil-Konvenzjoni tan-NU tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal; jinsab imħasseb li din id-deċiżjoni hija parti minn attakk usa' kontra l-komunità LGBTIQ+ fl-Italja; jistieden lill-Gvern Taljan jirrevoka immedjatament id-deċiżjoni tiegħu;

⁽²⁵⁾ Ir-riżoluzzjonijiet tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar ir-Rapport tal-2020 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt u tad-19 ta' Mejju 2022 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt tal-2021.

11. Jistieden lill-Kummissjoni tuża l-elementi rilevanti tal-metodoloġija applikata fir-rapporti annwali dwar l-istat tad-dritt fl-ewalwazzjoni tagħha tal-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati għall-adeżjoni mal-UE;

Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

12. Jilqa' ż-żieda fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, bħala segwitu mogħti lill-appelli ripetuti tal-Parlament u tas-soċjetà ċivili għal dan il-fini; ifakkar li r-rapporti annwali jservu bħala bażi għal diskussjonijiet infurmati dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri u fl-istituzzjonijiet tal-UE; jirrikonoxxi li dawn ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż jgħinu biex jiġu indirizzati kwistjonijiet speċifiċi bl-għan li jinkiseb titjib reali fl-Istati Membri; jiddeplora, madankollu, il-fatt li r-rakkomandazzjonijiet mhumiex vinkolanti; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa aktar iċ-ċiklu annwali tal-istat tad-dritt billi tivvaluta l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fir-rapport annwali li jmiss, b'parametri referenzjarji speċifiċi u b'kalendarju ċar għall-implimentazzjoni; filwaqt li jiġu indikati b'mod ċar il-progress u r-rispett;

13. Jiddispjaċih bil-fatt li ħafna mir-rakkomandazzjonijiet huma vagi wisq u ma fihomx l-ispeċifità meħtieġa biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva; itenni l-ħtieġa li jiġi stabbilit kalendarju għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u li jiġu speċifikati l-konsegwenzi possibbli f'każ ta' nuqqas ta' konformità;

14. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tibda l-proċeduri rilevanti mingħajr eżitazzjoni jew dewmien, speċjalment meta l-gvernijiet ma juru ebda rieda li jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;

15. Ifaħħar l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiddjaloga aħjar mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali; jirrikonoxxi s-soċjetà ċivili bħala attur essenzjali għall-istat tad-dritt, bi rwol importanti x'tiżvolġi fis-segwitu għar-rapport annwali u fl-implimentazzjoni tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni taħdem favur l-involvement konsistenti u sinifikattiv tas-soċjetà ċivili kemm fit-tnejn kif ukoll fis-segwitu għar-rapport fil-livell nazzjonali, b'kooperazzjoni mal-FRA, anki billi tħalli biżżejjed żmien biex tagħti kontribut lill-proċess u tinvolvi b'mod estensiv lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili waqt iż-żjarat fil-pajjiżi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura approċċ aktar inklużiv, trasparenti u faċli għall-utent fir-rigward taċ-ċiklu, biex tiżgura obbligu ta' rendikont u parteċipazzjoni sinifikattiva min-naħa tal-partijiet ikkonċernati matul il-proċess kollu; jitlob li jkun hemm preżentazzjoni aktar sistematika tal-kontribut tas-soċjetà ċivili u tal-organizzazzjonijiet professjonali, anki mill-ġudikatura, sabiex tiġi ssupplimentata l-informazzjoni li jagħtu l-gvernijiet tal-Istati Membri;

16. Jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tas-soċjetà ċivili u ta' spazju ċiviku san għar-rispett u għall-protezzjoni tal-istat tad-dritt u jtenni t-talba tiegħu biex jiġi ddedikat kapitolu separat għall-kundizzjoni tas-soċjetà ċivili fl-Istati Membri; jisħaq fuq ir-rabtiet bejn l-isparzju ċiviku u l-kwistjonijiet marbuta mal-istat tad-dritt; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tinvesti, permezz ta' finanzjamenti apposta, fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jimmonitorjaw u jirrapportaw dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, u biex tiżgura protezzjoni adegwata għas-soċjetà ċivili involuta f'dan il-proċess; jinsab imħasseb li d-distribuzzjoni mhux imparzjali tal-finanzjamenti f'xi pajjiżi għandha impatt fuq l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jipromwovu d-drittijiet tal-gruppi vulnerabbli jew li jaħdmu b'mod aktar ġenerali għal kawżi li l-gvernijiet ma jappoġġawx; jinkoraġġixxi valutazzjoni bir-reqqa ta' dawn il-kwistjonijiet fil-pajjiżi kollha koperti mir-rapport u jenfazizza l-ħtieġa li r-rakkomandazzjonijiet tal-pajjiżi jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet; ihegġegħ lill-Kummissjoni tikkunsidra l-ġestjoni diretta tal-fondi tal-UE, anki sabiex tiżgura li l-benefiċjarji aħħarin, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu mal-gruppi vulnerabbli, jirċievu l-finanzjamenti tal-UE maħsubin għalihom; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-impatt tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri fuq is-soċjetà ċivili fl-Istati Membri; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jfornu finanzjamenti adegwati għal ġurnaliżmu indipendenti u ta' kwalità fuq skala Ewropea fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali;

17. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar ir-risposti nazzjonali għall-pandemija tal-COVID-19 u l-impatt tagħhom fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fi ħdan l-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tkompli timmonitorja u tirrapporta dwar dawn il-proċessi nazzjonali, inklużi l-aħjar prattiki;

18. Jiddispjaċih bl-assenza ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-użu illegali min-naħa tal-Istati Membri tat-teknoloġiji ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza bħal Pegasus jew Predator, minkejja r-rivelazzjonijiet konkreti u ż-żieda fil-provi rigward l-użu tagħhom kontra ġurnalisti, esponenti politiċi, uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, membri tal-korp diplomatiku, avukati, negozjanti, atturi tas-soċjetà ċivili u atturi oħra; huma mħasseb ferm bir-riskji relatati għas-soċjetà ċivili, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet fundamentali minħabba l-użu bla kontroll

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

min-naħa tal-gvernijiet nazzjonali ta' software ta' spjunaġġ; jiddispijaċi bin-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa ta' xi awtoritajiet tal-Istati Membri mal-Kumitat ta' Inkjesta tal-Parlament biex jiġi investigat l-użu ta' Pegasus jew ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti;

Talbiet pendenti tal-Parlament fir-rigward tar-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt

19. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-rapportar tagħha bil-għan li jkopri l-valuri kollha minqaxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; itenni l-eżistenza ta' rabta intrinsika bejn l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali; ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jidħlu f'negozjati minnufih mal-Parlament rigward ftehim interistituzzjonali dwar mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, li għandu jkopri l-kamp ta' applikazzjoni sħiħ tal-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE; jiddeplora l-fatt li l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem rigward il-migranti li jseħħ fil-fruntieri esterni tal-UE ma jagħmilx parti mill-valutazzjoni li tagħmel il-Kummissjoni;

20. Jitlob jiġu inklużi fir-rapport annwali elementi importanti nieqsa tal-lista ta' kriterji tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-2016 għall-valutazzjoni tal-istat tad-dritt tal-2016, bħall-prevenzjoni tal-abbuż ta' poter, l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi u n-nondiskriminazzjoni;

21. Jilqa' l-pass li ħadet il-Kummissjoni biex tinkludi fir-rapport tagħha l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem mill-Istati Membri bħala indikatur ta' kwalità u rispett għall-istat tad-dritt; jistieden lill-Kummissjoni testendi din l-analiżi biex tinkludi l-proċess ta' eżekuzzjoni adegwat ta' dawn is-sentenzi fil-livell nazzjonali;

22. Iqis li l-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali oħra hija ta' rilevanza partikolari għall-progress tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali fi ħdan l-UE; jistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-komunikazzjonijiet individwali mill-korpi ta' monitoraġġ tat-trattati tan-Nazzjonijiet Uniti;

23. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tinkludi kapitolu separat għdid dwar l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, li jkun jivvaluta s-sitwazzjoni fir-rigward tas-separazzjoni tal-poteri, tal-qafas tal-għieda kontra l-korruzzjoni, tal-obbligju ta' rendikont u tal-kontrolli;

24. Jesprimi dispjaċir kbir għall-inkapaċità tal-Kunsill li jagħmel progress sinifikattiv fil-proċeduri li għaddejjin tal-Artikolu 7(1) tat-TUE; ihegġegħ lill-Kunsill jindirizza l-iżviluppi għodda kollha li jaffettwaw l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali; itenni t-talba tiegħu lill-Kunsill biex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet fil-qafas ta' din il-proċedura, filwaqt li jissottolinja li kwalunkwe dewmien ieħor ta' tali azzjoni jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju tal-istat tad-dritt mill-Kunsill innifsu; jinsisti li r-rwol u l-kompetenzi tal-Parlament għandhom jiġu rispettati;

25. Jikkundanna bil-qawwa lill-awtoritajiet tal-Istati Membri li jirrifjutaw li jipparteċipaw fid-Djalogu annwali tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt;

26. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li r-rapport jonqos milli jirrikonoxxi b'mod ċar il-proċess deliberat ta' rigress f'diversi Stati Membri f'dak li jirrigwarda l-istat tad-dritt; jistieden lill-Kummissjoni tagħmilha ċara li meta l-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE jinkisru b'mod sistematiku, deliberat, gravi u permanenti matul perjodu partikolari, l-Istati Membri jistgħu jonqsu milli jissodisfaw il-kriterji kollha li jiddefinixxu demokrazija; ifakkar li l-Parlament diġà indika li l-Ungerija nbidlet f'reġim ibridu ta' awtokrazija elettoral, skont l-indiċijiet rilevanti; itenni r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kummissjoni biex tidistingwi bejn ksur sistemiku u ksur individwali, biex tevita r-riskju li tibbanalizza l-aktar ksur gravi tal-istat tad-dritt u biex takkumpanja r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż bi skadenzi għall-implimentazzjoni, b'objettivi u b'azzjonijiet konkreti li għandhom jittieħdu;

27. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu rigward l-involvement ta' grupp ta' esperti indipendenti biex jagħti pariri lit-tliet istituzzjonijiet, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-FRA; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tistieden lill-FRA tagħti pariri metodoloġiċi u tagħmel riċerka komparattiva biex iżżid id-dettall f'oqsma fundamentali tar-rapport annwali, minħabba r-rabtiet intrinċi bejn id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt; jitlob lill-Bureau tiegħu, fid-dawl tan-nuqqas ta' rieda tal-Kummissjoni u tal-Kunsill, jorganizza proċedura ta' akkwist pubbliku sabiex jinħoloq grupp ta' dan it-tip taħt l-awspiċji tal-Parlament, f'konformità mal-impenn meħud fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu⁽²⁶⁾, bil-għan li jagħti pariri lill-Parlament dwar il-konformità mal-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE fi Stati Membri differenti u juri bl-eżempju kif grupp ta' dan it-tip jista' jaħdem fil-prattika;

⁽²⁶⁾ Ir-riżoluzzjonijiet tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar ir-Rapport tal-2020 tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt u tad-19 ta' Mejju 2022 dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt tal-2021.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

28. Itenni li ċ-ċiklu annwali tal-istat tad-dritt għandu jservi biex jagħti kontribut għall-attivazzjoni ta' strumenti oħra bil-għan li tingħata risposta lit-theddid jew lill-ksur tal-istat tad-dritt fil-livell nazzjonali, bħall-Artikolu 7 tat-TUE, ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, il-Qafas tal-Istat tad-Dritt, il-proċeduri ta' ksur, inklużi proċeduri mħaffa, il-proċeduri għal miżuri provviżorji quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) u l-azzjonijiet rigward in-nuqqas ta' eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE, jew l-istrumenti fl-ambitu tal-leġiżlazzjoni finanzjarja tal-UE; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex toħloq rabta diretta bejn ir-rapporti annwali dwar l-istat tad-dritt, fost sorsi oħra, u l-Mekkaniżmu ta' Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt;

o

o o

29. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, lin-Nazzjonijiet Uniti u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

P9_TA(2023)0087

Talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Anna Júlia Donáth

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Marzu 2023 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Anna Júlia Donáth (2022/2208(IMM))

(2023/C 341/02)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Anna Júlia Donáth, imressqa fil-21 ta' Ottubru 2022 mill-Qorti Distrettwali ta' Kecskemét fl-Ungerija b'rabta mal-proċedimenti kriminali miġjuba kontriha permezz ta' att tal-akkuża privata pendenti quddiem il-Qorti Distrettwali ta' Kecskemét, u mħabbra fis-seduta plenarja fl-24 ta' Novembru 2022,
 - wara li kkunsidra l-fatt li Anna Júlia Donáth irrinunzjat għad-dritt tagħha li tinstema' f'konformità mal-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 4(2) tal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, l-Artikoli 10(2) u 12(1) tal-Att LVII tal-2004 dwar l-Istatus tal-Membri tal-Parlament Ewropew tal-Ungerija u l-Artikolu 74 tal-Att XXXVI tal-2012 dwar l-Assemblea Nazzjonali tal-Ungerija,
 - wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011, fis-17 ta' Jannar 2013 u fid-19 ta' Diċembru 2019⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2), 6(1) u 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0071/2023),
- A. billi fil-21 ta' Ottubru 2022, il-Qorti Distrettwali ta' Kecskemét, l-Ungerija, ressqet talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Anna Júlia Donáth, Membru tal-Parlament Ewropew eletta fl-Ungerija, fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali għall-malafama miġjuba kontriha permezz ta' att tal-akkuża privata; billi t-talba tinkludi talba preċedenti għat-tneħħija tal-immunità ta' Anna Júlia Donáth mill-istess Qorti Distrettwali, dik li saret fit-28 ta' Ġunju 2022, li, madankollu, jidher li qatt ma waslet għand il-Parlament Ewropew;

(¹) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, *Marra vs De Gregorio u Clemente*, C-200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-42/06, ECLI:EU:T:2010:102; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, *Patriciello*, C-163/10, ECLI: EU:C:2011:543; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2019, *Junqueras Vies*, C-502/19, ECLI:EU:C:2019:1115.

- B. billi fl-20 ta' Jannar 2022, dikjarazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Momentum Mozgalom Párt (il-Partit tal-Moviment Momentum) li tirreferi għas-sospensjoni tas-sħubija tar-rikorrent fil-partit, li tallega li din is-sospensjoni seħħet wara sensiela ta' episodji ta' ksur etiku mir-rikorrent, ġiet ippubblikata fil-gazzetta online tal-partit u fuq il-paġna ta' Facebook tiegħu; billi jidher li, bejn il-21 ta' Novembru 2021 u d-29 ta' Mejju 2022, Anna Júlia Donáth kienet qiegħda sservi bħala president tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Momentum Mozgalom Párt;
- C. billi fil-31 ta' Jannar 2022, ir-rikorrent ressaq azzjoni privata quddiem il-Qorti Distrettwali ta' Kecskemét kontra Anna Júlia Donáth, fil-kapaċità tagħha bħala president tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Momentum Mozgalom Párt, fejn sostna r-reat statutarju ta' malafama fil-pubbliku, skont l-Artikolu 226(2)(b) tal-Att C tal-2012 rigward il-Kodiċi Kriminali tal-Ungerija; billi skont l-Artikolu 231(2) tal-Kodiċi Kriminali tal-Ungerija, dan ir-reat jista' jiġi kkastigat biss fil-kuntest ta' azzjoni privata;
- D. billi l-għan tal-immunità parlamentari huwa li tipproteġi lill-Parlament u lill-Membri tiegħu minn proċedimenti ġudizzjarji relatati ma' attivitajiet imwettqa fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari u li ma jstgħux jiġu separati minn tali dmirijiet;
- E. billi l-allegat reat ma jikkostitwixxi ebda opinjoni espressa jew vot mitfugħ dwar il-prestazzjoni ta' Anna Júlia Donáth fil-qadi ta' dmirijietha bħala Membru tal-Parlament Ewropew skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea; billi l-allegat reat minflok jikkonċerna attivitajiet ta' natura nazzjonali, imwettqa fil-kapaċità tagħha bħala president tal-partit nazzjonali tagħha;
- F. billi, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, il-Membri tal-Parlament Ewropew igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-parlament tagħhom u, fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor, l-immunità minn kull tip ta' detenzjoni jew minn proċedimenti ġudizzjarji; billi l-immunità ma tistax tintalab meta Membru jinqabad fil-fatt ta' reat u ma tipprekludix lill-Parlament Ewropew milli jeżerċita d-dritt tiegħu li jirrinunzja għall-immunità ta' xi wieħed mill-Membri tiegħu;
- G. billi skont l-Artikolu 4(2) tal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, il-membri tal-Parlament Ungeriż għandhom ikunu intitolati għall-immunità; billi, skont l-Artikolu 10(2) tal-Att LVII tal-2004 dwar l-Istatus Legali tal-Membri tal-Parlament Ewropew tal-Ungerija, il-Membri tal-Parlament Ewropew huma intitolati jgawdu l-istess immunità bħall-membri tal-Parlament Ungeriż, u billi skont l-Artikolu 12(1) tal-istess att, id-deċiżjoni li tiġi sospiża l-immunità ta' Membru tal-Parlament Ewropew għandha taqa' fil-kompetenza tal-Parlament Ewropew; billi skont l-Artikolu 74(1) tal-Att XXXVI tal-2012 dwar l-Assemblea Nazzjonali Ungeriża, il-proċedimenti kriminali jistgħu jinbdew kontra membru biss jekk ikun hemm kunsens minn qabel min-naħa tal-Assemblea Nazzjonali;
- H. billi, f'dan il-każ, il-Parlament ma sab l-ebda evidenza ta' *fumus persecutionis*, jiġifieri elementi fattwali li jindikaw li l-intenzjoni wara l-proċediment ġudizzjarju tista' tkun li ssir ħsara lill-attività politika ta' Membru fil-kapaċità tagħha bħala Membru lill-Parlament Ewropew;
- I. billi huwa l-Parlament waħdu li jiddeċiedi, f'każ partikolari, jekk ineħħix l-immunità jew le; billi l-Parlament jista' b'mod raġonevoli jqis il-pożizzjoni tal-Membru sabiex jiddeċiedi jekk ineħħix l-immunità tiegħu jew tagħha jew le⁽²⁾; billi Anna Júlia Donáth stqarret li ma ssib ebda oġġezzjoni għat-tneħħija tal-immunità parlamentari tagħha;
- J. billi, minn naħa, il-Parlament ma jistax jitqies bħala qorti u, min-naħa l-oħra, il-Membru ma jistax, fil-kuntest ta' proċedura għat-tneħħija tal-immunità, jitqies bħala "akkużat"⁽³⁾;
1. Jiddeċiedi li jneħħix l-immunità ta' Anna Júlia Donáth;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tal-Ungerija u lil Anna Júlia Donáth.

⁽²⁾ Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2008, *Mote vs il-Parlament*, T-345/05, ECLI:EU:T:2008:440, il-paragrafu 28.

⁽³⁾ Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' April 2019, *Briosis vs il-Parlament*, T-214/18, ECLI:EU:T:2019:266.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

III

(Atti preparatorji)

IL-PARLAMENT EWROPEW

P9_TA(2023)0088

Pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Marzu 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi pjattaforma ta' kollaborazzjoni sabiex tappoġġa l-funzjonament tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (COM(2021)0756 – C9-0448/2021 – 2021/0391(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2023/C 341/03)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0756),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 82(1), it-tieni subparagrafu, il-punt (d), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0448/2021),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-fehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-20 ta' Diċembru 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0245/2022),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti iSTRUZZONIJET lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P9_TC1-COD(2021)0391

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-30 ta' Marzu 2023 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi pjattaforma ta' kollaborazzjoni sabiex tappoġġa l-funzjonament tal-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2023/969.)

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

P9_TA(2023)0089

Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Marzu 2023 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023 (COM(2022)0526 – C9-0344/2022 – 2022/0326(COD))****(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2023/C 341/04)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0526),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 149 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0344/2022),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2022 ⁽¹⁾,
 - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-17 ta' Marzu 2023, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0028/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P9_TC1-COD(2022)0326**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-30 ta' Marzu 2023 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet***(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att finali, d-Deċiżjoni (UE) 2023/936.)*

⁽¹⁾ ĠU C 100, 16.3.2023, p. 123.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

P9_TA(2023)0090

Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Marzu 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2021)0346 – C9-0245/2021 – 2021/0170(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2023/C 341/05)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0346),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0245/2021),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Ottubru 2021 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-21 ta' Diċembru 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A9-0191/2022),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P9_TC1-COD(2021)0170

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-30 ta' Marzu 2023 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2023/988.)

⁽¹⁾ ĠU C 105, 4.3.2022, p. 99.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

P9_TA(2023)0091

Tisħiħ tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Marzu 2023 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar (COM(2021)0093 – C9-0089/2021 – 2021/0050(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2023/C 341/06)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0093),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 157(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0089/2021),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2021 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-21 ta' Diċembru 2022, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi skont l-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A9-0056/2022),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
 3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P9_TC1-COD(2021)0050

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-30 ta' Marzu 2023 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, d-Direttiva (UE) 2023/970.)

⁽¹⁾ ĠU C 341, 24.8.2021, p. 84.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

ANNEX GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tieħu nota tal-kompromess milħuq bejn il-koleġiżlaturi fuq perjodu ta' traspożizzjoni ta' tliet snin għad-dħul fis-seħħ tar-regoli l-ġodda dwar it-trasparenza fil-pagi. Il-Kummissjoni tixtieq tindika li din id-devjazzjoni mill-perjodu standard ta' traspożizzjoni ta' sentejn ma għandhiex titqies bħala preċedent. Din għandha bħala għan uniku li tiżgura li fiż-żmien it-traspożizzjoni l-impjegaturi jkollhom fis-seħħ strutturi ta' pagi nondiskriminatorji sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa tar-regoli l-ġodda.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

P9_TA(2023)0092

Regolament dwar il-gassijiet fluworurati

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-30 ta' Marzu 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 (COM(2022)0150 – C9-0142/2022 – 2022/0099(COD)) ⁽¹⁾

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2023/C 341/07)

Emenda 1**Proposta għal regolament****Premessa 1***Test propost mill-Kummissjoni*

- (1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew nieda strateġija ġdida għat-t-kabbir għall-Unjoni bl-għan li jittrasforma lill-Unjoni f'soċjetà ġusta u għanja b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva. Huwa jtenni l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li **żżid il-miri klimatiki tagħha u** tagħmel lill-Ewropa l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050 u għandu l-għan li jiproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u minn impatti relatati mal-ambjent. Barra minn hekk, l-UE ħadet impenn favur l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha.

Emenda

- (1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew nieda strateġija ġdida għat-t-kabbir għall-Unjoni bl-għan li jittrasforma lill-Unjoni f'soċjetà ġusta u għanja b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva. Huwa jtenni l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel lill-Ewropa l-ewwel kontinent newtrali għall-klima **u bi tniġġis żero** sal-2050 u għandu l-għan li jiproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u minn impatti relatati mal-ambjent. Barra minn hekk, l-UE ħadet impenn favur **ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")** ^(1a), **it-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali, u** l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha.

^(1a) **Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")** (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

⁽¹⁾ Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli, skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A9-0048/2023).

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 2
Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁶⁾ ġie adottat sabiex ireġġa' lura ż-żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fluworurati. Kif konkluż minn evalwazzjoni mħejjija mill-Kummissjoni, ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 wassal għal tnaqqis sena wara sena fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fluworurati. Mill-2015 sal-2019, il-provvista tal-idrofluworokarburi ("HFCs") naqset b'37% ftunnellati metriċi u b'47% f'termini ta' tunnelli ekwivalenti ta' CO₂. Kien hemm ukoll bidla ċara fl-użu ta' alternattivi b'potenzjal aktar baxx ta' tisħin globali ("GWP") inklużi alternattivi naturali (pereżempju CO₂, ammonijaka, idrokarburi, ilma) f'ħafna tipi ta' tagħmir li tradizzjonalment kien juża gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.

⁽²⁶⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195).

Emenda

- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁶⁾ ġie adottat sabiex ireġġa' lura ż-żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fluworurati. Kif konkluż minn evalwazzjoni mħejjija mill-Kummissjoni, ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 wassal għal tnaqqis sena wara sena fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fluworurati. Mill-2015 sal-2019, il-provvista tal-idrofluworokarburi ("HFCs") naqset b'37% ftunnellati metriċi u b'47% f'termini ta' tunnelli ekwivalenti ta' CO₂. Kien hemm ukoll bidla ċara fl-użu ta' alternattivi b'potenzjal aktar baxx ta' tisħin globali ("GWP") inklużi alternattivi naturali (pereżempju **arja**, CO₂, ammonijaka, idrokarburi, ilma) f'ħafna tipi ta' tagħmir li tradizzjonalment kien juża gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.

⁽²⁶⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195).

Emenda 3
Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

- (4a) **Il-Pjan RePowerEU jipprevedi 20 miljun pompa tas-sħana ġdida addizzjonali li għandhom jiġu installati fl-Unjoni sal-2026 u kważi 60 miljun sal-2030. It-tnaqqis gradwali sħiħ tal-HFCs sa mhux aktar tard mill-2050 jenħtieġ li jkun konformi u komplementari mal-ambizzjonijiet ta' effiċjenza enerġetika tal-Unjoni kif stabbiliti, fost l-oħrajn, fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, fid-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija (2012/27/UE), fid-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (id-Direttiva 2010/31/UE) u fil-Pjan RePowerEU, inkluża l-adozzjoni ta' applikazzjonijiet għall-irkupru tas-sħana mormija b'impatt klimatiku baxx, bħall-pompi tas-sħana, kif ukoll investimenti fl-eletrifikazzjoni, l-espansjonijiet tal-grilja tal-elettriku u ż-żieda fl-użu tal-batteriji fis-settur tal-enerġija u t-transport.**

Emenda

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 4
Proposta għal regolament
Premessa 6b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (6b) *Huwa ta' importanza kbira li l-Kummissjoni tqis it-tneħħija gradwali tal-HFCs fil-proposti leġiżlattivi li jmiss tagħha, bħar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar ir-reġistrazzjoni, l-ewalwazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (ir-"Regolament REACH") rigward it-tneħħija gradwali ta' sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS).*

Emenda 5
Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (7) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-obbligi ta' rapportar skont il-Protokoll, jenħtieġ li l-potenzjali ta' tisħin globali tal-HFCs jiġu kkalkolati f'termini tal-potenzjal ta' tisħin globali ta' 100 sena ta' kilogramma ta' gass meta mqabbla ma' kilogramma ta' CO₂ fuq il-bażi tar-Raba' Rapport ta' Valutazzjoni adottat mill-IPCC. Għal sustanzi oħrajn, jenħtieġ li jintuża l-aktar Rapport ta' Valutazzjoni riċenti tal-IPCC. Fejn ikun disponibbli, jenħtieġ li jiġi pprovdut il-potenzjal ta' tisħin globali ta' 20 sena sabiex jinforma aħjar dwar l-impatti klimatiċi tas-sustanzi koperti minn dan ir-Regolament.
- (7) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-obbligi ta' rapportar skont il-Protokoll, jenħtieġ li l-potenzjali ta' tisħin globali tal-HFCs jiġu kkalkolati f'termini tal-potenzjal ta' tisħin globali ta' 100 sena ta' kilogramma ta' gass meta mqabbla ma' kilogramma ta' CO₂ fuq il-bażi tar-Raba' Rapport ta' Valutazzjoni adottat mill-IPCC. Għal sustanzi oħrajn, jenħtieġ li jintuża l-aktar Rapport ta' Valutazzjoni riċenti tal-IPCC. Fejn ikun disponibbli, jenħtieġ li jiġi pprovdut il-potenzjal ta' tisħin globali ta' 20 sena sabiex jinforma aħjar dwar l-impatti klimatiċi tas-sustanzi koperti minn dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li, fil-livell internazzjonali, tippromwovi aġġornament tal-valuri GWP tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra f'konformità mas-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni adottat mill-IPCC.***

Emenda 6
Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (8) Ir-rilaxx intenzjonat ta' sustanzi fluworurati, fejn illegali, huwa ksur serju ta' dan ir-Regolament u jenħtieġ li jkun ipprojbit b'mod espliċitu; jenħtieġ li l-operaturi u l-manifatturi tat-tagħmir jkunu obbligati jipprevjenu tnixxijiet ta' tali sustanzi sa fejn ikun possibbli, inkluż permezz ta' kontroll tat-tnixxijiet tal-aktar tagħmir rilevanti.
- (8) Ir-rilaxx intenzjonat ta' sustanzi fluworurati, fejn illegali, huwa ksur serju ta' dan ir-Regolament u jenħtieġ li jkun ipprojbit b'mod espliċitu; jenħtieġ li l-operaturi u l-manifatturi tat-tagħmir jkunu obbligati jipprevjenu tnixxijiet ta' tali sustanzi sa fejn ikun possibbli, inkluż permezz ta' kontroll tat-tnixxijiet tal-aktar tagħmir rilevanti u ***l-ins-tallazzjoni progressiva ta' sistemi ta' detezzjoni ta' tnixxija, inkluż fuq pompi tas-sħana residenzjali, li jipprevjenu r-rilaxx ta' refriġeranti ta' ħsara fl-atmosfera, jgħinu lill-utenti jimminimizzaw l-impatt ambjentali tagħhom, kif ukoll iżidu d-durabbiltà u l-effiċjenza enerġetika tal-apparat.***

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 7
Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

- (9) Minħabba li l-proċess tal-produzzjoni għal xi komposti fluworurati jista' jirriżulta f'emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra oħrajn prodotti bħala prodotti sekondarji, jenħtieġ li tali emissjonijiet ta' prodotti sekondarji jinqerdu jew jiġu rkuprati għall-użu sussegwenti bħala kundizzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra. Jenħtieġ li l-produtturi u l-importaturi jkunu meħtieġa jiddokumentaw il-miżuri adottati sabiex jipprevjenu l-emissjonijiet tat-trifluworometan matul il-proċess tal-produzzjoni.

Emenda

- (9) Minħabba li l-proċess tal-produzzjoni għal xi komposti fluworurati jista' jirriżulta f'emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra oħrajn prodotti bħala prodotti sekondarji, jenħtieġ li tali emissjonijiet ta' prodotti sekondarji jinqerdu jew jiġu rkuprati għall-użu sussegwenti bħala kundizzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra **f'konformità mal-Protokoll**. Jenħtieġ li l-produtturi u l-importaturi jkunu meħtieġa jiddokumentaw il-miżuri **ta' mitigazzjoni** adottati sabiex jipprevjenu l-emissjonijiet tat-trifluworometan matul il-proċess tal-produzzjoni, **u l-prova tal-qerda u l-irkupru ta' dawk l-emissjonijiet ta' prodotti sekondarji f'konformità mal-aħjar tekniki disponibbli**.

Emenda 8
Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

- (10) Għall-prevenzjoni tal-emissjonijiet ta' sustanzi fluworurati, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar l-irkupru ta' sustanzi minn prodotti u minn tagħmir u l-prevenzjoni ta' tnixxijiet ta' tali sustanzi. Il-fowms li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jenħtieġ li jiġu ttrattati f'konformità mad-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁰⁾. L-obbligi ta' rkupru jenħtieġ li jiġu estiżi wkoll għas-sidien u l-kuntratturi tal-bini meta jitneħħew ċerti fowms mill-bini, sabiex jiġi mmassimizzat it-tnaqqis tal-emissjonijiet.

⁽³⁰⁾ Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38).

Emenda

- (10) Għall-prevenzjoni tal-emissjonijiet ta' sustanzi fluworurati, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet dwar l-irkupru ta' sustanzi minn prodotti u minn tagħmir u l-prevenzjoni ta' tnixxijiet ta' tali sustanzi. Il-fowms li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jenħtieġ li jiġu ttrattati f'konformità mad-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁰⁾. L-obbligi ta' rkupru jenħtieġ li jiġu estiżi wkoll għas-sidien u l-kuntratturi tal-bini meta jitneħħew ċerti fowms mill-bini, sabiex jiġi mmassimizzat it-tnaqqis tal-emissjonijiet. **L-iskemi ta-l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku fl-Istati Membri jeħtieġ li jittejbu b'mod konsiderevoli biex jiffaċilitaw aħjar l-irkupru, ir-riċiklaġġ u r-reklamazzjoni tar-refriġeranti, inkluż mill-pompi tas-sħana residenzjali**.

⁽³⁰⁾ Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38).

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 9
Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (10a) *Minkejja l-GWP għoli u l-użu dejjem akbar tal-fluworur tas-sulfuril, l-emissjonijiet ta' dak il-gass fluworurat b'effett ta' serra ma ġewx regolati jew immonitorjati u lanqas mhuma koperti b'xi rekwiżit ta' rapportar skont il-Ftehim ta' Pariġi. Mill-2025, l-operaturi jenħtieġ li jiżguraw li l-fluworur tas-sulfuril jiġi rkuprat wara l-fumigazzjoni, jekk dan ikun teknikament fattibbli u ma jkunx jinvolvi kostijiet sproporzjonati.*

Emenda 10
Proposta għal regolament
Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (10b) *L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jiġu stabbiliti skemi ta' responsabbiltà tal-produttur għat-trattament tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fi tmiem il-ħajja tagħhom. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi rekwiżiti minimi għal dawk l-iskemi ta' responsabbiltà tal-produttur, inkluż dwar il-ġbir, ir-reklamazzjoni, ir-riċiklaġġ, il-faċilitajiet tar-rimi, il-forniment ta' tagħmir lil tekniki ċertifikati, ir-rapportar u s-sensibilizzazzjoni.*

Emenda 11
Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (11) Sabiex jitħeġġeġ l-użu ta' teknoloġiji mingħajr impatt jew b'impatt aktar baxx fuq il-klima li jistgħu jinvolvu l-użu ta' sustanzi li huma tossiċi, fjamabbli jew bi pressjoni għolja, **it-taħriġ** ta' persuni fiżiċi li jwettqu attivitajiet li jinvolvu gassijiet fluworurati b'effett ta' serra **jenħtieġ li jkopri** teknoloġiji li jissostitwixxu jew inaqqsu l-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, **inkluża** informazzjoni dwar aspetti tal-effiċjenza enerġetika u regolamenti u standards tekniċi applikabbli. Il-programmi ta' ċertifikazzjoni u ta' taħriġ stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 517/2014, li jistgħu jiġu integrati fis-sistemi nazzjonali ta' taħriġ vokazzjonali, jenħtieġ li jiġu rrieżaminati jew adattati sabiex it-tekniċi jkunu jistgħu jittrattaw teknoloġiji alternattivi b'mod sikur.

- (11) Sabiex jitħeġġeġ l-użu ta' teknoloġiji mingħajr impatt jew b'impatt aktar baxx fuq il-klima li jistgħu jinvolvu l-użu ta' sustanzi li huma tossiċi, fjamabbli jew bi pressjoni għolja, **L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li numru għoli** ta' persuni fiżiċi li jwettqu attivitajiet li jinvolvu gassijiet fluworurati b'effett ta' serra **u** teknoloġiji li jissostitwixxu jew inaqqsu l-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra **jkunu mħarrġa u ċertifikati. It-taħriġ jenħtieġ li jinkludi** informazzjoni dwar aspetti tal-effiċjenza enerġetika u regolamenti u standards tekniċi applikabbli. Il-programmi ta' ċertifikazzjoni u ta' taħriġ stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 517/2014, li jistgħu jiġu integrati fis-sistemi nazzjonali ta' taħriġ vokazzjonali, jenħtieġ li jiġu rrieżaminati jew adattati sabiex it-tekniċi jkunu jistgħu jittrattaw teknoloġiji alternattivi b'mod sikur.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (11a) F'Mejju 2022, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-Pjan RePowerEU, bħala rispons għat-tbatija u t-tfixkil fis-suq globali tal-enerġija kkawżati mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, bl-għan li tintemm id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-fjuwils fossili Russi u tiġi indirizzata l-kriżi klimatika. Il-Pjan jinkludi mira li jiġu introdotti 10 miljun pompa tas-sħana idronika sal-2027 u li tiġi rduppjata r-rata tal-użu tal-pompa tas-sħana sal-2030. Filwaqt li l-industrija tal-pompi tas-sħana bdiet tinvesti f'alternattivi għall-HFC, jista' jkun diffiċli li l-produzzjoni tal-pompi tas-sħana bbażati fuq l-HFC tiġi sostitwita malajr b'alternattivi naturali u li jiġi pprovdut lis-suq l-ammont ta' pompi tas-sħana fil-mira ta' RePowerEU. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi tas-suq u jenħtieġ li tipprovdri ammont addizzjonali ta' kwoti tal-HFC lill-industrija tal-pompi tas-sħana, jekk it-tnaqqis gradwali tal-kwoti tal-HFC stabbilit fl-Anness VII joħloq tfixkil fis-suq tal-pompi tas-sħana tal-Unjoni sal-punt li jipperikola l-kisba tal-miri għall-varar tal-pompa tas-sħana RePowerEU.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (11b) It-tranżizzjoni lejn l-użu tal-alternattivi ta' idrofluworokarbur se jwassal għall-iffrankar fl-ispejjeż għall-impriżi hekk kif jiġi evitat ix-xiri ta' kwota HFC, u se tixpruna l-innovazzjoni ekoloġika u l-impjeg. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw tranżizzjoni ekwa u ġusta, li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura, għall-persunal impjegat mill-impriżi li ma jirnexxil-homx fit-tranżizzjoni lejn alternattivi naturali.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 14
Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

- (12) Il-projbizzjonijiet eżistenti dwar l-użi speċifiċi tal-eżafli-worur tal-kubrit, l-aktar sustanza li hija magħrufa li tagħmel ħsara lill-klima, jenħtieġ li jinżammu u jiġu kkomplementati minn restrizzjonijiet addizzjonali fuq l-użu fis-settur kritiku tad-distribuzzjoni tal-enerġija.

Emenda

- (12) Il-projbizzjonijiet eżistenti dwar l-użi speċifiċi tal-eżafli-worur tal-kubrit, l-aktar sustanza li hija magħrufa li tagħmel ħsara lill-klima, jenħtieġ li jinżammu u jiġu kkomplementati minn restrizzjonijiet addizzjonali fuq l-użu fis-settur kritiku tad-distribuzzjoni tal-enerġija. **Dan ir-Regolament ma jeħtieġx is-sostituzzjoni ta' kommutaturi li huma diġà installati fil-grilja tal-elettriku fid-dati indikati fl-Anness IV. Jenħtieġ li l-operaturi tal-grilja jkunu meħtieġa jinstallaw kommutaturi ġodda li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-Anness biss meta, mid-dati indikati fih, huma jiddeċiedu li jissostitwixxu kommutaturi diġà installati jew li jinstallaw kommutaturi addizzjonali fil-grilja tal-elettriku.**

Emenda 15
Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (12a) **Il-ħeffa fis-suq tas-sistemi tal-arja kundizzjonata u tat-tagħmir ta' pompi tas-sħana kif ukoll it-tibdil teknoloġiku fir-refriġerazzjoni jsaħħu l-ħtieġa li jiġi ppjanat taħriġ fl-Istati Membri bl-għan li jiġu żgurati li programmi ta' ċertifikazzjoni u t-taħriġ huma biżżejjed biex jintlaħqu l-miri klimatiki tal-Unjoni.**

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 16
Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

- (13) Meta jkunu disponibbli alternattivi adegwati għall-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra speċifiċi, jenħtieġ li jiġu introdotti projbizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq ta' tagħmir ġdid għar-refriġerazzjoni, għall-arja kundizzjonata u għall-protezzjoni kontra n-nar li jkun fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tiegħu jiddependi fuq dawk il-gassijiet. Meta ma jkunx hemm alternattivi vijabbli disponibbli jew dawn ma jkunux jistgħu jintużaw minħabba raġunijiet tekniċi jew ta' sikurezza, jew meta l-użu ta' tali alternattivi jkun jimplika kostijiet sproporzjonati, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Kummissjoni tawtorizza eżenzjoni li tippermetti t-tqegħid fis-suq ta' tali prodotti u tagħmir għal perjodu **limitat**.

Emenda

- (13) Meta jkunu disponibbli alternattivi adegwati għall-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra speċifiċi, jenħtieġ li jiġu introdotti projbizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq ta' tagħmir ġdid għar-refriġerazzjoni, għall-arja kundizzjonata u għall-protezzjoni kontra n-nar, **għall-fowms u għall-aerosols tekniċi** li jkun fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tiegħu jiddependi fuq dawk il-gassijiet. Meta ma jkunx hemm alternattivi vijabbli disponibbli jew dawn ma jkunux jistgħu jintużaw minħabba raġunijiet tekniċi jew ta' sikurezza, jew meta l-użu ta' tali alternattivi jkun jimplika kostijiet sproporzjonati, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Kummissjoni tawtorizza eżenzjoni li tippermetti t-tqegħid fis-suq ta' tali prodotti u tagħmir għal perjodu **massimu ta' 4 snin**. **Jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tkun tista' tiġġedded jekk, wara valutazzjoni ta' talba ġdida sostanzjata għal eżenzjoni, il-Kummissjoni, permezz tal-proċedura ta' kumitat, tikkonkludi li għadhom mhumiex disponibbli alternattivi.**

Emenda 159
Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

- (13a) **Il-projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq ta' partijiet ta' tagħmir li huwa pprojbit fl-ambitu ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li ma tapplikax għall-partijiet meħtieġa għat-tiswija u s-servizzjar ta' tagħmir eżistenti li jkun diġà ġie installat sabiex jiġi żgurat li tali tagħmir jibqa' jista' jissewwa u ssirli l-manutenzjoni tul il-ħajja kollha tiegħu, u b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa ta' sostituzzjoni mhux ġustifikata ta' tagħmir u infrastruttura tal-enerġija eżistenti, ħaġa li jista' jkollha effett negattiv fuq l-isforzi tad-dekarbonizzazzjoni. Jenħtieġ li t-tiswija jew is-servizzjar li għalihom jintużaw tali partijiet ta' sostituzzjoni ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tat-tagħmir jew f'żieda fl-ammont tal-gassijiet fluworurati li jkunu jinsabu fit-tagħmir jew tal-gassijiet fluworurati użati.**

Emenda

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 17
Proposta għal regolament
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (13b) *Il-Kummissjoni jenħtieġ li titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni jiżviluppaw u jaġġornaw l-istandards armonizzati rilevanti biex jiżguraw l-implimentazzjoni mingħajr xkiel tar-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-kodiċijiet tal-bini u l-istandards nazzjonali jiġu aġġornati biex jirriflettu l-limiti ta' mili permissibbli għal refriġeranti fjamabbli, inklużi IEC 60335-2-89 u IEC 60335-2-40 u jenħtieġ li jirrapportaw dwar l-isforzi tagħhom għal dak il-għan u dwar kwalunkwe eċċezzjoni għall-aġġornament tagħhom.*

Emenda 18
Proposta għal regolament
Premessa 13c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (13c) *Meta teżamina jekk hemmx alternattivi għall-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra speċifiċi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra mhux biss jekk teżistix alternattiva teknika, iżda wkoll trid tikkunsidra l-alternattiva fis-sens l-aktar wiesa' tagħha. Jenħtieġ li l-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra, fost affarijiet oħra, jekk l-alternattiva hiji ekonomikament vijabbli u jekk l-alternattiva tistax tiġi adottata b'mod wiesa' għal raġunijiet prattiċi. B'mod partikolari, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis is-sitwazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) meta tivvaluta jekk alternattiva tistax tiġi applikata b'mod realistiku. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun kapaċi wkoll tipprovdi eċċezzjonijiet applikabbli għall-SMEs.*

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 19

Proposta għal regolament

Premessa 13d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (13d) Il-produzzjoni ta' inalaturi b'doża mkejla (MDIs) għall-ġhoti ta' ingredjenti farmaċewtiċi tuża proporzjon mhux negliġibbli tal-HFCs kollha kkunsmati fl-Unjoni. Madankollu, l-MDIs li jużaw gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP aktar baxx u alternattivi naturali qed jiġu żviluppati mill-industrija. Dan ir-Regolament jinkludi s-settur tal-MDI fis-sistema tal-kwoti tal-HFC, u b'hekk joħloq iċċentiv għall-industrija biex issegwi t-triq tagħha lejn alternattivi aktar nodfa. Sabiex tkun tista' ssir tranżizzjoni bla xkiel lejn alternattivi nodfa, l-Anness VII u l-Anness VIII ta' dan ir-Regolament jintroduċu mekkaniżmu ta' kwoti riżervati għas-settur tal-MDI għall-ewwel żewġ perjodi ta' allokkazzjoni tal-kwoti. Jenħtieġ li s-settur tal-MDI jkun jista' jirċievi ammont ta' kwoti li jikkorrispondi għall-konsum attwali kollu tiegħu matul l-ewwel perjodu ta' allokkazzjoni wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u ammont ta' kwoti li jikkorrispondi għal 70 % tal-konsum attwali tiegħu matul it-tieni perjodu ta' allokkazzjoni.

Emenda 20

Proposta għal regolament

Premessa 13e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (13e) L-MDIs huma prodotti mediċi soġġetti għal valutazzjonijiet rigorużi inklużi studji kliniċi sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-pazjent. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) jikkoopearaw mill-qrib biex jiżguraw proċess ta' approvazzjoni bla xkiel tal-MDIs li jużaw gassijiet fluworurati b'GWP baxx u alternattivi għall-gassijiet fluworinati, billi jiżguraw it-tranżizzjoni lejn soluzzjonijiet nodfa min-għajr ma jaffettwaw l-aċċessibbiltà, id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-mediċini essenzjali.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 21
Proposta għal regolament
Premessa 13f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (13f) *Xi tagħmir tat-tkessiħ użat flimkien mal-batteriji meħtieġa għat-tranżizzjoni tal-enerġija tal-Unjoni jista' jkun fih gassijiet fluworurati. Madankollu, dan is-settur ma ġiex analizzat fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja dan ir-Regolament. Fir-rapport tagħha dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, mistenni sal-1 ta' Jannar 2027, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq is-sug tal-batteriji tal-Unjoni.*

Emenda 22
Proposta għal regolament
Premessa 13g (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (13g) *Fil-komunikazzjoni tagħha tal-14 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità", il-Kummissjoni indikat li l-PFAS jirrikjedu attenzjoni speċjali, fid-dawl tal-ġhadd kbir ta' każijiet ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma – inkluż l-ilma tax-xorb – fl-Unjoni u globalment, l-ġhadd ta' persuni affettwati bi spettru sħiħ ta' mard u l-kostijiet soċjetali u ekonomiċi relatati, u stabbiliet l-oġettiv li l-PFAS jitnaqqsu gradwalment fl-Unjoni, sakemm ma jiġix approvat li huma essenzjali għas-soċjetà. Sabiex jiġu żgurati l-koerenza mal-politika tal-Unjoni u livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, u fid-dawl tad-disponibbiltà ta' alternattivi mhux tossiċi, jenħtieġ li dan ir-Regolament jinkoraġġixxi s-sostituzzjoni tal-HFCs b'gassijiet fluworurati b'effett ta' serra li huma wkoll PFAS, li l-produzzjoni tagħhom tipproduċi PFAS jew li b'xi mod ieħor jiddekomponi fi PFAS. Jekk il-projbizzjonijiet fl-Anness IV jippermettu t-tqegħid fis-suq u l-esportazzjoni ta' prodotti u tagħmir li fihom il-PFAS, huwa importanti li l-Istati Membri jaħdmu mal-industrija biex jidderieġu l-investimenti f'alternattivi. Dan se jipprevjeni wkoll assi mhux rekuperabbli, jekk ir-reviżjoni tar-Regolament REACH tintroduċi projbizzjonijiet tal-PFAS. Immedjatament wara l-adozzjoni tar-Regolament REACH rivedut, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-koerenza bejn dan ir-Regolament u dak ir-Regolament.*

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 23

Proposta għal regolament

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

- (15) Jenħtieġ li kontenituri li ma jistgħux jerġgħu jintlew **għal sustanzi li jnaqqsu l-ożonu** jiġu pprojbiti, meta jitqies li ammont ta' refriġerant inevitabbilment jibqa' f'dawn il-kontenituri meta jitbattlu, li mbagħad jiġi rrilaxxat fl-atmosfera. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprojbixxi l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq, il-provvista sussegwenti jew it-tqegħid fis-suq, l-użu sakemm ma jkunx għal użi fil-laboratorji u għal użi analitiċi, u l-esportazzjoni tagħhom.

Emenda

- (15) Jenħtieġ li kontenituri li ma jistgħux jerġgħu jintlew **ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra** jiġu pprojbiti, meta jitqies li ammont ta' refriġerant inevitabbilment jibqa' f'dawn il-kontenituri meta jitbattlu, li mbagħad jiġi rrilaxxat fl-atmosfera. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprojbixxi l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq, il-provvista sussegwenti jew it-tqegħid fis-suq, l-użu sakemm ma jkunx għal użi fil-laboratorji u għal użi analitiċi, u l-esportazzjoni tagħhom. **Sabiex jipprevjenu kontenituri li jistgħu jerġgħu jintlew milli jiġu mormija minflok li jintlew mill-ġdid, l-impriżi jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipproduċu dikjarazzjoni ta' konformità inkluża evidenza dwar l-arranġamenti li jkunu saru għar-ritorn tagħhom għall-iskop biex jintlew mill-ġdid meta kontenituri li jistgħu jerġgħu jintlew jitqiegħdu fis-suq.**

Emenda 24

Proposta għal regolament

Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (15a) **Peress li pajjiżi terzi, b'mod partikolari dawk li qed jiżviluppaw, jista' la jkollhom obbligi stretti ta' rkupru għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u lanqas ma jkollhom l-infrastruttura xierqa biex jimmaniġġjaw dawk il-gassijiet fi tmiem tal-ħajja tagħhom, l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi ta' prodotti u tagħmir li fihom dawk il-gassijiet jistgħu jirriżultaw fir-rilaxx ta' dawk il-gassijiet fl-atmosfera. Fil-qafas tal-isforzi globali tal-Unjoni biex jittaffa t-tibdil fil-klima, il-projbizzjonijiet fuq il-prodotti u t-tagħmir stabbiliti fl-Anness IV għandhom għalhekk japplikaw kemm għat-tqegħid tagħhom fis-suq tal-Unjoni kif ukoll għall-esportazzjoni tagħhom mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi.**

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 25

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

- (17) Sabiex jiġi implimentat il-Protokoll, inkluż it-tnaqqis gradwali tal-kwantitajiet ta' HFCs, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli talloka kwoti lil produtturi u lil importaturi individwali għat-tqegħid tal-HFCs fis-suq, filwaqt li tiżgura li l-limitu kwantitattiv ġenerali permess mill-Protokoll ma jinqabiżx. Għall-protezzjoni tal-integrità tat-tnaqqis gradwali tal-kwantitajiet ta' HFCs imqegħdin fis-suq, jenħtieġ li jittieħed kont tal-HFCs li jinsabu fit-tagħmir taħt is-sistema ta' kwoti.

Emenda

- (17) Sabiex jiġi implimentat il-Protokoll, inkluż it-tnaqqis gradwali tal-kwantitajiet ta' HFCs, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli talloka kwoti lil produtturi u lil importaturi individwali għat-tqegħid tal-HFCs fis-suq, filwaqt li tiżgura li l-limitu kwantitattiv ġenerali permess mill-Protokoll ma jinqabiżx. **Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista', b'mod eċċezzjonali, tawtorizza eżenzjoni sa erba' snin dwar l-esklużjoni ta' idrokarburi mis-sistema ta' kwoti għall-użu f'applikazzjonijiet speċifiċi jew kategoriji speċifiċi ta' prodotti jew tagħmir. Jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tkun tista' tiġġedded jekk, wara valutazzjoni ta' talba ġdida sostanzjata għal eżenzjoni, il-Kummissjoni, permezz tal-proċedura ta' kumitat, tikkonkludi li għadhom mhumiex disponibbli alternattivi.** Għall-protezzjoni tal-integrità tat-tnaqqis gradwali tal-kwantitajiet ta' HFCs imqegħdin fis-suq, jenħtieġ li jittieħed kont tal-HFCs li jinsabu fit-tagħmir taħt is-sistema ta' kwoti.

Emenda 26

Proposta għal regolament

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

- (20) Meta jitqies il-valur tas-suq tal-kwota allokata, huwa xieraq li jintalab prezz għall-allokazzjoni tagħha. Dan jevita frammentazzjoni ulterjuri tas-suq għad-detriment ta' dawk l-impriżi li jeħtieġu l-provvista ta' HFCs u li diġà jiddependu fuq il-kummerċ tal-HFCs fis-suq li qed jiċkien. Huwa preżunt li l-impriżi li jiddeċiedu li ma jitolbu u ma jħallsu l-ebda kwota, li għaliha jkunu intitolati fis-sena/s-nin ta' qabel il-kalkolu tal-valuri ta' referenza, iddeċidew li jħallu s-suq u, għalhekk, ma jiksbu l-ebda valur ta' referenza ġdid. Jenħtieġ li d-dħul jintuża sabiex ikopri l-kostijiet amministrattivi.

Emenda

- (20) Meta jitqies il-valur tas-suq tal-kwota allokata, huwa xieraq li jintalab prezz għall-allokazzjoni tagħha. Dan jevita frammentazzjoni ulterjuri tas-suq għad-detriment ta' dawk l-impriżi li jeħtieġu l-provvista ta' HFCs u li diġà jiddependu fuq il-kummerċ tal-HFCs fis-suq li qed jiċkien. Huwa preżunt li l-impriżi li jiddeċiedu li ma jitolbu u ma jħallsu l-ebda kwota, li għaliha jkunu intitolati fis-sena/s-nin ta' qabel il-kalkolu tal-valuri ta' referenza, iddeċidew li jħallu s-suq u, għalhekk, ma jiksbu l-ebda valur ta' referenza ġdid. **Dak il-prezz tal-kwota jenħtieġ li jiżdied maż-żmien sabiex jipprovdri fluss ta' dħul stabbli.** Jenħtieġ li d-dħul jintuża sabiex ikopri l-kostijiet amministrattivi, **biex jappoġġa l-bini tal-kapaċità, l-implimentazzjoni u l-infurzar, kif ukoll biex iħaffef l-użu ta' alternattivi għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.**

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 27**Proposta għal regolament****Premessa 25***Test propost mill-Kummissjoni*

- (25) Sabiex jiġi żgurat li r-rapporti dwar il-kwantitajiet sostanzjali ta' sustanzi jkunu akkurati u li l-kwantitajiet ta' HFCs li jinsabu f'taġġmir iċċarġjat minn qabel jitqiesu skont is-sistema ta' kwoti tal-Unjoni, jenħtieġ li tkun meħtieġa verifika minn parti terza.

Emenda

- (25) Sabiex jiġi żgurat li r-rapporti dwar il-kwantitajiet sostanzjali ta' sustanzi jkunu akkurati u li l-kwantitajiet ta' HFCs li jinsabu f'taġġmir iċċarġjat minn qabel jitqiesu skont is-sistema ta' kwoti tal-Unjoni, jenħtieġ li tkun meħtieġa verifika minn parti terza **indipendenti**.

Emenda 28**Proposta għal regolament****Premessa 28a (ġdida)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

- (28a) **Jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jimmonitorjaw jekk il-prodotti koperti taħt dan ir-Regolament li huma ddikjarati li huma fi tranżitu jkunux fil-fatt telqu mit-territorju doganali tal-Unjoni. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jżommu rekords dwar l-impriża li tkun qed tagħmel it-tranżitu.**

Emenda 29**Proposta għal regolament****Premessa 29***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

- (29) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet doganali li jwettqu kontrolli skont dan ir-Regolament ikollhom ir-riżorsi u l-għarfien xierqa, pereżempju permezz ta' taħriġ magħmul disponibbli għalihom, u jkunu mghammin biżżejjed bil-ħsieb li jindirizzaw każijiet ta' kummerċ illegali tal-gassijiet u tal-prodotti u tat-tagħmir koperti minn dan ir-Regolament. **Jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru daww l-uffiċċji doganali li jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet u għalhekk jingħataw il-mandat li jwettqu kontrolli doganali fuq l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet u f'każijiet ta' tranżitu.**

- (29) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet doganali li jwettqu kontrolli skont dan ir-Regolament ikollhom ir-riżorsi u l-għarfien xierqa, pereżempju permezz ta' taħriġ magħmul disponibbli għalihom, u jkunu mghammin biżżejjed bil-ħsieb li jindirizzaw każijiet ta' kummerċ illegali tal-gassijiet u tal-prodotti u tat-tagħmir koperti minn dan ir-Regolament.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 30

Proposta għal regolament

Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

- (32) L-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' HFCs kif ukoll ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom HFCs jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq daww il-gassijiet minn u lejn Stat li ma huwiex parti għall-Protokoll jenħtieġ li jiġu pprojbiti mill-2028 'il quddiem **Għalhekk, il-projbizzjoni parallela prevista skont** il-Protokoll **mill-2033 avanzat, sabiex jiġi żgurat** li l-miżuri globali għat-tnaqqis tal-HFCs tal-Emenda ta' Kigali jipprovdu l-benefiċċju previst għall-klima mill-aktar fis possibbli.

Emenda

- (32) L-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' HFCs kif ukoll ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom HFCs jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq daww il-gassijiet minn u lejn Stat li ma huwiex parti għall-Protokoll jenħtieġ li jiġu pprojbiti mill-2028 'il quddiem il-Protokoll **jipprevedi dik il-projbizzjoni mill-2033, u l-iskop tal-applikazzjoni aktar kmieni tiegħu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament huwa li tiżgura** li l-miżuri globali għat-tnaqqis tal-HFCs tal-Emenda ta' Kigali jipprovdu l-benefiċċju previst għall-klima mill-aktar fis possibbli.

Emenda 31

Proposta għal regolament

Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

- (34a) **Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi u s-sovranità tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-penali jkunu koerenti kemm jista' jkun. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, għalhekk, teżamina d-differenzi fil-penali bejn l-Istati Membri kull erba' snin u tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.**

Emenda

- (34a) **Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi u s-sovranità tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-penali jkunu koerenti kemm jista' jkun. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, għalhekk, teżamina d-differenzi fil-penali bejn l-Istati Membri kull erba' snin u tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.**

Emenda 32

Proposta għal regolament

Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

- (37) L-informaturi jistgħu jgħibu informazzjoni ġdida għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li tista' tgħin lill-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw ksur ta' dan ir-Regolament u tippermettilhom jimponu penali. Jenħtieġ li jiġi żgurat li jkunu fis-seħħ arranġamenti adegwati li jippermettu lill-informaturi jwissu lill-awtoritajiet kompetenti dwar ksur reali jew potenzjali ta' dan ir-Regolament u li jipproteġu lill-informaturi minn ritaljazzjoni. Għal dak l-għan, jenħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġi previst li d-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁶⁾ tkun applikabbli għar-rapportar ta' ksur ta' dan ir-Regolament u għall-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw tali ksur.

Emenda

- (37) L-informaturi jistgħu jgħibu informazzjoni ġdida għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li tista' tgħin lill-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw ksur ta' dan ir-Regolament u tippermettilhom jimponu penali. Jenħtieġ li jiġi żgurat li jkunu fis-seħħ arranġamenti adegwati li jippermettu lill-informaturi jwissu lill-awtoritajiet kompetenti dwar ksur reali jew potenzjali ta' dan ir-Regolament u li jipproteġu lill-informaturi **b'mod effettiv** minn ritaljazzjoni. Għal dak l-għan, jenħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġi previst li d-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽³⁶⁾ tkun applikabbli għar-rapportar ta' ksur ta' dan ir-Regolament u għall-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw tali ksur.

⁽³⁶⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

⁽³⁶⁾ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 33
Proposta għal regolament
Premessa 37a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (37a) **Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar "It-titjib tal-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali fl-UE u fl-Istati Membri tagħha" sottomlinjat il-ħtieġa li jiġu inklużi dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-ġustizzja fil-proposti leġiżlattivi tal-UE u fil-liġi ġdida jew riveduta tal-UE li tikkonċerna kwistjonijiet ambjentali. Dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-ġustizzja biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali għall-aċċess għall-ġustizzja fl-Istati Membri f'konformità mal-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (il-"Konvenzjoni ta' Aarhus").**

Emenda 34
Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (39) **Fl-implimentazzjoni** ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi hekk imsejjaħ Forum ta' Konsultazzjoni **sabiex tiżgura** parteċipazzjoni bbilanċjata tar-rappreżentanti tal-Istati Membri u **tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili**, inklużi organizzazzjonijiet ambjentali, rappreżentanti ta' manifatturi, operaturi u persuni ċertifikati.
- (39) **Sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni** ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi 'l hekk imsejjaħ Forum ta' Konsultazzjoni. **Jenħtieġ li l-Forum ta' Konsultazzjoni jiżgura** parteċipazzjoni bbilanċjata tar-rappreżentanti tal-Istati Membri u **tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha** inklużi organizzazzjonijiet ambjentali, **assoċjazzjonijiet tal-pazjenti u organizzazzjonijiet tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa**, rappreżentanti ta' manifatturi, operaturi u persuni ċertifikati. **Jenħtieġ li l-Forum ta' Konsultazzjoni jikkoopera mal-Aġenziji rilevanti tal-UE, b'mod partikolari l-EMA.**

Emenda 35
Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

- (40) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' evidenza li għandha tingħata dwar il-qerda jew l-irkupru tal-produzzjoni sekondarja tat-trifluworometan matul il-manifattura ta' sustanzi fluworurati oħrajn; rekwiżiti għall-kontrolli tat-tnixxijiet; il-format tar-rekords, l-istabbiliment u l-manutenzjoni tagħhom; ir-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' ċertifikazzjoni u l-attestazzjonijiet tat-taħriġ; il-format tan-notifika ta' programmi ta' ċertifikazzjoni u ta' taħriġ; eżenzjonijiet għal prodotti u għal tagħmir li jaqgħu taħt projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq; il-format tat-tikketti; id-determinazzjoni tad-drittijiet tal-produzzjoni għall-produtturi tal-HFCs; eżenzjonijiet mir-rekwiżit tal-kwoti għall-HFCs għall-użu f'applikazzjonijiet speċifiċi, jew kategoriji speċifiċi ta' prodotti jew ta' tagħmir; id-determinazzjoni tal-valuri ta' referenza għall-produtturi u għall-importaturi għat-tqegħid tal-HFCs fis-suq; il-modalitajiet u l-arranġamenti dettaljati għall-ħlas tal-ammont dovut; l-arranġamenti dettaljati għad-dikjarazzjoni ta' konformità għat-tagħmir iċċarġjat minn qabel u għall-verifika tiegħu kif ukoll għall-akkreditazzjoni tal-verifikaturi; il-funzjonament bla xkiel tar-reġistru; l-awtorizzazzjoni ta' kummerċ ma' entitajiet mhux koperti mill-Protokoll; id-dettalji tal-verifika tar-rapportar u tal-akkreditazzjoni tal-verifikaturi u l-format għas-sottomissjoni tar-rapporti. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁷⁾.

⁽³⁷⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Emenda

- (40) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' evidenza li għandha tingħata dwar il-qerda jew l-irkupru tal-produzzjoni sekondarja tat-trifluworometan matul il-manifattura ta' sustanzi fluworurati oħrajn; rekwiżiti għall-kontrolli tat-tnixxijiet; il-format tar-rekords, l-istabbiliment u l-manutenzjoni tagħhom; ir-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' ċertifikazzjoni u l-attestazzjonijiet tat-taħriġ; il-format tan-notifika ta' programmi ta' ċertifikazzjoni u ta' taħriġ; eżenzjonijiet għal prodotti u għal tagħmir li jaqgħu taħt projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq; il-format tat-tikketti; id-determinazzjoni tad-drittijiet tal-produzzjoni għall-produtturi tal-HFCs; **id-determinazzjoni tad-dettalji tad-dikjarazzjoni ta' konformità għal kontenituri li jistgħu jerġgħu jintlew għal gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, inkluża evidenza li tikkonferma li hemm arranġamenti fis-seħħ għar-ritorn ta' dak il-kontenitur għall-fini ta' mili mill-ġdid**; eżenzjonijiet mir-rekwiżit tal-kwoti għall-HFCs għall-użu f'applikazzjonijiet speċifiċi, jew kategoriji speċifiċi ta' prodotti jew ta' tagħmir; id-determinazzjoni tal-valuri ta' referenza għall-produtturi u għall-importaturi għat-tqegħid tal-HFCs fis-suq; il-modalitajiet u l-arranġamenti dettaljati għall-ħlas tal-ammont dovut; l-arranġamenti dettaljati għad-dikjarazzjoni ta' konformità għat-tagħmir iċċarġjat minn qabel u għall-verifika tiegħu kif ukoll għall-akkreditazzjoni tal-verifikaturi; il-funzjonament bla xkiel tar-reġistru; l-awtorizzazzjoni ta' kummerċ ma' entitajiet mhux koperti mill-Protokoll; id-dettalji tal-verifika tar-rapportar u tal-akkreditazzjoni tal-verifikaturi u l-format għas-sottomissjoni tar-rapporti. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁷⁾.

⁽³⁷⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 36
Proposta għal regolament
Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni

(41) Sabiex jiġu emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' prodotti u ta' tagħmir li għalihom l-irkupru ta' gassijiet jew il-qerda tagħhom ikun teknikament u ekonomikament fattibbli u l-ispeċifikazzjoni tat-teknoloġiji li għandhom jiġu applikati; ir-rekwiżiti dwar it-tikkettar; l-esklużjoni mir-rekwiżiti tal-kwoti tal-HFCs f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-Partijiet għall-Protokoll; **dwar** l-ammonti dovuti għall-allokazzjoni tal-kwota u l-mekkaniżmu għall-allokazzjoni tal-kwoti li jifdal; miżuri addizzjonali għall-monitoraġġ ta' sustanzi u ta' prodotti u ta' tagħmir imqegħdin taħt proċeduri ta' ħażna temporanja u doganali; ir-regoli applikabbli għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' prodotti u ta' tagħmir importati minn u esportati lejn kwalunkwe entità mhux koperta mill-Protokoll; l-aġġornament tal-potenzjali tat-tisħin globali tas-sustanzi elenkati. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁽³⁸⁾. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għall-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jitttrattaw it-tħejija ta' atti delegati.

Emenda

(41) Sabiex jiġu emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' lista ta' prodotti u ta' tagħmir li għalihom l-irkupru ta' gassijiet jew il-qerda tagħhom ikun teknikament u ekonomikament fattibbli u l-ispeċifikazzjoni tat-teknoloġiji li għandhom jiġu applikati; **l-istabbiliment ta' rekwiżiti minimi għall-iskemi ta' responsabbiltà tal-produttur għall-irkupru, ir-riċiklaġġ, ir-reklamazzjoni jew il-qerda ta' ċerti gassijiet serra fluworinati, inkluż dwar il-ġbir, ir-reklamazzjoni, ir-riċiklaġġ, il-faċilitajiet tar-rimi, il-forniment ta' tagħmir lil tekniċi ċċertifikati, ir-rapportar u s-sensibilizzazzjoni;** ir-rekwiżiti dwar it-tikkettar; l-esklużjoni mir-rekwiżiti tal-kwoti tal-HFCs f'konformità mad-deċiżjonijiet tal-Partijiet għall-Protokoll; **l-esklużjoni mis-sistema tal-kwoti tat-tqegħid fis-suq ta' materjali semikondutturi tal-idrofluworokarburi jew ta' kmamar għad-depożizzjoni tal-fwar fis-settur tas-semikondutturi, meta, f'ċerti każijiet, ikun hemm nuqqasijiet jew interruzzjonijiet fil-provvista fis-suq tal-Unjoni ta' materjali semikondutturi jew ta' kmamar għad-depożizzjoni tal-fwar; iż-żieda, f'ċerti każijiet, tal-kwoti għat-tqegħid fis-suq tal-Unjoni tal-idrofluworokarburi li għandhom jintużaw fil-pompi tas-sħana sas-sena 2029;** l-ammonti dovuti għall-allokazzjoni tal-kwota u l-mekkaniżmu għall-allokazzjoni tal-kwoti li jifdal; miżuri addizzjonali għall-monitoraġġ ta' sustanzi u ta' prodotti u ta' tagħmir imqegħdin taħt proċeduri ta' ħażna temporanja u doganali; ir-regoli applikabbli għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' prodotti u ta'

⁽³⁸⁾ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

tagħmir importati minn u esportati lejn kwalunkwe entità mhux koperta mill-Protokoll; ***l-adozzjoni ta' qafas ġenerali komuni għad-disinn ta' sistemi elettroniċi ċentralizzati għar-reġistrazzjoni tal-informazzjoni mig-bura skont dan ir-Regolament***; u l-aġġornament tal-potenzjali tat-tisħin globali tas-sustanzi elenkati ***u biex jissaħħu l-projbizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq ta' tali sustanzi***. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, ***b'mod partikolari l-konsultazzjoni mal-Forum ta' Konsultazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 33 ta' dan ir-Regolament***, inkluż fil-livell ta' esperti u li daww il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁽³⁸⁾. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejija ta' atti delegati.

⁽³⁸⁾ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Emenda 37

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Dan ir-Regolament japplika għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Annessi I, II u **II**, kemm jekk waħedhom kif ukoll jekk f'taħlita.

1. Dan ir-Regolament japplika għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Annessi I, II u **III**, kemm jekk waħedhom kif ukoll jekk f'taħlita.

Emenda 38

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għal prodotti u għal tagħmir, ***u partijiet minnhom***, li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq daww il-gassijiet.

2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għal prodotti u għal tagħmir, li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi, ***parzjalment jew għalkollox***, fuq daww il-gassijiet.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 39**Proposta għal regolament****Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5***Test propost mill-Kummissjoni*

- (5) “operatur” tfisser l-impriża li teżerċita s-setgħa attwali fuq il-funzjonament tekniku ta’ prodotti u ta’ tagħmir koperti minn dan ir-Regolament jew **tas-sid** meta **ddeżinjat** minn Stat Membru bħala responsabbli għall-obbligi tal-operatur f’każijiet speċifiċi;

Emenda

- (5) “operatur” tfisser l-impriża li teżerċita s-setgħa attwali fuq il-funzjonament tekniku ta’ prodotti u ta’ tagħmir koperti minn dan ir-Regolament jew **tal-entità** meta **ddeżinjata** minn Stat Membru bħala responsabbli għall-obbligi tal-operatur f’każijiet speċifiċi;

Emenda 40**Proposta għal regolament****Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6***Test propost mill-Kummissjoni*

- (6) “tqegħid fis-suq” tfisser il-forniment jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ persuna oħra fl-Unjoni, għall-ewwel darba, bi hłas jew mingħajr hłas, ir-rilaxx doganali għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni, u l-użu ta’ sustanzi prodotti jew l-użu ta’ prodotti jew ta’ tagħmir manifatturati għall-użu proprju;

Emenda

- (6) *Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.*

Emenda 41**Proposta għal regolament****Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 27***Test propost mill-Kummissjoni*

- (27) “materja prima” tfisser kwalunkwe gass fluworurat b’effett ta’ serra elenkat fl-Annessi I u II, li jgħaddi minn trasformazzjoni kimika fi proċess li fih jinbidel kompletament mill-kompożizzjoni oriġinali tiegħu **u li l-emissjonijiet tiegħu ma jkunux sinifikanti**;

Emenda

- (27) “materja prima” tfisser kwalunkwe gass fluworurat b’effett ta’ serra elenkat fl-Annessi I u II, li jgħaddi minn trasformazzjoni kimika fi proċess li fih jinbidel kompletament mill-kompożizzjoni oriġinali tiegħu;

Emenda 42**Proposta għal regolament****Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

Sabiex jipprovdu dik l-evidenza, l-importaturi u l-produtturi għandhom ifasslu dikjarazzjoni ta’ konformità u jgħaqqdu d-dokumentazzjoni ta’ sostenn dwar il-faċilità tal-produzzjoni **u l-miżuri** ta’ mitigazzjoni adottati sabiex jiġu evitati l-emissjonijiet tat-trifluworometan. Il-produtturi u l-importaturi għandhom iżommu d-dikjarazzjoni ta’ konformità u d-dokumentazzjoni ta’ sostenn għal perjodu ta’ mill-inqas ħames snin wara t-tqegħid fis-suq u jagħmluhom disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u għall-Kummissjoni, meta jintalbu.

Emenda

Sabiex jipprovdu dik l-evidenza, l-importaturi u l-produtturi għandhom ifasslu dikjarazzjoni ta’ konformità u jgħaqqdu d-dokumentazzjoni ta’ sostenn **ma**:

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (a) **informazzjoni** dwar il-faċilità tal-produzzjoni;
- (b) **il-prova tad-disponibbiltà u t-tħaddim tal-aqwa teknoloġija ta' tnaqqis tal-emissjonijiet disponibbli fil-faċilità ta' produzzjoni**;
- (c) **il-prova tal-miżuri** ta' mitigazzjoni adottati sabiex jiġu evitati l-emissjonijiet tat-trifluworometan, **f'konformità mal-aqwa tekniki disponibbli**;
- (d) **il-prova tal-qerda jew l-irkupru ta' kwalunkwe kwantità ta' trifluworometan emess, f'konformità mal-aqwa tekniki disponibbli u f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(7).**

Il-produtturi u l-importaturi għandhom iżommu d-dikjarazzjoni ta' konformità u d-dokumentazzjoni ta' sostenn għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin wara t-tqegħid fis-suq u jagħmluhom disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u għall-Kummissjoni, meta jintalbu.

Emenda 43

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni **tista'**, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-arranġamenti dettaljati relatati mad-dikjarazzjoni ta' konformità u mad-dokumentazzjoni ta' sostenn imsemmijin fit-tieni subparagrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 34(2).

Emenda

Il-Kummissjoni **għandha**, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-arranġamenti dettaljati relatati mad-dikjarazzjoni ta' konformità u mad-dokumentazzjoni ta' sostenn imsemmijin fit-tieni subparagrafu, **u l-elementi dettaljati tagħhom**. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-Artikolu 34(2).

Emenda 44

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi (1) sa (6), l-operaturi għandhom jiżguraw li l-fluworur tas-sulfuril jinqabad u jiġi rkuprat wara l-fumigazzjoni. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-irkupru jitwettaq minn persuni fiżiċi kwalifikati kif xieraq, sabiex il-gassijiet jiġu rriċiklati, irreklamati jew meqruda.

Sabiex jipprovdu evidenza tal-qerda, l-operaturi għandhom ifasslu dikjarazzjoni ta' konformità u jehmżu dokumentazzjoni ta' sostenn li jkun fiha informazzjoni dwar il-faċilità, il-prova tad-disponibbiltà u t-tħaddim tal-aqwa teknoloġija ta' rkupru disponibbli f'dik il-faċilità, u prova tal-miżuri adottati biex jiġu rkuprati l-emissjonijiet tal-fluworur tas-sulfuril. L-effettività tas-sistema għandha tiġi xjentifikament verifikata b'mod indipendenti.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta l-irkupru ma jkunx teknikament jew ekonomikament fattibbli, l-operaturi għandhom jużaw għażliet ta' trattament alternattivi, sakemm tali għażliet ta' trattament alternattiv ma jkunux disponibbli. F'każ bħal dan, l-operatur għandu jfassal dokumentazzjoni li tipprova evidenza tal-impossibbiltà tal-irkupru tal-fluworur tas-sulfuril u n-nuqqas ta' għażliet alternattivi ta' trattament.

L-operatur għandu jżomm id-dikjarazzjoni tal-konformità u d-dokumentazzjoni għal ħames snin u għandu jagħmilhom disponibbli, fuq talba, għall-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru u għall-Kummissjoni.

Emenda 45

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-operaturi ta' tagħmir li fih 5 **tunnellata** fekwivalenti ta' CO₂ jew aktar ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I jew kilogramma jew aktar ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima I tal-Anness II, mhux inklużi fil-fowms, għandhom jiżguraw li t-tagħmir jiġi vverifikat għal tnixxijiet.

Emenda

Il-manifatturi u l-operaturi ta' tagħmir li fih 5 tunnellati fekwivalenti ta' CO₂ jew aktar ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I jew kilogramma jew aktar ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima I tal-Anness II, mhux inklużi fil-fowms, għandhom jiżguraw li t-tagħmir jiġi vverifikat għal tnixxijiet, **anki waqt il-manifattura tiegħu.**

Emenda 46

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Tagħmir **issiġillat** ermetikament li jkun fih anqas minn 10 tunnellati fekwivalenti ta' CO₂ ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I jew 2 kilogrammi f'gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima I tal-Anness II, ma għandux jiġi vverifikat għal tnixxijiet, dment li t-tagħmir ikun issiġillat b'mod ermetiku u l-partijiet konnessi tiegħu jkollhom rata ta' tnixxija ttestjata ta' anqas minn 3 grammi fis-sena taħt pressjoni ta' mill-inqas kwart tal-pressjoni massima permissibbli. Il-kommutatur elettriku ma għandux jiġi vverifikat għal tnixxijiet dment li jkun konformi ma' waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

Emenda

Tagħmir **residenzjali ssiġillat** ermetikament li jkun fih anqas minn 10 tunnellati fekwivalenti ta' CO₂ ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I jew 2 kilogrammi f'gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima I tal-Anness II, ma għandux jiġi vverifikat għal tnixxijiet, dment li t-tagħmir ikun issiġillat b'mod ermetiku u l-partijiet konnessi tiegħu jkollhom rata ta' tnixxija ttestjata ta' anqas minn 3 grammi fis-sena taħt pressjoni ta' mill-inqas kwart tal-pressjoni massima permissibbli. Il-kommutatur elettriku ma għandux jiġi vverifikat għal tnixxijiet dment li jkun konformi ma' waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

Emenda 47

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) **ikun fih anqas minn 6 kilogrammi f'gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I.**

Emenda

imħassar

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 48

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) unitajiet ta' refriġerazzjoni ta' trakkijiet u trejlers refriġerati;

Emenda

(e) unitajiet ta' refriġerazzjoni ta' trakkijiet, trejlers, **vannijiet u vapuri** refriġerati;

Emenda 49

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) **it-tagħmir tal-arja kundizzjonata fil-metros, il-ferroviji, il-vapuri, l-ajruplani u l-vetturi tat-trasport bit-triq bl-eċċezzjoni ta' dawk li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);**(*) **Id-Direttiva 2006/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar emissjonijiet minn sistemi ta' kondizzjonament tal-arja f'vetturi bil-mutur li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE (ĠU L 161, 14.6.2006, p. 12).**

Emenda 50

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-operaturi tat-tagħmir elenkat fil-punti (f) u (g) tal-Artikolu 5(2), u li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I fi kwantitajiet ta' 500 tunnellata jew aktar ta' ekwivalenti ta' CO₂ u installat mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem, għandhom jiżguraw li dan it-tagħmir jiġi pprovdut b'sistema ta' detezzjoni ta' tnixxijiet li twissi lill-operatur jew lil kumpanija tas-servizzjar dwar kwalunkwe tnixxija.

Emenda

2. L-operaturi tat-tagħmir elenkat fil-punti (f) u (g) tal-Artikolu 5(2), u li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I fi kwantitajiet ta' 500 tunnellata jew aktar ta' ekwivalenti ta' CO₂ u installat mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem, għandhom jiżguraw li dan it-tagħmir jiġi pprovdut b'sistema ta' detezzjoni ta' tnixxijiet li twissi lill-operatur jew lil kumpanija tas-servizzjar dwar kwalunkwe tnixxija. **Għall-finijiet tal-Artikolu 5(2), il-punt (g), is-sistema ta' individwazzjoni ta' tnixxija għandu jkollha sensitività ogħla minn apparat ta' monitoraġġ tal-pessjoni jew tad-densità.**

Emenda 51

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-kwantitajiet ta' gassijiet miżjudin waqt l-installazzjoni, il-manutenzjoni jew is-servizzjar jew minħabba tnixxija;

Emenda

(b) il-kwantitajiet ta' gassijiet miżjudin waqt l-installazzjoni, il-manutenzjoni jew is-servizzjar jew minħabba tnixxija, **inkluż il-ħin eżatt ta' tali addizzjoni;**

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 52

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) jekk **il-kwantitajiet ta' gassijiet ikunux ġewx** irriċiklati jew irrekklamati, inkluż l-isem u l-indirizz fl-Unjoni tal-faċilità ta' riċiklaġġ jew ta' reklamazzjoni u, fejn applikabbli, in-numru taċ-ċertifikat;

Emenda

(c) jekk **il-gassijiet irkuprati jkunux ġew** irriċiklati jew irrekklamati, **u f'liema kwantità**, inkluż l-isem u l-indirizz fl-Unjoni tal-faċilità ta' riċiklaġġ jew ta' reklamazzjoni u, fejn applikabbli, in-numru taċ-ċertifikat;

Emenda 53

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1.L-operaturi ta' tagħmir stazzjonarju jew ta' unitajiet ta' refriġerazzjoni ta' trakkijiet **u** ta' trejlers refriġerati li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II, li ma humiex inklużi f'fowms, għandhom jiżguraw li l-irkupru ta' daww il-gassijiet jitwettaq minn persuni fiżiċi li għandhom iċ-ċertifikati rilevanti previsti mill-Artikolu 10, sabiex dawn il-gassijiet jiġu rriċiklati, irrekklamati jew jinqerdu.

Emenda

1.L-operaturi ta' tagħmir stazzjonarju jew ta' unitajiet ta' refriġerazzjoni **ta' vannijiet**, ta' trakkijiet, ta' trejlers **u ta' vapuri** refriġerati li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II, li ma humiex inklużi f'fowms, għandhom jiżguraw li l-irkupru ta' daww il-gassijiet jitwettaq minn persuni fiżiċi li għandhom iċ-ċertifikati rilevanti previsti mill-Artikolu 10, sabiex dawn il-gassijiet jiġu rriċiklati, irrekklamati jew jinqerdu.

Emenda 54

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) iċ-ċirkwiti ta' tkessiħ ta' unitajiet ta' refriġerazzjoni fuq trakkijiet **u** trejlers refriġerati;

Emenda

(b) iċ-ċirkwiti ta' tkessiħ ta' unitajiet ta' refriġerazzjoni fuq **vannijiet**, trakkijiet, trejlers **u vapuri** refriġerati;

Emenda 55

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi lista ta' prodotti u ta' tagħmir li għalihom l-irkupru ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati **fit-Taqsima 1 tal-Anness I** u tal-Anness II, jew il-qerda ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom gassijiet bħal dawn mingħajr irkupru minn qabel ta' dawn il-gassijiet għandhom jitqiesu teknikament u ekonomikament fattibbli, filwaqt li jiġu speċifikati, jekk ikun xieraq, it-teknoloġiji li għandhom jiġu applikati.

Emenda

8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi lista ta' prodotti u ta' tagħmir li għalihom l-irkupru ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati **fl-Anness I u fl-Anness II**, jew il-qerda ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom gassijiet bħal dawn mingħajr irkupru minn qabel ta' dawn il-gassijiet għandhom jitqiesu teknikament u ekonomikament fattibbli, filwaqt li jiġu speċifikati, jekk ikun xieraq, it-teknoloġiji li għandhom jiġu applikati.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 56

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 9

Test proposit mill-Kummissjoni

9. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-irkupru, ir-riċiklaġġ, ir-reklamazzjoni u l-qerda ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati **fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II**.

Emenda

9. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-irkupru, ir-riċiklaġġ, ir-reklamazzjoni u l-qerda ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati **fl-Anness I u fl-Anness II**.

Emenda 57

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – titolu

Test proposit mill-Kummissjoni

Skemi ta' responsabbiltà tal-produtturi

Emenda

Skemi ta' responsabbiltà **estiża** tal-produtturi

Emenda 58

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 1

Test proposit mill-Kummissjoni

Mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-iżvilupp ta' skemi ta' responsabbiltà tal-produtturi għall-irkupru ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I u II **u għar-riċiklaġġ, għar-riġenerazzjoni jew għall-qerda tagħhom.**

Emenda

Mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom **jirrikjedu li sal-31 ta' Diċembru 2027 ikunu stabbiliti** skemi ta' responsabbiltà **estiża** tal-produtturi għall-irkupru, **għar-riċiklaġġ, għar-reklamazzjoni jew għall-qerda** ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I u **fl-Anness II, b'kunsiderazzjoni tal-iskemi ta' responsabbiltà tal-produtturi diġà eżistenti.**

Emenda 59

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2025, tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-iskemi ta' responsabbiltà tal-produtturi msemmija fil-paragrafu 1, inkluż dwar il-ġbir, ir-riġenerazzjoni, ir-riċiklaġġ, il-faċilitajiet tar-rimi, il-forniment ta' tagħmir lil tekniċi ċċertifikati, ir-rapportar u s-sensibilizzazzjoni.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 60**Proposta għal regolament****Artikolu 9 – paragrafu 1b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi u l-importaturi tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I u u fl-Anness II ikopru l-kostijiet skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produtturi fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u, sakemm ma jkunux diġà inklużi, ikopru mill-inqas il-kostijiet li ġejjin:

(*) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

Emenda 61**Proposta għal regolament****Artikolu 9 – paragrafu 1b – punt a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) il-kostijiet tal-ġbir, inklużi l-forniment ta' punti ta' ġbir aċċessibbli, il-ħżin u t-trasport;

Emenda 62**Proposta għal regolament****Artikolu 9 – paragrafu 1b – punt b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) il-kostijiet tal-unitajiet tar-riċiklaġġ għall-persuni fiżiċi ċċertifikati f'konformità mal-Artikolu 10 għall-finijiet tar-riċiklaġġ fuq il-post.

Emenda 63**Proposta għal regolament****Artikolu 9 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet meħudin.

imħassar

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 64

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom, fuq il-bażi tar-rekwiżiti minimi msemmijin fil-paragrafu 5, jistabbilixxu jew jadattaw programmi ta' ċertifikazzjoni, inklużi proċessi ta' evalwazzjoni, u jiżguraw li t-taħriġ dwar il-ħiliet prattiċi u l-għarfien teoretiku jkun disponibbli għall-persuni fiżiċi li jwettqu l-kompiti li ġejjin li jinvolve gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati **fit-Taqsima I tal-Anness I u tal-Anness II** u alternattivi rilevanti oħrajn għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra:

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom, fuq il-bażi tar-rekwiżiti minimi msemmijin fil-paragrafu 5, jistabbilixxu jew jadattaw programmi ta' ċertifikazzjoni, inklużi proċessi ta' evalwazzjoni, u jiżguraw li t-taħriġ dwar il-ħiliet prattiċi u l-għarfien teoretiku jkun disponibbli għall-persuni fiżiċi li jwettqu l-kompiti li ġejjin li jinvolve gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati **fl-Anness I u fl-Anness II** u alternattivi rilevanti oħrajn għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra:

Emenda 65

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi ta' taħriġ għall-persuni fiżiċi li jirkupraw gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima I tal-Anness I u tal-Anness II minn tagħmir tal-arja kundizzjonata f'vetturi bil-mutur li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁴²⁾ ikunu disponibbli, skont il-paragrafu 5.

⁽⁴²⁾ Id-Direttiva 2006/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar emissjonijiet minn sistemi ta' kondizzjonament tal-arja f'vetturi bil-mutur li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE (ĠU L 161, 14.6.2006, p. 12).

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi ta' taħriġ għall-persuni fiżiċi li jirkupraw gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fit-Taqsima I tal-Anness I u tal-Anness II, **u alternattivi rilevanti oħrajn għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra**, minn tagħmir tal-arja kundizzjonata f'vetturi bil-mutur li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁴²⁾ ikunu disponibbli, skont il-paragrafu 5.

⁽⁴²⁾ Id-Direttiva 2006/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar emissjonijiet minn sistemi ta' kondizzjonament tal-arja f'vetturi bil-mutur li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE (ĠU L 161, 14.6.2006, p. 12).

Emenda 66

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-programmi ta' ċertifikazzjoni u t-taħriġ previsti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikopru dawn li ġejjin,

Emenda

3. Il-programmi ta' ċertifikazzjoni u t-taħriġ previsti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikopru, **tal-inqas**, dawn li ġejjin,

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 67

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (ea) *iċ-ċertifikazzjoni għal alternattivi naturali, inklużi l-karatteristiċi u l-benefiċċji tagħhom meta mqabbla mal-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, u l-immaniġġjar sikur tagħhom matul l-installazzjoni, is-servizzjar, il-manutenzjoni, it-tiswija u d-dekummissjonar.*

Emenda 68

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- 6a. *L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jadattaw skemi ta' ċertifikazzjoni u programmi ta' taħriġ skont il-paragrafi 1, 2, 3 u 6 fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, meta rilevanti.*

Emenda 69

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. *Iċ-ċertifikati u l-attestazzjonijiet tat-taħriġ eżistenti maħruġin f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 517/2014 għandhom jibqgħu validi f'konformità mal-kundizzjonijiet li fihom ikunu nħarġu oriġinarjament.*

7. *L-attestazzjonijiet tat-taħriġ eżistenti maħruġin f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 517/2014 għandhom jibqgħu validi f'konformità mal-kundizzjonijiet li fihom ikunu nħarġu oriġinarjament. Il-validità taċ-ċertifikati eżistenti tista' tkun soġġetta għal rekwiżiti addizzjonali biex tiġi riflessa l-estensjoni tal-iskema ta' ċertifikazzjoni għal alternattivi rilevanti oħra għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.*

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 70

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Sal-1 ta' Jannar [OP, jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar programmi ta' ċertifikazzjoni u ta' tahrìg.

Emenda

Sal-1 ta' Jannar [OP, jekk jogħġbok daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar programmi ta' ċertifikazzjoni u ta' tahrìg **u l-għadd ta' persuni ċertifikati u mħarrġa għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u l-alternattivi rilevanti f'kull settur. Meta ċ-ċertifikazzjoni u t-tahrìg għall-alternattivi rilevanti jaqgħu taħt limitu minimu, l-Istati Membri għandhom jakkumpanjaw in-notifika bi pjan, imfassal wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi s-sħab soċjali, li jistabbilixxi l-azzjonijiet biex jiżdiedu ċ-ċertifikazzjoni u t-tahrìg dwar l-alternattivi rilevanti mis-sena kalendarja sussegwenti.**

Emenda 71

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni

9. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, **tista'** tiddetermina l-format tan-notifika msemmija fil-paragrafu 8. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).

Emenda

9. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, **għandha** tiddetermina **l-livell minimu għall-azzjonijiet biex jiżdiedu ċ-ċertifikazzjoni u t-tahrìg dwar l-alternattivi rilevanti u** l-format tan-notifika msemmija fil-paragrafu 8. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).

Emenda 72

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

10. **Kwalunkwe** impriża **li** tassenja komputu msemmi fil-paragrafu 1 lil impriża oħra **għandha tieħu passi raġonevoli sabiex tiżgura** li din tal-aħħar ikollha ċ-ċertifikati neċessarji għall-kompiti meħtieġa msemmijin fil-paragrafu 1.

Emenda

10. Impriża **tista'** tassenja komputu msemmi fil-paragrafu 1 lil impriża oħra **biss wara verifika** li din tal-aħħar ikollha ċ-ċertifikati neċessarji għall-kompiti meħtieġa msemmijin fil-paragrafu 1.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 160

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, it-tqegħid fis-suq ta' partijiet ta' tagħmir meħtieġa għat-tiswija u s-servizzjar ta' tagħmir eżistenti għandu jkun permess dment li t-tiswija jew is-servizzjar ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tat-tagħmir jew f'żieda fl-ammont tal-gassijiet fluworurati li jkunu jinsabu fit-tagħmir jew tal-gassijiet fluworurati użati.

Emenda 74

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sentejn wara d-dati individwali elenkati fl-Anness IV, il-provvista jew it-tqegħid sussegwenti għad-dispożizzjoni ta' parti oħra fl-Unjoni għall-ħlas jew mingħajr ħlas ta' prodotti jew ta' tagħmir imqegħdin legalment fis-suq qabel id-data msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu permessi biss jekk tiġi pprovduta evidenza li l-prodott jew it-tagħmir tqiegħed legalment fis-suq qabel id-data.

Sitt xhur wara d-dati individwali elenkati fl-Anness IV, il-provvista jew it-tqegħid sussegwenti għad-dispożizzjoni ta' parti oħra fl-Unjoni għall-ħlas jew mingħajr ħlas ta' prodotti jew ta' tagħmir imqegħdin legalment fis-suq qabel id-data msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu permessi biss jekk tiġi pprovduta evidenza li l-prodott jew it-tagħmir tqiegħed legalment fis-suq qabel id-data.

Emenda 75

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Minbarra l-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq stabbilita **fil-punt 1 tal-Anness IV**, l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq, kwalunkwe provvista sussegwenti, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni għal persuni oħrajn fl-Unjoni għall-ħlas jew mingħajr ħlas, l-użu jew l-esportazzjoni ta' kontenituri li ma jistgħux jerġgħu jimtlew għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra **elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness I u tal-Anness II**, vojta jew mimlijin kompletament jew parzjalment **għandu jkun ipprojbit**. Kontenituri bħal dawn jistgħu jinħażnu jew jiġu ttrasportati biss għar-rimi sussegwenti. Din il-projbizzjoni ma tapplikax għal kontenituri għal użi fil-laboratorji jew analitiċi.

3. Minbarra l-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq stabbilita **fl-Anness IV, il-punt 1**, l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq, kwalunkwe provvista sussegwenti, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni għal persuni oħrajn fl-Unjoni għall-ħlas jew mingħajr ħlas, l-użu jew l-esportazzjoni ta' kontenituri li ma jistgħux jerġgħu jimtlew għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, vojta jew mimlijin kompletament jew parzjalment **għandhom ikunu pprojbiti**. Kontenituri bħal dawn jistgħu jinħażnu jew jiġu ttrasportati biss għar-rimi sussegwenti. Din il-projbizzjoni ma tapplikax għal kontenituri għal użi fil-laboratorji jew analitiċi.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 76

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Impriżi li jqięghdu fis-suq kontenituri li jistgħu jeręęghu jimtlew għal gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandhom jipproduċu dikjarazzjoni ta' konformità li tinkludi evidenza li tikkonferma l-arranęamenti stabbiliti għar-ritorn ta' dak il-kontenitur għall-fini ta' mili mill-ędid. Dawk l-arranęamenti għandu jkun fihom obbligi vinkolanti għall-fornitur tal-kontenituri lejn l-utent aħħari biex jikkonforma mal-arranęamenti.

L-impriżi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom iżommu d-dikjarazzjoni ta' konformità għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin wara t-tqegħid fis-suq ta' kontenituri li jistgħu jeręęghu jimtlew u għandhom jagħmluha disponibbli, fuq talba, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni. Il-fornituri tal-kontenituri lill-utenti finali għandhom iżommu evidenza ta' konformità ma' dawk l-arranęamenti għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin wara l-forniment lill-utent finali u għandhom jagħmluha disponibbli, fuq talba, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina d-dettalji tad-dikjarazzjoni ta' konformità. Tali atti ta' implimentazzjoni għandhom jięu adottati f'konformità mal-Artikolu 34(2).

Emenda 77

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

B'segwitu għal talba ssostanzjata minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru u b'kont meħud tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista', eċċezżjonalment, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tawtorizza eżenzjoni għal mhux aktar minn erba' snin sabiex tippermetti t-tqegħid fis-suq ta' prodotti u ta' tagħmir elenkati fl-Anness IV, **inklużi partijiet tagħhom**, li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tagħhom jiddipendi minn dawk il-gassijiet, meta jintwera li:

Mingħajr preęudizzju għad-deroga għall-ispare parts imsemmija fis-subparagrafu 1a, b'segwitu għal talba ssostanzjata minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru u b'kont meħud tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista', eċċezżjonalment, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tawtorizza eżenzjoni għal mhux aktar minn erba' snin sabiex tippermetti t-tqegħid fis-suq ta' prodotti u ta' tagħmir elenkati fl-Anness IV li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tagħhom jiddipendi minn dawk il-gassijiet, meta jintwera li:

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 78

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. L-impriżi għandhom jitħallew iqiegħdu fis-suq u jbigħu gassijiet fluworurati b'effett ta' serra bl-ingrossa biss fejn:

- (a) L-impriżi jew ikollhom ċertifikat jew attestazzjoni ta' taħriġ meħtieġa skont l-Artikolu 10 jew jimpjegaw persuni li jkollhom tali ċertifikat jew attestazzjoni ta' taħriġ, u
- (b) L-impriżi jkunu stabbiliti fl-Unjoni jew ikunu taw mandat lil rappreżentant uniku stabbilit fl-Unjoni li jassumi r-responsabbiltà sħiħa għall-konformità ma' dan ir-Regolament.

Ir-rappreżentant uniku jista' jkun ir-rappreżentant li jkun inġhata l-mandat skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Emenda 79

Proposta għal regolament

Artikolu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 11a

Restrizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' ċerti prodotti u tagħmir li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra

L-esportazzjoni tal-prodotti u tat-tagħmir, inklużi partijiet tagħhom, elenkati fl-Anness IV, b'eżenzjoni għal tagħmir militari, għandu jkun ipprojbit mid-data speċifikata f'dak l-Anness, filwaqt li ssir distinzjoni, fejn ikun applikabbli, skont it-tip jew il-potenzjal ta' tisħin globali tal-gass li jkun hemm fihom.

Emenda 80

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Prodotti jew tagħmir soġġetti għal eżenzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 11(4) għandhom ikunu ttikkettati kif xieraq u għandhom jinkludu referenza li daww il-prodotti jew tagħmir jistgħu jintużaw biss għall-fini li għalih tkun inġhata eżenzjoni skont dak l-Artikolu.

2. Prodotti jew tagħmir soġġetti għal eżenzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 11(4) għandhom ikunu ttikkettati kif xieraq **filwaqt li jispeċifikaw il-perjodu ta' validità tal-eżenzjoni**, u għandhom jinkludu referenza li daww il-prodotti jew tagħmir jistgħu jintużaw biss għall-fini li għalih tkun inġhata eżenzjoni skont dak l-Artikolu.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 81

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) mill-1 ta' Jannar 2017, il-kwantità espressa fil-piż u fl-ekwivalenti tas-CO₂ ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra li jinsabu fil-prodott jew fit-tagħmir, jew il-kwantità ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra li għaliha t-tagħmir huwa ddisinjat, u l-potenzjal ta' tisħin globali ta' dawk il-gassijiet.

Emenda

(c) mill-1 ta' Jannar 2017, il-kwantità espressa fil-piż u fl-ekwivalenti tas-CO₂ ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra li jinsabu fil-prodott jew fit-tagħmir, jew il-kwantità ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra li għaliha t-tagħmir huwa ddisinjat, u l-potenzjal ta' tisħin globali ta' dawk il-gassijiet, **kemm għal skeda ta' żmien ta' 100 sena kif ukoll ta' 20 sena.**

Emenda 82

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fejn rilevanti, il-prodotti jew it-tagħmir modifikati retroattivament li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandhom jiġu ttikkettati mill-ġdid bl-informazzjoni aġġornata kif imsemmi f'dan il-paragrafu.

Emenda 83

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Fejn rilevanti, il-kontenituri ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra mimlija mill-ġdid għandhom jiġu ttikkettati mill-ġdid bl-informazzjoni aġġornata kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3.

Emenda 84

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

10. Gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Annessi I u II imqegħdin fis-suq għall-inċiżjoni ta' materjal semikonduttur jew għat-tindif ta' kmamar ta' depożizzjoni ta' fwar tal-kimiċi fis-settur tal-manifattura tas-semikondutturi għandhom ikunu ttikkettati b'indikazzjoni li l-kontenut tal-kontenitur jista' jintuża biss għal dak il-fini.

imħassar

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 85

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 13 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Fil-każ tal-idrofluworokarburi, it-tikketta msemmija fil-paragrafi 7 sa 11 għandha tinkludi l-indikazzjoni “eżentat mill-kwota skont ir-Regolament (UE) Nru .../... [OP: Jekk jogħġbok żid referenza għal dan ir-Regolament]”.

Emenda

Fil-każ tal-idrofluworokarburi, it-tikketta msemmija fil-paragrafi 7 sa **9 u** 11 għandha tinkludi l-indikazzjoni “eżentat mill-kwota skont ir-Regolament (UE) Nru .../... [OP: Jekk jogħġbok żid referenza għal dan ir-Regolament]”.

Emenda 86

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 13 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fin-nuqqas tar-rekwiżiti tat-tikkettar imsemmijin fl-ewwel subparagrafu u fil-paragrafi 7 sa 11, l-idrofluworokarburi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tal-kwoti skont l-Artikolu 16(1).

Emenda

Fin-nuqqas tar-rekwiżiti tat-tikkettar imsemmijin fl-ewwel subparagrafu u fil-paragrafi 7 sa **9 u** 11, l-idrofluworokarburi għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tal-kwoti skont l-Artikolu 16(1).

Emenda 152

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Mill-1 ta' Jannar 2024, **l-użu ta' gassijiet** fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I, b'potenzjal ta' tisħin globali ta' 2 500 jew aktar, **għas-servizzjar** jew **għall-manutenzjoni** ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni **huwa pprojbit**.

Emenda

Mill-1 ta' Jannar 2024, **l-użi li ġejjin għandhom ikunu pprojbiti: is-servizzjar jew il-manutenzjoni ta' tagħmir tal-arja kondizzjonata u tal-pompi tas-sħana, tagħmir mobbli u stazzjonarju ta' refriġerazzjoni u kessieha b'gassijiet** fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I, b'potenzjal ta' tisħin globali ta' 2 500 jew aktar.

Mill-1 ta' Jannar 2030, l-użi li ġejjin għandhom ikunu pprojbiti: is-servizzjar jew il-manutenzjoni ta' tagħmir stazzjonarju ta' refriġerazzjoni, bl-esklużjoni ta' kessieha, permezz ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I, b'potenzjal ta' tisħin globali ta' 150 jew aktar.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 88**Proposta għal regolament****Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal tagħmir militari jew għal tagħmir intenzjonat għal applikazzjonijiet iddisinjati għat-tkessiħ ta' prodotti għal temperaturi taħt – 50 °C.

Emenda

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal tagħmir militari jew għal tagħmir intenzjonat għal applikazzjonijiet iddisinjati għat-tkessiħ ta' prodotti **mediċinali** għal temperaturi taħt – 50 °C **jew tagħmir intenzjonat għal applikazzjonijiet iddisinjati biex ikessħu impjanti tal-enerġija nukleari.**

Emenda 89**Proposta għal regolament****Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 3 – punt a***Test propost mill-Kummissjoni*

(a) gassijiet fluworurati b'effett ta' serra rreklamati elenkati fl-Anness I b'potenzjal ta' tisħin globali ta' **2 500** jew aktar użati għall-manutenzjoni jew għas-servizzjar ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni eżistenti, dment li jkunu ġew ittikkettati f'konformità mal-Artikolu 12(6);

Emenda

(a) gassijiet fluworurati b'effett ta' serra rreklamati elenkati fl-Anness I b'potenzjal ta' tisħin globali ta' **150** jew aktar użati għall-manutenzjoni jew għas-servizzjar ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni **stazzjonarju** eżistenti, **bl-esklużjoni ta' kessieha**, dment li jkunu ġew ittikkettati f'konformità mal-Artikolu 12(6);

Emenda 90**Proposta għal regolament****Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 3 – punt aa (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(aa) **gassijiet fluworurati b'effett ta' serra rreklamati elenkati fl-Anness I, b'potenzjal ta' tisħin globali ta' 2 500 jew aktar, użati għall-manutenzjoni jew għas-servizzjar ta' tagħmir ta' arja kondizzjonata u ta' pompi tas-sħana, ta' refriġerazzjoni u ta' kessieha mobbli, dment li jkunu ġew ittikkettati f'konformità mal-Artikolu 12(6);**

Emenda 91**Proposta għal regolament****Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 3 – punt b***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(b) gassijiet fluworurati b'effett ta' serra riċiklati elenkati fl-Anness I b'potenzjal ta' tisħin globali ta' **2 500** jew aktar użati għall-manutenzjoni jew għas-servizzjar ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni eżistenti, dment li jkunu ġew irkuprati minn tali tagħmir. Gassijiet riċiklati bħal dawn jistgħu jintużaw biss mill-impriża li tkun wettqet l-irkupru tagħhom bħala parti mill-manutenzjoni jew mis-servizzjar jew mill-impriża li għaliha jkun twettaq l-irkupru bħala parti mill-manutenzjoni jew mis-servizzjar.

(b) gassijiet fluworurati b'effett ta' serra riċiklati elenkati fl-Anness I b'potenzjal ta' tisħin globali ta' **150** jew aktar użati għall-manutenzjoni jew għas-servizzjar ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni **stazzjonarju** eżistenti, **bl-esklużjoni ta' kessieha**, dment li jkunu ġew irkuprati minn tali tagħmir. Gassijiet riċiklati bħal dawn jistgħu jintużaw biss mill-impriża li tkun wettqet l-irkupru tagħhom bħala parti mill-manutenzjoni jew mis-servizzjar jew mill-impriża li għaliha jkun twettaq l-irkupru bħala parti mill-manutenzjoni jew mis-servizzjar;

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 92

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) gassijiet fluworurati b'effett ta' serra riċiklati elenkati fl-Anness I b'potenzjal ta' tisħin globali ta' 2 500 jew aktar użati għall-manutenzjoni jew għas-servizzjar ta' tagħmir eżistenti ta' arja kondizzjonata u ta' pompi tas-sħana, ta' refriġerazzjoni u ta' kessieha mobbli, dment li jkunu ġew irkuprati minn tali tagħmir; gassijiet riċiklati bħal dawn jintużaw biss mill-impriża li tkun wettqet l-irkupru tagħhom bħala parti mill-manutenzjoni jew mis-servizzjar jew mill-impriża li għaliha jkun twettaq l-irkupru bħala parti mill-manutenzjoni jew mis-servizzjar.

Emenda 156

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 4

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

4. L-użu ta' desfluran bħala anestetiku li jittieħed man-nifs huwa pprojbit mill-1 ta' Jannar 2026, **ħlief** meta dan l-użu jkun strettament meħtieġ u, għal raġunijiet mediċi, ma jkun jista' jintuża l-ebda anestetiku ieħor. **L-utent għandu jipprova** evidenza, **fuq talba**, dwar il-ġustifikazzjoni medika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru u lill-Kummissjoni.

4. L-użu ta' desfluran bħala anestetiku li jittieħed man-nifs huwa pprojbit mill-1 ta' Jannar 2026 **u għandu jkun permess biss** meta dan l-użu jkun strettament meħtieġ u, għal raġunijiet mediċi, ma jkun jista' jintuża l-ebda anestetiku ieħor, **jew meta ikun żgurat li jintuża flimkien ma' sistema ta' qbid. L-istituzzjoni tal-kura tas-saħħa għandha żżomm** evidenza dwar il-ġustifikazzjoni medika **u, fuq talba, tagħtiha** lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru u lill-Kummissjoni.

Emenda 94

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Mill-1 ta' Jannar 2030, l-użu tal-fluworur tas-sulfuril għall-fumigazzjoni ta' wara l-ħsad u għat-trattament tal-injam u tal-prodotti tal-injam kontra l-infestazzjoni tal-pesti huwa pprojbit, **ħlief fejn** tali użu jkun strettament meħtieġ għal **ċertifikat fitosanitarju** u ma jkun jista' jintuża l-ebda trattament ieħor.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 95

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) *forniti direttament minn produttur jew minn importatur lil impriża li tużahom għall-inċiżjoni ta' materjal semikonduttur jew għat-tindif ta' kmamar ta' depożizzjoni ta' fwar kimiċi fis-settur tal-manifattura tas-semikondutturi.*

Emenda

imħassar

Emenda 96

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kontinwament is-suq tal-provvista tas-semikondutturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 biex temenda l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u teskludi mis-sistema tal-kwoti stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu l-materjali semikondutturi jew il-kmamar għad-depożizzjoni tal-fwar fis-settur tas-semikondutturi, meta tidentifika li, bħala konsegwenza tal-inklużjoni tas-settur tas-semikondutturi fis-sistema tal-kwoti tal-idrofluworokarburi, hemm nuqqasijiet jew tfixkil fil-provvista għas-suq tal-Unjoni ta' materjali semikondutturi jew ta' kmamar għad-depożizzjoni tal-fwar.

Emenda 97

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

B'segwitu għal talba ssostanzjata minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru u b'kont meħud tal-objettivi ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista', *eċċezzjonalment*, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tawtorizza eżenzjoni għal mhux aktar minn erba' snin sabiex ikunu esklużi mir-reqwiżit tal-kwota stabbilit fil-paragrafu 1 l-idrofluworokarburi għall-użu f'applikazzjonijiet speċifiċi, jew kategoriji speċifiċi ta' prodotti jew ta' tagħmir, meta fit-talba jintwera li:

Emenda

B'segwitu għal talba ssostanzjata minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru *jew Aġenzija tal-UE* u b'kont meħud tal-objettivi ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista', *eċċezzjonalment*, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tawtorizza eżenzjoni għal mhux aktar minn erba' snin sabiex ikunu esklużi mir-reqwiżit tal-kwota stabbilit fil-paragrafu 1 l-idrofluworokarburi għall-użu f'applikazzjonijiet speċifiċi, jew kategoriji speċifiċi ta' prodotti jew ta' tagħmir, meta fit-talba jintwera li:

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 98

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) għal dawk l-applikazzjonijiet, prodotti jew tagħmir partikolari, ma jkunux disponibbli alternattivi, jew ma **jistgħux** jintużaw għal raġunijiet tekniċi jew ta' sikurezza; u

Emenda

(a) għal dawk l-applikazzjonijiet, prodotti jew tagħmir partikolari, ma jkunux disponibbli alternattivi, jew **l-alternattivi** ma **jkunux jistgħu** jintużaw għal raġunijiet tekniċi jew ta' sikurezza **jew minħabba riskji għas-saħħa pubblika**; u

Emenda 99

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-allokazzjoni tal-kwoti hija soġġetta għall-ħlas tal-ammont dovut li huwa ugwali għal **tliet** euro għal kull tunnellata f'ekwivalenti ta' CO₂ tal-kwota li għandha tiġi allokata. L-importaturi u l-produtturi għandhom jiġu nnotifikati permezz tal-Portal tal-gassijiet F bl-ammont totali dovut għall-allokazzjoni massima kkalkolata tal-kwoti għas-sena kalendarja ta' wara u bl-iskadenza għat-tlestija tal-pagament. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tiddetermina l-modalitajiet u l-arranġamenti dettaljati għall-pagament tal-ammont dovut. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).

Emenda

L-allokazzjoni tal-kwoti hija soġġetta għall-ħlas tal-ammont dovut li huwa ugwali għal **ħames** euro għal kull tunnellata f'ekwivalenti ta' CO₂ tal-kwota li għandha tiġi allokata **fil-perjodu 2024-2026 u għandha tiżdied kull tliet snin wara din sabiex jiġi żgurat dħul kostanti, fid-dawl tat-tnaqqis gradwali tal-kwota stabbilit fl-Anness VII**. L-importaturi u l-produtturi għandhom jiġu nnotifikati permezz tal-Portal tal-gassijiet F bl-ammont totali dovut għall-allokazzjoni massima kkalkolata tal-kwoti għas-sena kalendarja ta' wara u bl-iskadenza għat-tlestija tal-pagament. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tiddetermina l-modalitajiet u l-arranġamenti dettaljati għall-pagament tal-ammont dovut. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).

Emenda 100

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 sabiex temenda l-paragrafu 5 fir-rigward tal-ammonti dovuti għall-allokazzjoni tal-kwota u tal-mekkaniżmu sabiex jiġu allokati l-kwoti li jifdal, fejn dan ikun neċessarju sabiex jiġi evitat tfixkil kbir fis-suq tal-idrofluworokarburi, jew meta l-mekkaniżmu ma jkunx qiegħed jaqdi l-iskop tiegħu u jkun qiegħed ikollu effetti mhux mixtieqa jew mhux intenzjonati.

Emenda

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 sabiex temenda l-paragrafu 5 fir-rigward tal-ammonti dovuti għall-allokazzjoni tal-kwota u tal-mekkaniżmu sabiex jiġu allokati l-kwoti li jifdal, fejn dan ikun neċessarju sabiex jiġi evitat tfixkil kbir fis-suq tal-idrofluworokarburi, jew meta l-mekkaniżmu ma jkunx qiegħed jaqdi l-iskop tiegħu u jkun qiegħed ikollu effetti mhux mixtieqa jew mhux intenzjonati, **inkluż fuq is-saħħa pubblika u fuq l-utenti tal-MDIs**.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 101

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. Sa ... [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull sena wara din, il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, għandha tivvaluta l-impatt tat-tnaqqis gradwali tal-kwoti tal-HFC fuq is-suq tal-pompi tas-sħana tal-Unjoni, u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 biex temenda l-Anness VII u tippermetti ammont limitat ta' kwoti addizzjonali għat-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' HFCs li għandhom jintużaw fil-pompi tas-sħana sas-sena 2029, fejn il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tikkonkludi li t-tnaqqis gradwali tal-kwota tal-HFC stabbilit fl-Anness VII joħloq tfixkil fis-suq tal-pompi tas-sħana tal-Unjoni sal-punt li jipperikola l-kisba tal-miri għall-varar tal-pompa tas-sħana RePowerEU.

Fir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha ttipprova għad-deċiżjoni tagħha li tadotta jew li ma tadottax l-atti delegati msemmija fit-tieni subparagrafu.

Meta l-Kummissjoni tadotta atti delegati kif imsemmi fit-tieni subparagrafu, il-kwoti addizzjonali għandhom jitqassmu lill-produtturi u lill-importaturi, wara t-talbiet tagħhom, sottomessi lill-Portal tal-gassijiet F, flimkien ma' evidenza, fil-forma ta' kuntratti ta' bejgħ, li l-kwoti għandhom jintużaw għall-pompi tas-sħana.

Emenda 102

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7. Id-dħul iġġenerat mill-ammont tal-allokazzjoni tal-kwota għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Dak id-dħul għandu jiġi assenjat lill-programm LIFE u lill-Intestatura 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali (l-Amministrazzjoni Pubblika Ewropea), sabiex ikopri l-kostijiet tal-persunal estern li jaħdem fuq il-ġestjoni tal-allokazzjoni tal-kwoti, tas-servizzi tal-IT, u tas-sistemi ta' liċenzjar għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Protokoll. Kwalunkwe dħul li jifdal wara li jiġu koperti dawn il-kostijiet għandu jiddaħħal fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

7. Id-dħul iġġenerat mill-ammont tal-allokazzjoni tal-kwota għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046. Dak id-dħul għandu jiġi assenjat lill-programm LIFE u lill-Intestatura 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali (l-Amministrazzjoni Pubblika Ewropea) **biex**:

(a) ikopri l-kostijiet tal-persunal estern li jaħdem fuq il-ġestjoni tal-allokazzjoni tal-kwoti, is-servizzi tal-IT, u s-sistemi ta' liċenzjar għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament;

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (b) **ikopri l-kostijiet** sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Protokoll;
- (c) **jappoġġa t-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-livell nazzjonali u l-implimentazzjoni u l-infurzar mill-Istati Membri ta' dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tal-ġlieda kontra l-bejgħ online ta' gassijiet fluworurati illegali u l-qerda ta' gassijiet fluworurati illegali maqbuda; u**
- (d) **iħaffef l-użu tal-alternattivi għall-gassijiet fluworurati, b'mod partikolari fis-setturi li jġarrbu kostijiet ta' mitigazzjoni għolja, u fis-settur tal-pompi tas-sħana, inkluż iż-żieda fil-produzzjoni tat-tagħmir meħtieġ, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzi, it-tnaqqis tal-prezzijiet għall-konsumaturi, it-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni ta' persuni fiżiċi skont l-Artikolu 10 t-taħriġ mill-ġdid tal-installaturi tal-bojlers tal-gass.**

Kwalunkwe dħul li jifdal wara li jiġu koperti dawn il-kostijiet għandu jiddaħħal fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Emenda 103

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-kwoti għandhom jiġu allokati biss lill-produtturi jew lill-importaturi li għandhom stabbiliment fl-Unjoni, jew li jkunu taw mandat lil rappreżentant wieħed biss bi stabbiliment fl-Unjoni li jassumi r-responsabbiltà sħiħa tal-konformità ma' dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant uniku jista' jkun l-istess wieħed li nġhata l-mandat skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴³⁾.

⁽⁴³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

1. Il-kwoti għandhom jiġu allokati biss lill-produtturi jew lill-importaturi li għandhom stabbiliment fl-Unjoni, jew li jkunu taw mandat lil rappreżentant wieħed biss bi stabbiliment fl-Unjoni li jassumi r-responsabbiltà sħiħa tal-konformità ma' dan ir-Regolament **u mar-rekwiżiti tat-*Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.*** Ir-rappreżentant uniku jista' jkun l-istess wieħed li nġhata l-mandat skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴³⁾.

⁽⁴³⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 104**Proposta għal regolament****Artikolu 19 – paragrafu 1***Test proposit mill-Kummissjoni*

1. Tagħmir tar-refriġerazzjoni, arja kundizzjonata u pompi tas-sħana ċċarġjati b'idrofluworokarburi ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq ħlief jekk l-idrofluworokarburi ċċarġjati fit-tagħmir jitqiesu fis-sistema ta' kwoti msemmija f'dan il-Kapitolu.

Emenda

1. Tagħmir tar-refriġerazzjoni, arja kundizzjonata, **MDIs** u pompi tas-sħana ċċarġjati b'idrofluworokarburi ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq ħlief jekk l-idrofluworokarburi ċċarġjati fit-tagħmir jitqiesu fis-sistema ta' kwoti msemmija f'dan il-Kapitolu.

Emenda 105**Proposta għal regolament****Artikolu 19 – paragrafu 2 – subparagrafu 1***Test proposit mill-Kummissjoni*

Meta jqiegħdu fis-suq tagħmir **iċċarġjat** minn qabel kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-manifatturi u l-importaturi tat-tagħmir għandhom jiżguraw li l-konformità mal-paragrafu 1 tkun iddokumentata bis-sħiħ u għandhom **jiformolaw** dikjarazzjoni ta' konformità f'dan ir-rigward.

Emenda

Meta jqiegħdu fis-suq tagħmir **jew prodotti iċċarġjati** minn qabel kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-manifatturi u l-importaturi tat-tagħmir **jew tal-prodotti** għandhom jiżguraw li l-konformità mal-paragrafu 1 tkun iddokumentata bis-sħiħ u għandhom **ifasslu** dikjarazzjoni ta' konformità f'dan ir-rigward.

Emenda 106**Proposta għal regolament****Artikolu 19 – paragrafu 2 – subparagrafu 2***Test proposit mill-Kummissjoni*

Bil-formulazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' konformità, il-manifatturi u l-importaturi tat-tagħmir għandhom jassumu r-responsabbiltà għall-konformità ma' dan il-paragrafu u mal-paragrafu 1.

Emenda

Bil-formulazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' konformità, il-manifatturi u l-importaturi tat-tagħmir **jew tal-prodotti** għandhom jassumu r-responsabbiltà għall-konformità ma' dan il-paragrafu u mal-paragrafu 1.

Emenda 107**Proposta għal regolament****Artikolu 19 – paragrafu 2 – subparagrafu 3***Test proposit mill-Kummissjoni*

Il-manifatturi u l-importaturi tat-tagħmir għandhom iżommu din id-dokumentazzjoni u d-dikjarazzjoni ta' konformità għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin wara t-tqegħid fis-suq ta' dak it-tagħmir u għandhom jagħmluha disponibbli, fuq talba, għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u għall-Kummissjoni.

Emenda

Il-manifatturi u l-importaturi tat-tagħmir **jew tal-prodotti** għandhom iżommu din id-dokumentazzjoni u d-dikjarazzjoni ta' konformità għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin wara t-tqegħid fis-suq ta' dak it-tagħmir **jew tal-prodotti** u għandhom jagħmluha disponibbli, fuq talba, għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u għall-Kummissjoni.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 108**Proposta għal regolament****Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

Meta l-idrofluworokarburi li jinsabu fit-tagħmir **imsemmi** fil-paragrafu 1 ma jkunux tqiegħdu fis-suq qabel ma jiġi ċċarġjat it-tagħmir, l-importaturi ta' dak it-tagħmir għandhom jiżguraw li, sat-30 ta' April [OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] u kull sena wara din, l-akkuratezza tad-dokumentazzjoni, tad-dikjarazzjoni ta' konformità u l-veraċità tar-rapport tagħhom skont l-Artikolu 26 ikunu kkonfermati, għas-sena kalendarja preċedenti, flivell raġonevoli ta' assigurazzjoni minn awditur indipendenti reġistrat fil-Portal tal-gassijiet F.

Emenda

Meta l-idrofluworokarburi li jinsabu fit-tagħmir **jew fil-prodotti msemmija** fil-paragrafu 1 ma jkunux tqiegħdu fis-suq qabel ma jiġi ċċarġjat it-tagħmir, l-importaturi ta' dak it-tagħmir **jew tal-prodotti** għandhom jiżguraw li, sat-30 ta' April [OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] u kull sena wara din, l-akkuratezza tad-dokumentazzjoni, tad-dikjarazzjoni ta' konformità u l-veraċità tar-rapport tagħhom skont l-Artikolu 26 ikunu kkonfermati, għas-sena kalendarja preċedenti, flivell raġonevoli ta' assigurazzjoni minn awditur indipendenti reġistrat fil-Portal tal-gassijiet F.

Emenda 109**Proposta għal regolament****Artikolu 19 – paragrafu 5***Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-importaturi tat-tagħmir **imsemmi** fil-paragrafu 1, li ma għandhom l-ebda stabbiliment fl-Unjoni, għandhom jagħtu mandat biss lil rappreżentant bi stabbiliment fl-Unjoni li jassumi r-responsabbiltà sħiħa tal-konformità ma' dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant uniku jista' jkun l-istess wieħed li ngħata l-mandat skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

Emenda

5. L-importaturi tat-tagħmir **jew tal-prodotti msemmija** fil-paragrafu 1, li ma għandhom l-ebda stabbiliment fl-Unjoni, għandhom jagħtu mandat biss lil rappreżentant bi stabbiliment fl-Unjoni li jassumi r-responsabbiltà sħiħa tal-konformità ma' dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant uniku jista' jkun l-istess wieħed li ngħata l-mandat skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

Emenda 110**Proposta għal regolament****Artikolu 19 – paragrafu 6***Test propost mill-Kummissjoni*

6. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal impriżi li jqiegħdu fis-suq anqas minn 100 tunnellata fekwivalenti ta' CO₂ ta' idrofluworokarburi, fis-sena, li jinsabu fit-tagħmir **imsemmi** fil-paragrafu 1.

Emenda

6. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal impriżi li jqiegħdu fis-suq anqas minn 100 tunnellata fekwivalenti ta' CO₂ ta' idrofluworokarburi, fis-sena, li jinsabu fit-tagħmir **jew fil-prodotti msemmija** fil-paragrafu 1.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 111

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

L-impriżi għandu jkollhom reġistrazzjoni valida fil-Portal tal-gassijiet F qabel l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u ta' prodotti u ta' tagħmir li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk il-gassijiet ħlief **f'każijiet ta' ħażna temporanja u** għall-attivitajiet li ġejjin:

Emenda

L-impriżi għandu jkollhom reġistrazzjoni valida fil-Portal tal-gassijiet F qabel l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u ta' prodotti u ta' tagħmir li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk il-gassijiet ħlief għall-attivitajiet li ġejjin:

Emenda 112

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-forniment, jew ir-riċevuta ta' idrofluworokarburi għall-finijiet elenkati fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 16(2);

Emenda

(c) il-forniment, jew ir-riċevuta ta' idrofluworokarburi għall-finijiet elenkati fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 16(2);

Emenda 113

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiżguraw **il-kunfidenzjalità tad-data** inkluża fil-Portal tal-gassijiet F.

Emenda

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiżguraw **li d-data li ġejja** inkluża fil-Portal tal-gassijiet F **tkun disponibbli għall-pubbliku:**

(a) **allokazzjoni tal-kwoti u t-trasferimenti tal-kwoti aġġornati regolament;**

(b) **lista ta' importaturi u produtturi rreġistrati;**

(c) **data dwar l-importazzjonijiet, inklużi punti tad-dħul u t-tip tal-HFC;**

(d) **data dwar il-ħażna temporanja;**

(e) **data dwar il-qerda kimika fil-livell tal-faċilità.**

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 114

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u ta' prodotti u ta' tagħmir li jkun fihom dawk il-gassijiet jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk il-gassijiet **ħlief f'każijiet ta' ħażna temporanja**, huma soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja valida lill-awtoritajiet doganali skont l-Artikolu 20(4).

Emenda

L-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u ta' prodotti u ta' tagħmir li jkun fihom dawk il-gassijiet jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk il-gassijiet huma soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja valida lill-awtoritajiet doganali skont l-Artikolu 20(4).

Emenda 115

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

B'deroga mill-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu u mill-Artikolu 20, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli simplifikati għar-reġistrazzjoni fil-Portal tal-gassijiet F fil-każ ta' ħażna temporanja kif definit fl-Artikolu 5(17) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34.

Emenda 116

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. L-importaturi ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra **elenkati fit-Taqsima I tal-Anness I u tal-Anness II**, f'kontenituri li jistgħu jergħu jimtlew, għandhom jagħmlu disponibbli għall-awtoritajiet doganali, fiż-żmien meta tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni doganali relatata mar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, dikjarazzjoni ta' konformità li tinkludi evidenza li tikkonferma l-arranġamenti fis-seħħ għar-ritorn tal-kontenitur għall-fini ta' mili mill-ġdid.

6. L-importaturi ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra f'kontenituri li jistgħu jergħu jimtlew, għandhom jagħmlu disponibbli għall-awtoritajiet doganali, fiż-żmien meta tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni doganali relatata mar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, dikjarazzjoni ta' konformità li tinkludi evidenza li tikkonferma l-arranġamenti fis-seħħ għar-ritorn tal-kontenitur għall-fini ta' mili mill-ġdid.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 117

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 12 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-awtoritajiet doganali għandhom jikkonfiskaw jew jaqdbu kontenituri li ma jistgħux jerġgħu jimtlew ipprojbiti minn dan ir-Regolament għad-disponiment f'konformità mal-Artikoli 197 u 198 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jirtiraw jew isejħu lura mis-suq tali kontenituri f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁵⁾.

⁽⁴⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

Emenda

L-awtoritajiet doganali għandhom jikkonfiskaw jew jaqdbu kontenituri li ma jistgħux jerġgħu jimtlew ipprojbiti minn dan ir-Regolament għad-disponiment f'konformità mal-Artikoli 197 u 198 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 **u jeqirduhom**. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jirtiraw jew isejħu lura mis-suq tali kontenituri f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁵⁾.

⁽⁴⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

Emenda 118

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 12 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Għal sustanzi oħrajn u għal prodotti u għal tagħmir koperti minn dan ir-Regolament, **jistgħu jittieħdu miżuri alternattivi** sabiex tiġi evitata l-importazzjoni, il-provvista ulterjuri, jew l-esportazzjoni illegali, b'mod partikolari f'każijiet ta' idrofluworokarburu mqegħdin fis-suq bl-ingrossa jew iċċarġjati fi prodotti u f'tagħmir bi ksur tar-rekwiżiti tal-kwota u tal-awtorizzazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda

Għal sustanzi oħrajn u għal prodotti u għal tagħmir koperti minn dan ir-Regolament, **l-awtoritajiet doganali għandhom jaqdbu u jikkonfiskaw gassijiet fluworurati b'effett ta' serra importati jew esportati bi ksur ta' dan ir-Regolament u f'konformità mad-[Direttiva dwar ir-Reati Ambjentali 2021/0422(COD)]** sabiex tiġi evitata l-importazzjoni, il-provvista ulterjuri, jew l-esportazzjoni illegali, b'mod partikolari f'każijiet ta' idrofluworokarburu mqegħdin fis-suq bl-ingrossa jew iċċarġjati fi prodotti u f'tagħmir bi ksur tar-rekwiżiti tal-kwota u tal-awtorizzazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda 119

Proposta għal regolament

Artikolu 24 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

-1. Sat-30 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport li jevalwa r-riskji potenzjali tal-kummerċ illegali u li jidentifika miżuri addizzjonali biex jitnaqqsu dawk ir-riskji marbuta mal-movimenti ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u ta' prodotti u tagħmir li fihom dawk il-gassijiet jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi minn dawk il-gassijiet meta jitqiegħdu taħt ħażna temporanja, jew proċedura doganali li tinkludi proċedura ta' ħażna doganali jew proċedura ta' żona libera jew fi tranżitu mit-territorju doganali tal-Unjoni, inklużi metodoloġiji ta' traċċar għal gassijiet imqiegħda fis-suq, bħal kodiċijiet ta' rispons rapidu (QR).

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 120

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Sal-31 ta' Marzu [OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], u kull sena wara din, kull produttur, importatur u esportatur li pproduċew, importaw jew esportaw **idrofluworokarburi jew kwantitajiet li jaqbżu tunnellata metrika waħda jew 100 tunnellata f'ekwivalenti ta' CO₂ ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra oħrajn** matul is-sena kalendarja preċedenti għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-data speċifikata fl-Anness IX dwar kull waħda minn dawk is-sustanzi għal dik is-sena kalendarja. Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għall-impriżi kollha li jirċievu kwoti skont l-Artikolu 21(1).

Emenda

Sal-31 ta' Marzu [OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], u kull sena wara din, kull produttur, importatur u esportatur li pproduċew, importaw jew esportaw gassijiet fluworurati b'effett ta' serra matul is-sena kalendarja preċedenti għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-data speċifikata fl-Anness IX dwar kull waħda minn dawk is-sustanzi għal dik is-sena kalendarja. Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għall-impriżi kollha li jirċievu kwoti skont l-Artikolu 21(1).

Emenda 121

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Sal-31 ta' Marzu [OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], u kull sena wara din, kull impriża li tkun qerdet **idrofluworokarburi jew kwantitajiet li jaqbżu tunnellata metrika waħda jew 100 tunnellata f'ekwivalenti ta' CO₂ ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra oħrajn** matul is-sena kalendarja preċedenti għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-data speċifikata fl-Anness IX dwar kull waħda minn dawk is-sustanzi għal dik is-sena kalendarja.

Emenda

2. Sal-31 ta' Marzu [OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], u kull sena wara din, kull impriża li tkun qerdet gassijiet fluworurati b'effett ta' serra matul is-sena kalendarja preċedenti għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-data speċifikata fl-Anness IX dwar kull waħda minn dawk is-sustanzi għal dik is-sena kalendarja.

Emenda 122

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Sal-31 ta' Marzu [[OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], kull impriża li użat **1 000 tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂ jew aktar f'gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I** bħala materja prima matul is-sena kalendarja preċedenti għandha tirrapporta lill-Kummissjoni d-data speċifikata fl-Anness IX dwar kull waħda minn dawk is-sustanzi għal dik is-sena kalendarja.

Emenda

3. Sal-31 ta' Marzu [[OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], kull impriża li użat **gassijiet** fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I bħala materja prima matul is-sena kalendarja preċedenti għandha tirrapporta lill-Kummissjoni d-data speċifikata fl-Anness IX dwar kull waħda minn dawk is-sustanzi għal dik is-sena kalendarja.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 123**Proposta għal regolament****Artikolu 26 – paragrafu 4***Test propost mill-Kummissjoni*

4. Sal-31 ta' Marzu [OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], kull impriża li qiegħdet **100 tunnellata f'ekwivalenti ta' CO₂ jew aktar ta' idrofluworokarburu, jew 500 tunnellata f'ekwivalenti ta' CO₂ jew aktar ta'** gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jinsabu fi prodotti jew f'taġġmir fis-suq matul is-sena kalendarja preċedenti għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-data speċifikata fl-Anness IX dwar kull waħda minn dawk is-sustanzi għal dik is-sena kalendarja.

Emenda

4. Sal-31 ta' Marzu [OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], kull impriża li qiegħdet gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jinsabu fi prodotti jew f'taġġmir fis-suq matul is-sena kalendarja preċedenti għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-data speċifikata fl-Anness IX dwar kull waħda minn dawk is-sustanzi għal dik is-sena kalendarja.

Emenda 124**Proposta għal regolament****Artikolu 26 – paragrafu 6***Test propost mill-Kummissjoni*

6. Sal-31 ta' Marzu [OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], u kull sena wara din, kull impriża li tkun irreklamata **kwantitajiet li jaqzbu tunnellata metrika 1 jew 100 tunnellata f'ekwivalenti ta' CO₂ ta'** gassijiet fluworurati b'effett ta' serra **għandhom jirrapportaw** lill-Kummissjoni d-data speċifikata fl-Anness IX dwar kull waħda minn dawk is-sustanzi għal dik is-sena kalendarja.

Emenda

6. Sal-31 ta' Marzu [OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], u kull sena wara din, kull impriża li tkun irreklamata gassijiet fluworurati b'effett ta' serra **għandha tirrapporta** lill-Kummissjoni d-data speċifikata fl-Anness IX dwar kull waħda minn dawk is-sustanzi għal dik is-sena kalendarja.

Emenda 125**Proposta għal regolament****Artikolu 26 – paragrafu 7***Test propost mill-Kummissjoni*

7. Sat-30 ta' April [OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], kull importatur ta' taġġmir li jkun qiegħed fis-suq taġġmir iċċarġjat minn qabel kif imsemmi fl-Artikolu 19 li jkun fih **tal-anqas 1 000 tunnellata ta'** idrofluworokarburu **ekwivalenti ta' CO₂**, u meta dawk l-idrofluworokarburu ma jkunux tqiegħdu fis-suq qabel l-iċċarġjar tat-taġġmir, għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport ta' verifika maħruġ skont l-Artikolu 19(3).

Emenda

7. Sat-30 ta' April [OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], kull importatur ta' taġġmir li jkun qiegħed fis-suq taġġmir iċċarġjat minn qabel kif imsemmi fl-Artikolu 19 li jkun fih idrofluworokarburu, u meta dawk l-idrofluworokarburu ma jkunux tqiegħdu fis-suq qabel l-iċċarġjar tat-taġġmir, għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni rapport ta' verifika maħruġ skont l-Artikolu 19(3).

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 126

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 8 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Sat-30 ta' April [OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], u kull sena wara dik, kull impriża li skont il-paragrafu 1 tirrapporta dwar it-tqegħid fis-suq **ta' 1 000 tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO₂ jew aktar** ta' idrofluworokarburi matul is-sena kalendarja preċedenti għandha, barra minn hekk, tiżgura li l-veraċità tar-rapport tagħha tiġi kkonfermata, flivell raġonevoli ta' assigurazzjoni, minn awditur indipendenti. L-awditur għandu jiġi rreġistrat fil-Portal tal-gassijiet F u għandu jkun jew:

Emenda

Sat-30 ta' April [OP: Jekk jogħġbok daħħal is-sena tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], u kull sena wara dik, kull impriża li skont il-paragrafu 1 tirrapporta dwar it-tqegħid fis-suq ta' idrofluworokarburi matul is-sena kalendarja preċedenti għandha, barra minn hekk, tiżgura li l-veraċità tar-rapport tagħha tiġi kkonfermata, flivell raġonevoli ta' assigurazzjoni, minn awditur indipendenti. L-awditur għandu jiġi rreġistrat fil-Portal tal-gassijiet F u għandu jkun jew:

Emenda 127

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

[Empty space for the original text of Article 27(2a)]

Emenda

Sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat dwar qafas ġenerali komuni li l-Istati Membri għandhom jużaw biex ifasslu sistemi elettroniċi ċentralizzati.

Emenda 128

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli sabiex jistabbilixxu jekk l-impriżi jikkonformawx mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.

Emenda

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli **regolari** sabiex jistabbilixxu jekk l-impriżi jikkonformawx mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.

Emenda 129

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-kontrolli msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jinkludu żjarat fuq il-post ta' stabbilimenti bil-frekwenza xierqa u l-verifika tad-dokumentazzjoni u tat-tagħmir rilevanti.

Emenda

Il-kontrolli msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jinkludu żjarat fuq il-post ta' stabbilimenti bil-frekwenza xierqa u l-verifika tad-dokumentazzjoni u tat-tagħmir rilevanti **kif ukoll verifiki ta' pjattaformi online li jbigħu gassijiet fluworurati bl-ingrossa jew prodotti u tagħmir li fihom tali gassijiet.**

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 130

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Fuq talba ta' Stat Membru ieħor, Stat Membru **jista'** jwettaq kontrolli fuq impriżi li jkunu suspettati li jkunu involuti fil-moviment illegali tal-gassijiet u ta' prodotti u ta' tagħmir koperti minn dan ir-Regolament u li jkunu qegħdin joperaw fit-territorju ta' dak l-Istat Membru. L-Istat Membru rikjedenti għandu jiġi informat dwar ir-riżultat tal-kontroll.

Emenda

5. Fuq talba ta' Stat Membru ieħor, Stat Membru **għandu** jwettaq kontrolli fuq impriżi li jkunu suspettati li jkunu involuti fil-moviment illegali tal-gassijiet u ta' prodotti u ta' tagħmir koperti minn dan ir-Regolament u li jkunu qegħdin joperaw fit-territorju ta' dak l-Istat Membru. L-Istat Membru rikjedenti għandu jiġi informat dwar ir-riżultat tal-kontroll.

Emenda 131

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

7a. L-Istati Membri għandhom jipprovdvu sommarju annwali tad-data miġbura mill-ġurnali ta' abbord lill-Kummissjoni sal-1 ta' April ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tippubblika sommarju annwali u valutazzjoni tad-data riċevuta mill-Istati Membri.

Emenda

7a. L-Istati Membri għandhom jipprovdvu sommarju annwali tad-data miġbura mill-ġurnali ta' abbord lill-Kummissjoni sal-1 ta' April ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tippubblika sommarju annwali u valutazzjoni tad-data riċevuta mill-Istati Membri.

Emenda 132

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

F'każijiet ta' produzzjoni, ta' importazzjoni, ta' esportazzjoni, ta' tqegħid fis-suq illegali, jew tal-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom dawk il-gassijiet jew li l-funzjonijiet tagħhom jiddependi fuq dawk il-gassijiet, l-Istati Membri għandhom **jipprevedu** multi amministrattivi massimi ta' mill-inqas **ħames** darbiet il-valur tas-suq tal-gassijiet jew tal-prodotti u tat-tagħmir ikkonċernati. F'każ ta' ksur ripetut f'perjodu ta' ħames snin, l-Istati Membri għandhom **jipprevedu** multi amministrattivi massimi ta' mill-inqas **tmien** darbiet il-valur tal-gassijiet jew tal-prodotti u tat-tagħmir ikkonċernati.

Emenda

F'każijiet ta' produzzjoni, ta' importazzjoni, ta' esportazzjoni, ta' tqegħid fis-suq illegali, jew tal-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jew ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom dawk il-gassijiet jew li l-funzjonijiet tagħhom jiddependi fuq dawk il-gassijiet, l-Istati Membri għandhom **jistabilixxu multi amministrattivi minimi ta' mill-inqas erba' darbiet il-valur tas-suq tal-gassijiet jew tal-prodotti u t-tagħmir ikkonċernati u** multi amministrattivi massimi ta' mill-inqas **sitt** darbiet il-valur tas-suq tal-gassijiet jew tal-prodotti u tat-tagħmir ikkonċernati. F'każ ta' ksur ripetut f'perjodu ta' ħames snin, l-Istati Membri għandhom **jistabilixxu multi amministrattivi minimi ta' mill-inqas seba' darbiet il-valur tal-gassijiet jew il-prodotti u tat-tagħmir ikkonċernati u** multi amministrattivi massimi ta' mill-inqas **għaxar** darbiet il-valur tas-suq tal-gassijiet jew tal-prodotti u tat-tagħmir ikkonċernati.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 133

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(8), fl-Artikolu 12(17), fl-Artikolu 16(3), 17(6), fl-Artikolu 24, fl-Artikolu 25(2) u fl-Artikolu 35 għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat [mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament].

Emenda

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(8), **fl-Artikolu 9(1a)**, fl-Artikolu 12(17), fl-Artikolu 16(3), **fl-Artikolu 16(3)**, **fl-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 17(6)**, **fl-Artikolu 17(6a)**, fl-Artikolu 24, fl-Artikolu 25(2), **fl-Artikolu 27, it-tielet subparagrafu**, fl-Artikolu 35 **(1)**, **fl-Artikolu 35(1a) u fl-Artikolu 35(1b)** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat [mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament].

Emenda 134

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8(8), fl-Artikolu 12(17), fl-Artikolu 16(3), fl-Artikolu 17(6), fl-Artikolu 24, fl-Artikolu 25(2) **u** fl-Artikolu 35 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8(8), **fl-Artikolu 9(1a)**, fl-Artikolu 12(17), fl-Artikolu 16(3), **fl-Artikolu 16(3) fl-ewwel subparagrafu**, fl-Artikolu 17(6), **fl-Artikolu 17(6a)**, fl-Artikolu 24, fl-Artikolu 25(2), **fl-Artikolu 27, it-tielet subparagrafu**, fl-Artikolu 35 **(1)**, **fl-Artikolu 35(1a) u fl-Artikolu 35(1b)** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda 135

Proposta għal regolament

Artikolu 32 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Att delegat li ġie adottat skont l-Artikolu 8(8), l-Artikolu 12(17), l-Artikolu 16(3), l-Artikolu 17(6), l-Artikolu 24, l-Artikolu 25(2) **u** l-Artikolu 35 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li huma ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

6. Att delegat li ġie adottat skont l-Artikolu 8(8), **l-Artikolu 9(1a)**, l-Artikolu 12(17), l-Artikolu 16(3), **l-Artikolu 16(3), it-tieni subparagrafu**, l-Artikolu 17(6), **l-Artikolu 17(6a)**, l-Artikolu 24, l-Artikolu 25(2), **l-Artikolu 27, it-tielet subparagrafu**, l-Artikolu 35 **(1)**, **l-Artikolu 35(1a) u l-Artikolu 35(1b)** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu informaw lill-Kummissjoni li huma ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 136**Proposta għal regolament****Artikolu 33 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Forum ta' Konsultazzjoni sabiex jipprovdi pariri u għarfien espert fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Ir-regoli ta' proċedura tal-Forum ta' Konsultazzjoni għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni u għandhom jiġu ppubblikati.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Forum ta' Konsultazzjoni sabiex jipprovdi pariri u għarfien espert fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. **Il-Forum ta' Konsultazzjoni għandu jkollu parteċipazzjoni bilanċjata ta':**

- (i) **rappreżentanti tal-Istati Membri;**
- (ii) **rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi l-organizzazzjonijiet ambjentali, l-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti u l-organizzazzjonijiet professjonali tal-kura tas-saħħa, ir-rappreżentanti tal-manifatturi u l-operaturi.**

Il-Forum ta' Konsultazzjoni għandu jikkoopera mal-Aġenziji rilevanti tal-UE. Ir-regoli ta' proċedura tal-Forum ta' Konsultazzjoni għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni u għandhom jiġu ppubblikati.

Emenda 137**Proposta għal regolament****Artikolu 35 – paragrafu 1a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kontinwament l-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq fir-rigward tal-użu tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u l-alternattivi naturali tagħhom fl-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 biex temenda dan ir-Regolament, u ssaħħaħ il-projbizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP għoli fil-prodotti jew fit-tagħmir ikkonċernati, meta ssib evidenza tal-emerġenza jew l-aċċellerazzjoni tal-użu ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP baxx jew ta' alternattivi naturali fi prodotti u tagħmir imqiegħda fis-suq tal-Unjoni.

Emenda 138**Proposta għal regolament****Artikolu 35 – paragrafu 1b (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 biex temenda l-Annessi I, II u III billi ċċaqlaq gassijiet fluworurati b'effett ta' serra mill-Anness III għall-Anness I jew II jew billi tintroduċi gassijiet fluworurati b'effett ta' serra fl-Anness I jew II, meta jkollha evidenza tat-tqegħid fis-suq ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness III jew ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra mhux elenkati fl-Anness I, II jew III rispettivament.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 139

Proposta għal regolament

Artikolu 35 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-adozzjoni tar-Regolament REACH rivedut, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk dan ir-Regolament huwiex koerenti ma' dak ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, takkumpanja l-valutazzjoni tagħha bi proposta leġiżlattiva biex temenda dan ir-Regolament, jekk tikkonkludi li dan ir-Regolament mhuwieq koerenti ma' restrizzjonijiet ġodda potenzjali tal-użu tal-PFAS stabbiliti f'dak ir-Regolament.

Emenda 140

Proposta għal regolament

Artikolu 35 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sal-1 ta' Jannar 2033, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Sal-1 ta' Jannar 2027, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, **inkluż fir-rigward tal-impatt ta' dan ir-Regolament fuq is-settur tas-saħħa, b'mod partikolari d-disponibbiltà tal-MDIs għall-konsenja ta' ingredjenti farmaċewtiċi, kif ukoll dwar l-impatt tat-tagħmir tat-tkessiħ, użat flimkien mal-batteriji, fuq is-suq.**

Emenda 141

Proposta għal regolament

Artikolu 35 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit skont l-Artikolu 10a tar-Regolament (KE) Nru 401/2009 jista', fuq inizjattiva tiegħu stess, jipprova parir xjentifiku jew joħroġ rapporti dwar il-koerenza ta' dan ir-Regolament mal-oġġettivi tar-Regolament (KE) Nru 401/2009 u mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 142
Proposta għal regolament
Anness I – taqsima 3
Test proposit mill-Kummissjoni

Taqsima 3: Komposti **perfluworurati** oħrajn

eżafluworur tal-kubrit	SF ₆	25 200	18 300
------------------------	-----------------	--------	--------

Emenda

Taqsima 3: Komposti (**per**)fluworurati oħrajn u **ketoni fluworurati**

eżafluworur tal-kubrit	SF ₆	25 200	18 300
Ettafluworoisobutironitril (2,3,3,3-tetrafluworo-2-(trifluworometil)-propanenitril)	Iso-C₃F₇CN	2 750	4 580
1,1,1,3,4,4,4-Eptafluworo-3-(trifluworometil)butan-2-on	CF₃C(O)CF(CF₃)₂	0,29⁽¹⁾	(*)

⁽¹⁾ Ren et al. Atmospheric Fate and Impact of Perfluorinated Butanone and Pentanone. *Environ. Sci. Technol.* 2019, 53, 15, 8862–8871

Emenda 143
Proposta għal regolament
Anness III – taqsima 1 – ringiela 37

Test proposit mill-Kummissjoni

1,1,1,3,4,4,4-Eptafluworo-3-(trifluworometil)butan-2-on	CF₃C(O)CF(CF₃)₂	0,29⁽¹⁾	(*)
--	---	---------------------------	------------

⁽¹⁾ Ren et al. (2019). Atmospheric Fate and Impact of Perfluorinated Butanone and Pentanone. *Environ. Sci. Technol.* 2019, 53, 15, 8862–8871

Emenda

imħassar

Emenda 144
Proposta għal regolament
Anness III – taqsima 2 – ringiela 4

Test proposit mill-Kummissjoni

Ettafluworoisobutironitril (2,3,3,3-tetrafluworo-2-(trifluworometil)-propanenitril)	Iso-C₃F₇CN	2 750	4 580
--	---	--------------	--------------

Emenda

imħassar

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emendi 145, 153cp1, 157cp1, 153cp2, 153cp3 u 153cp4**Proposta għal regolament****Anness IV – tabella***Test propost mill-Kummissjoni*

Prodotti u tagħmir		Data tal-projbizzjoni
Fejn ikun rilevanti, il-GWP ta' taħlitiet li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-Anness VI, kif previst fl-Artikolu 3, il-punt (1)		
(1) Kontenituri għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I, vojta, minlija parzjalment jew kompletament, li ma jistgħux jerġgħu jintlewi, użati għas-servizzjar, il-manutenzjoni, jew għall-mili ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni, arja kondizzjonata jew pompi tas-sħana, sistemi ta' protezzjoni kontra n-nar jew kommutaturi, jew biex jintużaw bħala solventi.		l-4 ta' Lulju 2007
(2) Sistemi ta' evaporazzjoni diretta mhux imrażżna li jkun fihom HFCs u PFCs bħala refriġeranti.		l-4 ta' Lulju 2007
(3) Tagħmir ta' protezzjoni kontra n-nar	li jkun fih PFCs	l-4 ta' Lulju 2007
	li jkun fih HFC-23	l-1 ta' Jannar 2016
	li jkun fih jew li jibbaża fuq gassijiet fluworurati oħra b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I, ħliet meta jkun meħtieġ li jiġu ssodisfati l-istandards ta' sikurezza	l-1 ta' Jannar 2024
(4) Twieqi għall-użu domestiku li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I.		l-4 ta' Lulju 2007
(5) Twieqi oħra li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I.		l-4 ta' Lulju 2008
(6) Żraben li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I.		l-4 ta' Lulju 2006
(7) Tajers li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I.		l-4 ta' Lulju 2007
(8) Fowms b'komponent wieħed li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I b'GWP ta' 150 jew aktar, ħliet meta jkunu meħtieġa biex jiġu ssodisfati standards nazzjonali ta' sikurezza.		l-4 ta' Lulju 2008
(9) Ġeneraturi tal-aerosol kummerċjalizzati u maħsuba għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali għal skopijiet ta' divertiment u tiżjin, kif elenkati fil-punt 40 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, u ħornijiet tal-gass, li jkun fihom HFCs b'GWP ta' 150 jew aktar.		l-4 ta' Lulju 2009
(10) Friġġijiet u friżers domestiċi li jkun fihom HFCs b'GWP ta' 150 jew aktar.		l-1 ta' Jannar 2015

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Prodotti u tagħmir		Data tal-projbizzjoni
Fejn ikun rilevanti, il-GWP ta' taħlitiet li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-Anness VI, kif previst fl-Artikolu 3, il-punt (1)		
(11) Refriġeraturi u friżers għal użu kummerċjali (tagħmir awtonomu)	-li jkun fihom HFCs b'GWP ta' 2 500 jew aktar.	l-1 ta' Jannar 2020
	-li jkun fihom HFCs b'GWP ta' 150 jew aktar.	l-1 ta' Jannar 2022
	-li jkun fihom gassijiet fluworurati oħra b'effett ta' serra b'GWP ta' 150 jew aktar.	l-1 ta' Jannar 2024
(12) Kwalunkwe tagħmir ta' refriġerazzjoni awtonomu li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' 150 jew aktar.		l-1 ta' Jannar 2025
(13) Tagħmir ta' refriġerazzjoni stazzjonarju li jkun fih, jew li l-funzjonament tiegħu jkun jibbaża fuq, HFCs b'GWP ta' 2 500 jew aktar, ħlief tagħmir maħsub għal applikazzjoni li tkun imfassla biex tkessaħ prodotti għal temperaturi inqas minn – 50 °C.		l-1 ta' Jannar 2020
(14) Tagħmir ta' refriġerazzjoni stazzjonarju li jkun fih, jew li l-funzjonament tiegħu jkun jibbaża fuq HFCs b'GWP ta' 2 500 jew aktar , ħlief tagħmir maħsub għal applikazzjoni li tkun imfassla biex tkessaħ prodotti għal temperaturi inqas minn – 50 °C.		1 ta' Jannar 2024
(15) Sistemi ta' refriġerazzjoni ċentralizzati kollettivi għal użu kummerċjali b'kapaċità nominali ta' 40 kW jew aktar li jkun fihom, jew li l-funzjonament tagħhom ikun jibbaża fuq, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I b'GWP ta' 150 jew aktar, ħlief fiċ-ċirkwit refriġerant primarju ta' sistemi kaskati fejn jistgħu jintużaw gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' inqas minn 1 500.		l-1 ta' Jannar 2022
(16) Tagħmir plug-in tal-arja kondizzjonata għall-kmamar (tagħmir awtonomu) li jista' jiġi mcaqalaq bejn kamra u oħra mill-utent finali li jkun fihom HFCs b'GWP ta' 150 jew aktar.		l-1 ta' Jannar 2020
(17) Tagħmir plug-in għall-kmamar u tagħmir ieħor awtonomu tal-arja kondizzjonata u tal-pompa tas-sħana li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' 150 jew aktar.		l-1 ta' Jannar 2025

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Prodotti u tagħmir		Data tal-projbizzjoni
Fejn ikun rilevanti, il-GWP ta' taħlitiet li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-Anness VI, kif previst fl-Artikolu 3, il-punt (1)		
(18) Tagħmir stazzjonarju ta' kondizzjonatur tal-arja bil-kondensatur separat u ta' pompa tas-sħana separata: (a) Sistemi maqsumin fi tnejn li jkun fihom inqas minn 3 kg ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I, li jkun fihom, jew li l-funzjonament tagħhom ikun jibbaża fuq, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I b'GWP ta' 750 jew aktar;		l-1 ta' Jannar 2025
(b) Sistemi maqsumin ta' kapaċità nominali massima ta' 12 kW li jkun fihom, jew li l-funzjonament tagħhom ikun jibbaża fuq, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' 150 jew aktar, ħlief meta jkun meħtieġ li jiġu ssodisfati l-istandards ta' sikurezza; (c) Sistemi maqsumin ta' kapaċità nominali ta' aktar minn 12 kW li jkun fihom, jew li l-funzjonament tagħhom ikun jibbaża fuq, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' 750 jew aktar, ħlief meta jkun meħtieġ li jiġu ssodisfati l-istandards ta' sikurezza.		l-1 ta' Jannar 2027
(19) Fowms li jkun fihom HFCs b'GWP ta' 150 jew aktar, ħlief meta jkunu meħtieġa li jiġu ssodisfati standards nazzjonali ta' sikurezza.	— Polisterin estruż (XPS)	l-1 ta' Jannar 2020
	— Fowms oħra	l-1 ta' Jannar 2023
(20) Aerosols tekniċi li jkun fihom HFCs b'GWP ta' 150 jew aktar, ħlief meta jkunu meħtieġa biex jiġu ssodisfati standards nazzjonali ta' sikurezza jew meta jintużaw għal applikazzjonijiet mediċi.		l-1 ta' Jannar 2018
(21) Prodotti għall-kura personali (jiġifieri mousse, kremi, fowms) li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.		l-1 ta' Jannar 2024
(22) Tagħmir użat għat-tkessiħ tal-ġilda li jkun fih, jew li l-funzjonament tiegħu jkun jibbaża fuq, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' 150 jew aktar, ħlief meta jintużaw għal applikazzjonijiet mediċi.		l-1 ta' Jannar 2024

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Fejn ikun rilevanti, il-GWP ta' taħlitiet li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-Anness VI, kif previst fl-Artikolu 3, il-punt (1)	Prodotti u tagħmir	Data tal-projbizzjoni
(23) Installazzjoni u sostituzzjoni tal-kommutaturi elettriċi li ġejjin:	(a) kommutatur ta' vultaġġ medju għad-distribuzzjoni primarja u sekondarja sa 24 kV, b'mezz iżolanti jew ta' qtugħ li juża, jew li l-funzjonament tiegħu jkun jibbaża fuq, gassijiet b'GWP ta' 10 jew aktar, jew b'GWP ta' 2 000 jew aktar, sakemm ma tiġix ipprovduta evidenza li l-ebda alternattiva xierqa ma tkun disponibbli abbażi ta' raġunijiet tekniċi fi ħdan il-meded aktar baxxi ta' GWP li hemm referenza għalihom hawn fuq;	l-1 ta' Jannar 2026
	(b) kommutatur ta' vultaġġ medju għad-distribuzzjoni primarja u sekondarja minn aktar minn 24 kV u sa 52 kV, b'mezz iżolanti jew ta' qtugħ li juża, jew li l-funzjonament tiegħu jkun jibbaża fuq gassijiet b'GWP ta' 10 jew aktar, jew b'GWP ta' aktar minn 2 000, sakemm ma tiġix ipprovduta evidenza li l-ebda alternattiva xierqa ma tkun disponibbli abbażi ta' raġunijiet tekniċi fi ħdan il-meded aktar baxxi ta' GWP li hemm referenza għalihom hawn fuq;	l-1 ta' Jannar 2030
	(c) kommutatur ta' vultaġġ għoli minn 52 u sa 145 kV jew sa 50 kA ta' kurrent ta' ċirkwit qasir b'mezz iżolanti jew ta' qtugħ li juża, jew li l-funzjonament tiegħu jkun jibbaża fuq gassijiet b'GWP ta' 10 jew aktar, jew b'GWP ta' aktar minn 2 000, sakemm ma tiġix ipprovduta evidenza li l-ebda alternattiva xierqa ma tkun disponibbli abbażi ta' raġunijiet tekniċi; fil-meded ta' GWP aktar baxxi msemmija hawn fuq;	l-1 ta' Jannar 2028
	(d) kommutatur ta' vultaġġ għoli minn 52 u sa 145 kV jew sa 50 kA ta' kurrent ta' ċirkwit qasir b'mezz iżolanti jew ta' qtugħ li juża, jew li l-funzjonament tiegħu jkun jibbaża fuq gassijiet b'GWP ta' 10 jew aktar, jew b'GWP ta' aktar minn 2 000, sakemm ma tiġix ipprovduta evidenza li l-ebda alternattiva xierqa ma tkun disponibbli abbażi ta' raġunijiet tekniċi;	l-1 ta' Jannar 2031

Emenda

Fejn ikun rilevanti, il-GWP ta' taħlitiet li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-Anness VI, kif previst fl-Artikolu 3, il-punt (1)	Prodotti u tagħmir	Data tal-projbizzjoni
(1) Kontenituri għall-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I, vojta, mimlija parzjalment jew kompletament, li ma jistgħux jerġgħu jimtlew, użati għas-servizzjar, il-manutenzjoni, jew għall-mili ta' tagħmir ta' refriġerazzjoni, arja kondizzjonata jew pompi tas-sħana, sistemi ta' protezzjoni kontra n-nar jew kommutaturi, jew biex jintużaw bħala solvanti.		l-4 ta' Lulju 2007

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Prodotti u tagħmir		Data tal-projbizzjoni
Fejn ikun rilevanti, il-GWP ta' taħlitiet li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-Anness VI, kif previst fl-Artikolu 3, il-punt (1)		
(2) Sistemi ta' evaporazzjoni diretta mhux imrażżna li jkun fihom HFCs u PFCs bħala refriġeranti.		l-4 ta' Lulju 2007
(3) Tagħmir ta' protezzjoni kontra n-nar	li jkun fih PFCs	l-4 ta' Lulju 2007
	li jkun fih HFC-23	l-1 ta' Jannar 2016
	li jkun fih jew li jibbaża fuq gassijiet fluworurati oħra b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I, ħlief meta jkun meħtieġ li jiġu ssodisfati l-istandards ta' sikurezza	l-1 ta' Jannar 2024
(4) Twieqi għall-użu domestiku li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I.		l-4 ta' Lulju 2007
(5) Twieqi oħra li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I.		l-4 ta' Lulju 2008
(6) Żraben li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I.		l-4 ta' Lulju 2006
(7) Tajers li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I.		l-4 ta' Lulju 2007
(8) Fowms b'komponent wieħed li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I b'GWP ta' 150 jew aktar, ħlief meta jkunu meħtieġa biex jiġu ssodisfati standards nazzjonali ta' sikurezza.		l-4 ta' Lulju 2008
(9) Ġeneraturi tal-aerosol kummerċjalizzati u maħsuba għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali għal skopijiet ta' divertiment u tiżjin, kif elenkati fil-punt 40 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, u ħornijiet tal-gass, li fihom HFCs b'GWP ta' 150 jew aktar.		l-4 ta' Lulju 2009
(10) Refriġeraturi u friżers domestiċi li jkun fihom HFCs b'GWP ta' 150 jew aktar.		l-1 ta' Jannar 2015
(10a) Refriġeraturi u friżers domestiċi li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.		l-1 ta' Jannar 2025
(11) Refriġeraturi u friżers stazzjonarji għal użu kummerċjali (tagħmir awtonomu)	— li jkun fihom HFCs b'GWP ta' 2 500 jew aktar.	l-1 ta' Jannar 2020
	— li jkun fihom HFCs b'GWP ta' 150 jew aktar.	l-1 ta' Jannar 2022
	— li jkun fihom gassijiet fluworurati oħra b'effett ta' serra.	l-1 ta' Jannar 2024
(12) Kwalunkwe tagħmir ta' refriġerazzjoni stazzjonarju awtonomu li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.		l-1 ta' Jannar 2025

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

<p style="text-align: center;">Prodotti u tagħmir</p> <p>Fejn ikun rilevanti, il-GWP ta' taħlitiet li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-Anness VI, kif previst fl-Artikolu 3, il-punt (1)</p>	<p>Data tal-projbizzjoni</p>	
<p>(13) Tagħmir ta' refriġerazzjoni stazzjonarju li jkun fih, jew li l-funzjonament tiegħu jkun jibbaża fuq, HFCs b'GWP ta' 2 500 jew aktar, ħliet tagħmir maħsub għal applikazzjoni li tkun imfassla biex tkessaħ prodotti għal temperaturi inqas minn – 50 °C.</p>	<p>l-1 ta' Jannar 2020</p>	
<p>(14) Tagħmir ta' refriġerazzjoni stazzjonarju li jkun fih, jew li l-funzjonament tiegħu jkun jibbaża fuq, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra ħliet tagħmir maħsub għal applikazzjoni li tkun imfassla biex tkessaħ prodotti għal temperaturi inqas minn – 50 °C.</p>	<p>l-1 ta' Jannar 2025</p>	
<p>(14a) Tagħmir ta' refriġerazzjoni stazzjonarju li jkun fih, jew li l-funzjonament tiegħu jkun jibbaża fuq, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.</p>	<p>l-1 ta' Jannar 2027</p>	
<p>(15) Sistemi ta' refriġerazzjoni ċentralizzati kollettivi għal użu kummerċjali b'kapaċità nominali ta' 40 kW jew aktar li jkun fihom, jew li l-funzjonament tagħhom ikun jibbaża fuq, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I b'GWP ta' 150 jew aktar, ħliet fiċ-ċirkwit refriġerant primarju ta' sistemi kaskati fejn jistgħu jintużaw gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' inqas minn 1 500.</p>	<p>l-1 ta' Jannar 2022</p>	
<p>(15a) Trasport refriġerat</p>	<p>f'vannijiet u vapuri li fihom, jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.</p>	<p>l-1 ta' Jannar 2027</p>
	<p>fi trakkijiet, trejlers u kontejners b'refriġeratur li fihom, jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq, gassijiet fluworinati</p>	<p>l-1 ta' Jannar 2029</p>
<p>(16) Tagħmir plug-in tal-arja kondizzjonata għall-kmamar (tagħmir awtonomu) li jista' jiġi mċaqlaq bejn kamra u oħra mill-utent finali li jkun fihom HFCs b'GWP ta' 150 jew aktar.</p>	<p>l-1 ta' Jannar 2020</p>	
<p>(17) Tagħmir plug-in għall-kmamar, il-monoblokki u tagħmir ieħor awtonomu tal-arja kondizzjonata u tal-pompa tas-sħana li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' 150 jew aktar.</p>	<p>l-1 ta' Jannar 2026</p>	
<p>(18) Tagħmir stazzjonarju ta' kondizzjonatur tal-arja bil-kondensatur separat u ta' pompa tas-sħana separata:</p> <p>(a) Sistemi maqsumin fi tnejn inklużi sistemi fissi b'kanal doppju li jkun fihom inqas minn 3 kg ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra elenkati fl-Anness I, li jkun fihom, jew li l-funzjonament tagħhom ikun jibbaża fuq, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra;</p>	<p>l-1 ta' Jannar 2028</p>	
<p>(b) Sistemi maqsumin ta' kapaċità nominali massima ta' 12 kW li jkun fihom, jew li l-funzjonament tagħhom ikun jibbaża fuq, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra ħliet meta jkun meħtieġ li jiġu ssodisfati l-istandards ta' sikurezza;</p> <p>(c) Sistemi maqsumin ta' kapaċità nominali ta' aktar minn 12 kW u sa 200 kW li jkun fihom, jew li l-funzjonament tagħhom ikun jibbaża fuq, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' 750 jew aktar, ħliet meta jkun meħtieġ li jiġu ssodisfati l-istandards ta' sikurezza.</p> <p>(ca) Sistemi maqsuma ta' kapaċità nominali ta' aktar minn 200 kW li fihom, jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.</p>	<p>l-1 ta' Jannar 2028</p>	

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Prodotti u tagħmir		Data tal-projbizzjoni
Fejn ikun rilevanti, il-GWP ta' taħlitiet li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-Anness VI, kif previst fl-Artikolu 3, il-punt (1)		
(19) Fowms li jkun fihom HFCs b'GWP ta' 150 jew aktar, ħliet meta jkunu meħtieġa li jiġu ssodisfati standards nazzjonali ta' sikurezza.	— Polisterin estruż (XPS)	l-1 ta' Jannar 2020
	— Fowms oħra	l-1 ta' Jannar 2023
(19a) Fowms li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, ħliet meta jkunu meħtieġa li jiġu ssodisfati standards nazzjonali ta' sikurezza.		l-1 ta' Jannar 2030
(20) Aerosols tekniċi li jkun fihom HFCs b'GWP ta' 150 jew aktar, ħliet meta jkunu meħtieġa biex jiġu ssodisfati standards nazzjonali ta' sikurezza jew meta jintużaw għal applikazzjonijiet mediċi.		l-1 ta' Jannar 2018
(20a) Aerosols tekniċi li fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, ħliet meta jkun meħtieġ li jintlaħqu l-istandards nazzjonali ta' sikurezza jew meta jintużaw għal applikazzjonijiet mediċi.		l-1 ta' Jannar 2030
(22) Prodotti għall-kura personali (jiġifieri mousse, kremi, fowms) li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.		l-1 ta' Jannar 2024
(22) Tagħmir użat għat-tkessiħ tal-ġilda li jkun fih, jew li l-funzjonament tiegħu jkun jibbaża fuq, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra b'GWP ta' 150 jew aktar, ħliet meta jintużaw għal applikazzjonijiet mediċi.		l-1 ta' Jannar 2024
(23) Installazzjoni u sostituzzjoni tal-kommutaturi elettriċi li ġejjin:	(a) kommutatur ta' vultaġġ medju għad-distribuzzjoni primarja u sekondarja sa, u inkluż , 24 kV, b'mezz iżolanti jew ta' qtugħ li juża, jew li l-funzjonament tiegħu jkun jibbaża fuq, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra ;	l-1 ta' Jannar 2026
	(b) kommutatur ta' vultaġġ medju għad-distribuzzjoni primarja u sekondarja minn aktar minn 24 kV u sa, u inkluż , 52 kV, b'mezz iżolanti jew ta' qtugħ li juża, jew li l-funzjonament tiegħu jkun jibbaża fuq gassijiet fluworurati b'effett ta' serra ;	l-1 ta' Jannar 2028
	(c) kommutatur ta' vultaġġ għoli minn 52 u sa, u inkluż , 145 kV jew sa 50 kA ta' kurrent ta' ċirkwit qasir b'mezz iżolanti jew ta' qtugħ li juża, jew li l-funzjonament tiegħu jkun jibbaża fuq gassijiet fluworurati b'effett ta' serra , sakemm ma tiġix ipprovduta evidenza li l-ebda alternattiva xierqa ma tkun disponibbli, f'liema każ jistgħu jintużaw gassijiet b'GWP sa 1 000 ;	l-1 ta' Jannar 2028
	(d) kommutatur ta' vultaġġ għoli ta' aktar minn 145 kV jew aktar minn 50 kA ta' kurrent b'ċirkwit qasir b'mezz iżolanti jew ta' qtugħ li juża, jew li l-funzjonament tiegħu jkun jibbaża fuq gassijiet fluworurati b'effett ta' serra , sakemm ma tiġix ipprovduta evidenza li l-ebda alternattiva xierqa ma hija disponibbli, f'liema każ jistgħu jintużaw gassijiet b'GWP sa 1 000 .	l-1 ta' Jannar 2031

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Prodotti u tagħmir	Data tal-projbizzjoni
Fejn ikun rilevanti, il-GWP ta' taħlitiet li jkun fihom gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-Anness VI, kif previst fl-Artikolu 3, il-punt (1)	
(23a) <i>Arja kondizzjonata mobbli f'vapuri tal-passiġġieri u tal-merkanzija, karozzi tal-linja, trammijiet, u ferroviji li fihom, jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.</i>	l-1 ta' Jannar 2029
(23b) <i>Kessieha żgħar, ta' spostament u ċentrifugali li fihom, jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq, gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.</i>	l-1 ta' Jannar 2027

Emenda 146

Proposta għal regolament

Anness IV – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. **L-evidenza** msemija fil-punt 23 għandha tinkludi dokumentazzjoni li **tistabilixxi** li wara sejħa miftuħa għall-offerti ma **kien hemm** disponibbli l-ebda alternattiva xierqa abbażi ta' raġunijiet tekniċi, minħabba l-ispeċifitajiet murija tal-applikazzjoni, li setgħet tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 23. **Id-dokumentazzjoni għandha tinżamm mill-operatur għal mill-inqas ħames snin u għandha tkun disponibbli għall-awtorità kompetenti tal-Istat Membru u għall-Kummissjoni**, fuq talba.

Emenda

2. **L-eċċezzjoni** msemija fil-punt 23(c) u (d) **tista' tkun awtorizzata mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru wara talba sostanzjata minn operatur. It-talba tal-operatur għandha tinkludi dokumentazzjoni li tipprevedi** li wara sejħa miftuħa għall-offerti **bi skadenza għall-offerti wara d-dati msemija fil-punt 23** ma **huma** disponibbli l-ebda alternattiva xierqa abbażi ta' raġunijiet tekniċi, minħabba l-ispeċifitajiet murija tal-applikazzjoni, li setgħet tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 23(c) u (d), **jew, sa sentejn wara d-dati msemija fil-punt 23(c) u (d), tkun saret biss offerta waħda għal tali kommutatur b'mezz iżolanti jew li jkisser li ma jużax, jew li l-funzjonament tiegħu ma jiddependix fuq gassijiet fluworurati b'effett ta' serra. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel id-dokumentazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni**, fuq talba.

Emenda 147

Proposta għal regolament

Anness V – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

- (d) għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2036 **'il quddiem**, 15 % tal-medja annwali tal-produzzjoni tiegħu fl-2011 sal-2013.

Emenda

- (d) għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2036 **sal-31 ta' Diċembru 2049**, 15 % tal-medja annwali tal-produzzjoni tiegħu fl-2011 sal-2013.

Emenda 148

Proposta għal regolament

Anness V – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

- (da) għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2050 **'il quddiem**, 0 % tal-medja annwali tal-produzzjoni tiegħu fl-2011 sal-2013.

Emenda

- (da) għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2050 **'il quddiem**, 0 % tal-medja annwali tal-produzzjoni tiegħu fl-2011 sal-2013.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 149
Proposta għal regolament
Anness VI – titolu

Test proposit mill-Kummissjoni

Metodu ta' kalkolu tal-GWP totali ta' taħlita msemmija fl-Artikolu 3(1)

Emenda

Metodu ta' kalkolu tal-GWP totali ta' taħlita msemmija fl-Artikolu 3(2)

Emenda 150
Proposta għal regolament
Anness VII

Test proposit mill-Kummissjoni

Snin	Kwantità Massima ftunnellati ta' ekwivalenti ta' CO ₂
2024 – 2026	41 701 077
2027 – 2029	17 688 360
2030 – 2032	9 132 097
2033 – 2035	8 445 713
2036 – 2038	6 782 265
2039 – 2041	6 136 732
2042 – 2044	5 491 199
2045 – 2047	4 845 666
2048 <i>'il quddiem</i>	4 200 133

Emenda

Snin	Kwantità Massima ftunnellati ta' ekwivalenti ta' CO ₂
2024 – 2026	41 701 077
2027 – 2029	20 888 360
2030 – 2032	9 132 097
2033 – 2035	8 445 713
2036 – 2038	6 782 265
2039 – 2041	4 138 941

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Snin	Kwantità Massima ftunnellati ta' ekwivalenti ta' CO ₂
2042 – 2044	3 247 259
2045 – 2047	1 623 629
2048 - 2049	811 814
2050 'il quddiem	0

Emenda 151

Proposta għal regolament

Anness VIII – punt 1 – paragrafu 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

- barra minn hekk, fejn rilevanti, kwota li tikkorrispondi għall-valur ta' referenza msemmi fil-punt 4(ii) tal-Anness VII, **immultiplik** bil-kwantità massima għas-sena li għaliha tiġi allokata l-kwota diviża bil-kwantità massima għas-sena 2024.

Emenda

- barra minn hekk, fejn rilevanti, kwota li tikkorrispondi għall-valur ta' referenza msemmi fil-punt 4(ii) tal-Anness VII. **Mill-2027, tali kwota tinkiseb billi jiġi mmultiplik il-valur referenzjarju b'fattur ta' 0,7. Mill-2030, tali kwota tikkorrispondi mal-valur referenzjarju mmultiplik** bil-kwantità massima għas-sena li għaliha tiġi allokata l-kwota diviża bil-kwantità massima għas-sena 2024.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

P9_TA(2023)0093

Sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-30 ta' Marzu 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 (COM(2022)0151 – C9-0143/2022 – 2022/0100(COD))⁽¹⁾

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2023/C 341/08)

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁸⁾ jiżgura, fost l-oħrajn, li l-Unjoni tikkonforma mal-Protokoll. Fl-evalwazzjoni tagħha tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009⁽¹⁹⁾, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri ta' kontroll stabbiliti skont dak ir-Regolament jibqgħu, b'mod ġenerali, adegwati għall-użu.

⁽¹⁸⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (ĠU L 286, 16.09.2009, p. 1).

⁽¹⁹⁾ L-Evalwazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, SWD(2019)0407 final tas-26 ta' Novembru 2019.

Emenda

- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁸⁾ jiżgura, fost l-oħrajn, li l-Unjoni tikkonforma mal-Protokoll. Fl-evalwazzjoni tagħha tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009⁽¹⁹⁾, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri ta' kontroll stabbiliti skont dak ir-Regolament jibqgħu, b'mod ġenerali, adegwati għall-użu, **huma effiċjenti u kkontribwew b'mod sinifikanti għall-irkupru stratosferiku tal-ożonu u għat-tnaqqis tat-tisħin tal-klima.**

⁽¹⁸⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (ĠU L 286, 16.09.2009, p. 1).

⁽¹⁹⁾ L-Evalwazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, SWD(2019)0407 final tas-26 ta' Novembru 2019.

⁽¹⁾ Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli, skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A9-0050/2023).

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 2
Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

- (5) Hemm evidenza ċara ta' tnaqqis fil-piż atmosferiku tas-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u tal-irkupru stratosferiku tal-ożonu. Madankollu, l-irkupru tas-saff tal-ożonu għal-livell tal-konċentrazzjonijiet li kien jeżisti qabel l-1980 ma huwiex previst li se jseħħ qabel in-nofs tas-seklu 21. Għalhekk, iż-żieda fir-radjazzjoni UV tippersisti bħala theddida sinifikanti għas-saħħa u għal-l-ambjent. L-evitar tar-riskju ta' dewmien ulterjuri fl-irkupru tas-saff tal-ożonu jibqa' dipendenti fuq l-iżgur-rar li l-obbligi eżistenti jiġu implimentati bis-sħiħ, **kif ukoll** li l-miżuri meħtieġa jkunu fis-seħħ sabiex jindiriz-zaw kwalunkwe sfida li ġejja malajr u b'mod effettiv.

Emenda

- (5) Hemm evidenza ċara ta' tnaqqis fil-piż atmosferiku tas-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u tal-irkupru stratosferiku tal-ożonu. Madankollu, **skont l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, it-toqba fl-ożonu tal-2021 kienet waħda mill-akbar u l-aktar profondi ta' dawn l-aħħar snin u kienet akbar mill-medja matul l-aħħar 5 u 10 snin.** L-irkupru tas-saff tal-ożonu **għadu fraġli ħafna, u l-irkupru** għal-livell tal-konċentrazzjonijiet li kien jeżisti qabel l-1980 ma huwiex previst li se jseħħ qabel in-nofs tas-seklu 21. Għalhekk, iż-żieda fir-radjazzjoni UV tippersisti bħala theddida sinifikanti għas-saħħa u għal-l-ambjent. L-evitar tar-riskju ta' dewmien ulterjuri fl-irkupru tas-saff tal-ożonu jibqa' dipendenti fuq l-iżgur-rar li l-obbligi eżistenti jiġu implimentati bis-sħiħ, **li tittieħed aktar azzjoni, u** li l-miżuri meħtieġa jkunu fis-seħħ sabiex jindirizzaw kwalunkwe sfida li ġejja malajr u b'mod effettiv.

Emenda 3
Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

- (7) Sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-potenzjal ta' tisħin globali tas-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, minbarra l-potenzjal ta' tnaqqis tal-ożonu tas-sustanzi, jenħtieġ li anki l-potenzjal ta' tisħin globali rispettiv tagħhom jiġi elenkat f'dan ir-Regolament.

Emenda

- (7) Sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-potenzjal ta' tisħin globali tas-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, minbarra l-potenzjal ta' tnaqqis tal-ożonu tas-sustanzi, jenħtieġ li anki l-potenzjal ta' tisħin globali rispettiv tagħhom jiġi elenkat **u indirizzat** f'dan ir-Regolament **kif ukoll fuq it-tikketti tal-kontenituri ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu. Fejn disponibbli, jenħtieġ li dik l-informazzjoni tinkludi l-potenzjal ta' tisħin globali espress kemm fuq perjodu ta' żmien ta' 100 sena kif ukoll fuq perjodu ta' żmien ta' 20 sena, biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar il-potenzjal għoli ta' tisħin globali fuq perjodu ta' żmien qasir ta' xi sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu.**

Emenda 4
Proposta għal regolament
Premessa 7a (għdida)

Test propost mill-Kummissjoni

- (7a) **Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu pjanijiet ta' azzjoni vinkolanti bbażati fuq linji gwida stabbiliti mill-Kummissjoni biex jitnaqqas ir-riskju ta' formazzjoni pirokumulonimbus minn nirien fil-foresti u l-im-patt negattiv tagħhom fuq l-istratosfera u s-saff tal-ożonu.**

Emenda

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 5
Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (9a) Il-produzzjoni tal-Unjoni ta' sustanzi kkontrollati li jnaqqsu s-saff tal-ożonu fl-2021 kienet ogħla milli kienet matul l-għaxar snin preċedenti, wara li żdiedet b'27 % fl-2021 meta mqabbla mal-2020. 90 % ta' dik iż-żieda hija dovuta għall-użu tal-materja prima. L-użu tal-materja prima żdied bi 11 % meta mqabbel mal-2020 ^(1a). Filwaqt li d-deroga għas-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu użati bħala materja prima fil-produzzjoni kimika ta' ċerti prodotti, inklużi l-farmaceutiċi, ġiet iġġustifikata fid-dawl tal-potenzjal kombinat baxx tagħhom li jnaqqas l-ożonu (>1tODP) u n-nuqqas ta' għażliet alternattivi fattibbli, huwa possibbli li l-emissjonijiet mill-użi tal-materja prima qed jiġu sottovalutati ^(1b). Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi lista ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu li għalihom huwa permess l-użu bħala materja prima u tivvaluta regolarment id-disponibbiltà tal-alternattivi tagħhom. Sabiex jiġu eliminati b'mod progressiv tali użi fejn jeżistu alternattivi, is-setgħa li jiġu adottati atti delegati jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tipproponi limiti massimi aktar baxxi maż-żmien.

^(1a) Ozone Depleting Substances 2022 (Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu 2022), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

^(1b) "Narrowing feedstock exemptions under the Montreal Protocol has multiple environmental benefits" (It-tnaqqis tal-eżenzjonijiet tal-materja prima skont il-Protokoll ta' Montreal għandu benefiċċji ambjentali multipli), Stephen O. Andersen, et al. 2021: <https://www.ncbi.nlm.nih.gov/pmc/articles/PMC8665836/> u "Unfinished business after five decades of ozone-layer science and policy" (Xogħol mhux mitmum wara ħames deċennji ta' xjenza u politika dwar is-saff tal-ożonu), Susan Salomon et al. 2020.

Emenda 6
Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (12) Il-Kumitat dwar l-Għażliet Tekniċi tal-Aloni (HTOC) stabbilit skont il-Protokoll indika li l-istokkijiet tal-aloni mhux verġni għall-użi kritiċi jistgħu ma jkunux biżżejjed sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet mill-2030 'il quddiem fil-livell globali. Sabiex jiġi evitat li l-produzzjoni l-ġdida tal-aloni ssir meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet futuri, huwa importanti li jittieħdu miżuri sabiex tiżdied id-disponibbiltà tal-istokkijiet tal-alon irkuprat mit-tagħmir.

- (12) Il-Kumitat dwar l-Għażliet Tekniċi tal-Aloni (HTOC) stabbilit skont il-Protokoll indika li l-istokkijiet tal-aloni mhux verġni għall-użi kritiċi jistgħu ma jkunux biżżejjed sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet mill-2030 'il quddiem fil-livell globali. Sabiex jiġi evitat li l-produzzjoni l-ġdida tal-aloni ssir meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet futuri, huwa importanti li jittieħdu miżuri sabiex tiżdied id-disponibbiltà **u jiġi pprovdut monitoraġġ adegwat** tal-istokkijiet tal-alon irkuprat mit-tagħmir.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 7
Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) *Hemm tħassib dejjem akbar dwar l-impatt fuq l-emissjonijiet globali ta' xi wħud mis-sustanzi l-ġodda elenkati fl-Anness II, inkluża, pereżempju, iż-żieda rapida fil-konċentrazzjoni atmosferika tad-diklorometan li tista' ddewwem b'mod sostanzjali, b'aktar minn għaxar snin, l-irkupru tat-toqba fl-ożonu^(1a). Fl-2021, il-produzzjoni ta' sustanzi ġodda li jnaqqsu s-saff tal-ożonu mhux koperti mill-Protokoll, f'tunnellati metriċi, kienet madwar erba' darbiet oġhla mill-produzzjoni ta' sustanzi kkontrollati^(1b). Għalhekk huwa essenzjali li jkun hemm aktar kontroll u monitoraġġ. Jenħtieġ li r-rekwiżiti applikati għas-sustanzi elenkati fl-Anness I fir-rigward ta' tnixxijiet u r-reġistrazzjoni fis-sistema ta' liċenzjar jiġu estiżi għas-sustanzi elenkati fl-Anness II. Dak l-approċċ mhux biss inaqqas l-impatti negattivi potenzjali fuq l-ambjent u s-saħħa iżda jarmonizza mal-approċċ meħud skont ir-Regolament (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014.*

(^{1a}) "The increasing threat to stratospheric ozone from dichloromethane" (It-theddida dejjem akbar għall-ożonu stratosferiku mid-diklorometan) Hossaini et al, 2017: <https://doi.org/10.1038/s41467-019-13899-4>

(^{1b}) "Ozone Depleting Substances 2022" (Sustanzi Li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu 2022), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

Emenda 8
Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16) Jenħtieġ li kontenituri li ma jistgħux jergħu jimtew għal sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu jiġu pprojbiti, meta jitqies li inevitabbilment jifdal ammont ta' sustanza f'dawn il-kontenituri meta jitbattlu, li mbagħad jiġi rrilaxxat fl-atmosfera. F'dan ir-rigward, huwa neċessarju li l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq, il-provvista sussegwenti jew id-disponibbiltà fis-suq u l-użu tagħhom jiġi pprojbit, għajr għal użi fil-laboratorji u għal użi analitiċi, u l-esportazzjoni tagħhom.

(16) Jenħtieġ li kontenituri li ma jistgħux jergħu jimtew għal sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu jiġu pprojbiti, meta jitqies li inevitabbilment jifdal ammont ta' sustanza f'dawn il-kontenituri meta jitbattlu, li mbagħad jiġi rrilaxxat fl-atmosfera. F'dan ir-rigward, huwa neċessarju li l-importazzjoni, it-tqegħid fis-suq, il-provvista sussegwenti jew id-disponibbiltà fis-suq u l-użu tagħhom jiġi pprojbit, għajr għal użi fil-laboratorji u għal użi analitiċi, u l-esportazzjoni tagħhom. **Sabiex jiġi żgurat li l-kontenituri li jistgħu jergħu jimtew jergħu jimtew minflok jintremew, jenħtieġ li l-impriżi jkunu meħtieġa, meta tali kontenituri jitqiegħdu fis-suq, jiproduċu evidenza dwar l-arranġamenti għar-ritorn għall-fini ta' mili mill-ġdid.**

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 9
Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

- (17) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁴⁾ jipprevedi t-tikkettar ta' sustanzi kklassifikati bħala sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u t-tikkettar ta' taħlitiet li fihom sustanzi bħal dawn. Peress li huwa permess ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fis-suq tal-Unjoni ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu prodotti għall-materja prima, għal użi bħala aġent ta' proċess, għal użi fil-laboratorji u għal użi analitiċi, jenħtieġ li daww is-sustanzi jiġu distinti minn sustanzi li jiġu prodotti għal użi oħrajn.

⁽²⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

Emenda

- (17) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁴⁾ jipprevedi t-tikkettar ta' sustanzi kklassifikati bħala sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u t-tikkettar ta' taħlitiet li fihom sustanzi bħal dawn. Peress li huwa permess ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fis-suq tal-Unjoni **tal-alon u l-bromur tal-metil u ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom daww is-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq daww is-sustanzi, kif ukoll** ta' sustanzi oħra li jnaqqsu s-saff tal-ożonu prodotti għall-materja prima, għal użi bħala aġent ta' proċess, għal użi fil-laboratorji u għal użi analitiċi **u għall-qerda fl-Unjoni**, jenħtieġ li daww is-sustanzi jiġu distinti minn sustanzi li jiġu prodotti għal użi oħrajn.

⁽²⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

Emenda 10
Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

- (18) L-esportazzjoni ta' prodotti u tagħmir li fihom l-idroklorofluworokarburi tista' tkun permessa b'mod eċċezzjonali f'każijiet fejn jista' jkun ta' benefiċċju akbar li dawn il-prodotti u t-tagħmir jitħallew itemmu ċ-ċiklu tal-ħajja naturali tagħhom f'pajjiż terz milli jiġu dekkummissjonati u jintremew fl-Unjoni.

Emenda

- (18) L-esportazzjoni ta' prodotti u **ta'** tagħmir li fihom l-idroklorofluworokarburi tista' tkun permessa b'mod eċċezzjonali f'każijiet fejn jista' jkun ta' benefiċċju akbar li dawn il-prodotti u t-tagħmir jitħallew itemmu ċ-ċiklu tal-ħajja naturali tagħhom f'pajjiż terz milli jiġu dekkummissjonati u jintremew fl-Unjoni, **dment li jkunu stabbiliti l-faċilitajiet xierqa meħtieġa, kif ukoll il-persunal speċjalizzat biex iwettaq tali operazzjonijiet, sabiex jiġi evitat kwalunkwe tniġġis ambjentali ulterjuri.**

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 11

Proposta għal regolament

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

- (19) Minħabba li l-proċess tal-produzzjoni għal xi sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu jista' jirriżulta f'emissjonijiet tat-trifluworometan prodott f'gass fluworurat b'effett ta' serra bħala prodott sekondarju, jenħtieġ li tali emissjonijiet ta' prodotti sekondarji jinqerdu jew jiġu rkuprati għall-użu sussegwenti bħala kundizzjoni għat-tqegħid fis-suq tas-sustanza li tnaqqas **l-ożonu**. Jenħtieġ li l-produtturi u l-importaturi jkunu meħtieġa wkoll li jiddokumentaw il-miżuri adottati sabiex jipprevjenu l-emissjonijiet tat-trifluworometan matul il-proċess tal-produzzjoni.

Emenda

- (19) Minħabba li l-proċess tal-produzzjoni għal xi sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu jista' jirriżulta f'emissjonijiet tat-trifluworometan prodott f'gass fluworurat b'effett ta' serra bħala prodott sekondarju, jenħtieġ li tali emissjonijiet ta' prodotti sekondarji **jiġu mmonitorjati b'mod rigoruż**, jinqerdu jew jiġu rkuprati għall-użu sussegwenti bħala kundizzjoni għat-tqegħid fis-suq tas-sustanza li tnaqqas **is-saff tal-ożonu**. Jenħtieġ li l-produtturi u l-importaturi jkunu meħtieġa wkoll li jiddokumentaw il-miżuri adottati sabiex jipprevjenu l-emissjonijiet tat-trifluworometan matul il-proċess tal-produzzjoni **u li jipprovdu prova tal-qerda u l-irkupru f'konformità mal-aħjar tekniki disponibbli. Jenħtieġ ukoll li jkunu meħtieġa jirrapportaw dwar il-konformità ma' dan ir-Regolament.**

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

- (23) Sabiex jiġi żgurat li s-sustanzi u l-prodotti u t-tagħmir koperti minn dan ir-Regolament li jkunu ġew importati illegalment fis-suq tal-Unjoni ma jerġgħux jidħlu fis-suq, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkonfiskaw jew jissekwestraw dawn il-prodotti **għar-rimi**. Jenħtieġ li r-riesportazzjoni ta' prodotti li ma jkunux konformi ma' dan ir-Regolament tkun ipprojbita fi kwalunkwe każ.

Emenda

- (23) Sabiex jiġi żgurat li s-sustanzi u l-prodotti u t-tagħmir koperti minn dan ir-Regolament li jkunu ġew importati illegalment fis-suq tal-Unjoni ma jerġgħux jidħlu fis-suq, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkonfiskaw jew jissekwestraw dawn il-prodotti **u jeqirduhom**. Jenħtieġ li r-riesportazzjoni ta' prodotti li ma jkunux konformi ma' dan ir-Regolament tkun ipprojbita fi kwalunkwe każ.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (28a) Ir-rekwiżit li jiġu rkuprati l-fowms li jkun fihom sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu minn materjal tal-bini jista' jwassal għall-innovazzjoni u r-riċerka u l-iżvilupp dwar it-teknoloġiji tat-twaqqigħ, tar-reklamazzjoni u tar-riċiklaġġ u jista' jkollu effetti pożittivi fuq l-impjiegi minħabba l-intensità tax-xogħol tal-proċess tad-dekummissjonar u l-ħtieġa ta' aktar kapaċità ta' trattament għal dawk it-tipi ta' skart. Madankollu, dak ir-rekwiżit jista' joħloq xi ħtieġa addizzjonali ta' taħriġ ta' persunal speċjalizzat fl-impriżi rilevanti, li spiss ikunu intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu rekwiżiti minimi ta' kwalifika għall-persunal involut u jżidu wkoll id-disponibbiltà ta' programmi ta' taħriġ għat-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema u l-użu ta' tekniki sostenibbli.

Emenda 14

Proposta għal regolament

Premessa 28b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (28b) Il-bidla lejn l-użu ta' alternattivi għal sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu se twassal għall-innovazzjoni ekoloġika u l-impjiegi. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw tranżizzjoni ekwa u ġusta, li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura, għall-persunal impjegat mill-impriżi li ma jirnexxilhomx fit-tranżizzjoni lejn tali alternattivi.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 15
Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

- (32) Il-Protokoll **jenħtieġ** rapportar dwar il-kummerċ ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu. Għalhekk, jenħtieġ li l-produtturi, l-importaturi u l-esportaturi ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu jirrapportaw kull sena dwar il-kummerċ ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu. Jenħtieġ li l-kummerċ ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu li għadhom ma humiex koperti mill-Protokoll (elenkati fl-Anness II) jiġi rrapportat ukoll sabiex **tkun tista'** tiġi vvalutata **l-ħtieġa li jiġu estiżi xi wħud mill-miżuri** ta' kontroll **jew mill-miżuri ta' kontroll kollha** applikabbli għas-sustanzi elenkati fl-Anness I sabiex ikopru wkoll dawn is-sustanzi.

Emenda

- (32) Il-Protokoll **jirrikjedi** rapportar dwar il-kummerċ ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu. Għalhekk, jenħtieġ li l-produtturi, l-importaturi u l-esportaturi ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu jirrapportaw kull sena dwar il-kummerċ ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu. Jenħtieġ li l-kummerċ ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu li għadhom ma humiex koperti mill-Protokoll (elenkati fl-Anness II) jiġi rrapportat ukoll sabiex tiġi vvalutata **estensjoni futura tal-miżuri** ta' kontroll **għall-irkupru, il-qerda, ir-riċiklaġġ jew ir-reklamazzjoni**, applikabbli għas-sustanzi elenkati fl-Anness I sabiex ikopru wkoll dawn is-sustanzi.

Emenda 16
Proposta għal regolament
Premessa 33a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

- (33a) **L-informaturi jistgħu jiġbdu l-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti lejn informazzjoni ġdida li tista' tgħin lill-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw ksur ta' dan ir-Regolament u tippermettilhom jimponu penali. Jenħtieġ li jiġi żgurat li jiġu stabbiliti arranġamenti adegwati li jippermettu lill-informaturi jwissu lill-awtoritajiet kompetenti dwar ksur reali jew potenzjali ta' dan ir-Regolament u li l-informaturi jiġu protetti minn kwalunkwe ritaljazzjoni.**

Emenda

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 17
Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

(36) Jenħtieġ li l-ksur serju ta' dan ir-Regolament jiġi mħarrek ukoll skont id-dritt kriminali, f'konformità mad-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁷⁾.

⁽²⁷⁾ Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

Emenda

(36) Jenħtieġ li l-ksur serju ta' dan ir-Regolament jiġi mħarrek ukoll skont id-dritt kriminali, f'konformità mad-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁷⁾. **Meta jitqies li filwaqt li r-reati amministrattivi u kriminali huma differenti fin-natura tagħhom, dawn ma jeskludux lil xulxin, u għalhekk jiġu imposti penali amministrattivi mill-awtorità kompetenti fil-qafas ta' proċedimenti amministrattivi u pieni kriminali mill-qorti kriminali fi Stat Membru f'konformità mad-Direttiva 2008/99/KE.**

⁽²⁷⁾ Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

Emenda 18
Proposta għal regolament
Premessa 40a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(40a) L-ossidu nitruż (N₂O), li prinċipalment jiġi rilaxxat fl-arja minn fertilizzanti żejda bbażati fuq in-nitroġenu fil-ħamrija, huwa ppruvat li huwa sustanza li tnaqqas is-saff tal-ożonu. Minn mindu tnaqqsu l-klorofluworokimiċi u alokarburi oħra li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, l-N₂O ġie rikonoxxut bħala wieħed mill-aktar sustanzi sinifikanti li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u jirriskja li jimmina l-kisbiet tal-Protokoll ^(1a). Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu dwar "Strateġija 'Mill-Għalqa sal-Platt' għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent", il-Kummissjoni impenjat ruħha li taġixxi biex tnaqqas it-telf tan-nutrijenti b'mill-inqas 50 %, li għandu jirriżulta fi tnaqqis ta' mill-inqas 20 % fl-użu tal-fertilizzanti sal-2030.

^(1a) Ara pereżempju: "Drawing Down N2O To Protect Climate and the Ozone Layer" (It-Tnaqqis tal-N2O Biex Jiġi Protetti l-Klima u s-Saff tal-Ożonu), UNEP, 2013.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 19**Proposta għal regolament****Artikolu 1 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

Dan ir-Regolament jistipula r-regoli dwar il-produzzjoni, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-tqegħid fis-suq, **il-provvista** ulterjuri kif ukoll l-użu, l-irkupru, ir-riċiklaġġ, ir-reklamazzjoni u l-qerda ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, dwar ir-rapportar ta' informazzjoni relatata ma' dawk is-sustanzi u dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-tqegħid fis-suq, il-provvista ulterjuri u l-użu ta' prodotti u tagħmir li fihom jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk is-sustanzi.

Emenda

Dan ir-Regolament jistipula r-regoli dwar il-produzzjoni, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-tqegħid fis-suq, **il-ħażna u l-provvista** ulterjuri kif ukoll l-użu, l-irkupru, ir-riċiklaġġ, ir-reklamazzjoni u l-qerda ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, dwar ir-rapportar ta' informazzjoni relatata ma' dawk is-sustanzi u dwar l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-tqegħid fis-suq, il-provvista ulterjuri u l-użu ta' prodotti u **ta'** tagħmir li fihom **sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu** jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk is-sustanzi.

Emenda 20**Proposta għal regolament****Artikolu 2 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għal prodotti u tagħmir u l-partijiet tagħhom, li fihom sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk is-sustanzi.

Emenda

2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għal prodotti u tagħmir u l-partijiet tagħhom, li fihom sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi **parzjalment jew kompletament** fuq dawk is-sustanzi.

Emenda 21**Proposta għal regolament****Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1***Test propost mill-Kummissjoni*

(1) “materja prima” tfisser kwalunkwe sustanza li tnaqqas is-saff tal-ożonu li tgħaddi minn trasformazzjoni kimika fi proċess li fih tkun kompletament mibdula mill-kompożizzjoni oriġinali tagħha **u li l-emissjonijiet ma jkunux sinifikanti**;

Emenda

(1) “materja prima” tfisser kwalunkwe sustanza li tnaqqas is-saff tal-ożonu li tgħaddi minn trasformazzjoni kimika fi proċess li fih tkun kompletament mibdula mill-kompożizzjoni oriġinali tagħha;

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 22

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) “tqegħid fis-suq” tfisser il-forniment jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' persuna oħra fl-Unjoni, għall-ewwel darba, bi ħlas jew mingħajr ħlas, ir-rilaxx doganali għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni, u l-użu ta' sustanzi prodotti jew l-użu ta' prodotti jew ta' tagħmir manifatturati għall-użu proprju;

Emenda

(5) *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Emenda 23

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(6a) “produttur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tipproduċi sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu fl-Unjoni;

Emenda

Emenda 24

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(10a) “kontenitur” tfisser kontenitur kif definit fl-Artikolu [X] tar-Regolament xxxx/xxxx [ir-Regolament dwar il-gassijiet fluworurati];

Emenda

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 25

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) “prodotti u tagħmir” tfisser il-prodotti u t-tagħmir kollha, inklużi partijiet taġġhom, minbarra l-kontenituri, użati għat-trasport jew għall-ħażna ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu;

Emenda

(11) (Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)

Emenda 26

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

B'deroga mill-Artikolu 4(1), is-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati fl-Anness I jistgħu jiġu prodotti, jitqiegħdu fis-suq, u sussegwentement jiġu forniti jew magħmulin disponibbli għal persuna oħra fl-Unjoni bi ħlas jew mingħajr ħlas **sabiex** jintużaw bħala materja prima.

Emenda

B'deroga mill-Artikolu 4(1), is-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati fl-Anness I jistgħu jiġu prodotti, jitqiegħdu fis-suq, u sussegwentement jiġu forniti jew magħmulin disponibbli għal persuna oħra fl-Unjoni bi ħlas jew mingħajr ħlas **biss meta jkun permessi li** jintużaw bħala materja prima.

Emenda 27

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha sa... [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi lista ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati fl-Anness I li għalihom huwa permess l-użu bħala materja prima, l-użi rispettivi tal-materja prima għal kull waħda minn dawk is-sustanzi, u l-livell ta' emissjonijiet taġġhom.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 28

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sal-1 ta' Jannar 2025 u kull sentejn u nofs wara dan, il-Kummissjoni għandha tivvaluta d-disponibbiltà attwali u futura ta' alternattivi għas-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati fl-Anness I li għalihom l-użu bħala materja prima huwa permess fl-Unjoni, filwaqt li tqis ir-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi, l-impatti f'termini ta' potenzjal li jnaqqas l-ożonu u d-disponibbiltà ta' data aktar preċiża dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-materja prima, l-iżviluppi teknoloġiċi li jirriżultaw fid-disponibbiltà ta' alternattivi teknikament fattibbli, u l-użu tal-enerġija, l-effiċjenza, il-fattibbiltà ekonomika u l-kost ta' dawk l-alternattivi. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-konklużjonijiet ta' dawk il-valutazzjonijiet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda 29

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta l-Kummissjoni tikkonkludi fil-valutazzjoni tagħha li alternattiva fattibbli għal sustanza li tnaqqas is-saff tal-ożonu hija disponibbli għal użu partikolari bħala materja prima, il-Kummissjoni għandha, fi żmien 3 xhur, tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 li jissupplimentaw dan ir-Regolament biex jistabbilixxu livell massimu ta' emissjonijiet u skeda għat-tneħħija gradwali tal-limiti kwantitattivi tal-użu tas-sustanza rilevanti li tnaqqas is-saff tal-ożonu fil-lista msemmija fit-tieni paragrafu ta' dan l-Artikolu.

Emenda 30

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu li jiġu prodotti, jitqiegħdu fis-suq, u sussegwentement jiġu forniti jew magħmulin disponibbli, kemm jekk bi ħlas jew mingħajr ħlas, lil persuna oħra fl-Unjoni għall-użu bħala materja prima, jistgħu jintużaw biss għal dak il-għan. Kontenituri li fihom sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu maħsubin għal tali użi għandhom jiġu ttikkettati b'indikazzjoni ċara li s-sustanza tista' tintuża biss għall-iskop applikabbli. Fejn tali sustanzi jkunu soġġetti għal rekwiżiti ta' tikkettar previsti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, tali indikazzjoni għandha tiġi inklużi fit-tikketti msemminjin f'dak ir-Regolament.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 31

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 sabiex temenda l-Anness V, fejn alternattivi jew teknoloġiji teknikament u ekonomikament fattibbli ma jkunux disponibbli għall-użi elenkati f'dak l-Anness fil-perjodi ta' żmien stabbiliti **fl-Anness V** jew ma jkunux aċċettabbli minħabba l-impatti tagħhom fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa, jew fejn ikun meħtieġ li tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni dwar użi kritiċi tal-aloni stabbiliti b'mod partikolari taħt il-Protokoll, l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) jew taħt il-Konvenzjoni għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Bastimenti (MARPOL).

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 sabiex temenda l-Anness V, fejn alternattivi jew teknoloġiji teknikament u ekonomikament fattibbli **jkunu disponibbli għall-użi elenkati f'dak l-Anness qabel waħda jew aktar mid-dati tat-tmiem speċifikati f'dak l-Anness, jew** ma jkunux disponibbli għall-użi elenkati f'dak l-Anness fil-perjodi ta' żmien stabbiliti **f'dak l-Anness**, jew ma jkunux aċċettabbli minħabba l-impatti tagħhom fuq l-ambjent jew fuq is-saħħa, jew fejn ikun meħtieġ li tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni dwar użi kritiċi tal-aloni stabbiliti b'mod partikolari taħt il-Protokoll, l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) jew taħt il-Konvenzjoni għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis mill-Bastimenti (MARPOL).

Emenda 32

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, u wara talba sostanzjata mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, tagħti derogi limitati biż-żmien mid-dati tat-tmiem jew mid-dati limitu speċifikati fl-Anness V għal każ speċifiku fejn jintwera fit-talba li ma hemm l-ebda alternattiva teknikament u ekonomikament fattibbli disponibbli għal dik l-applikazzjoni partikolari. F'dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni **tista'** tinkludi obbligi ta' rapportar, u **tista' teħtieġ is-sottomissjoni** ta' evidenza ta' sostenn meħtieġa għall-monitoraġġ tal-użu tad-deroga, inkluż evidenza dwar l-ammonti rkuprati għar-riċiklaġġ jew għar-reklamazzjoni, ir-riżultati tal-kontrolli tat-tnixxijiet u l-ammonti ta' ħażniet ta' aloni mhux użati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 28(2).

Emenda

4. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, u wara talba sostanzjata mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, tagħti derogi limitati biż-żmien mid-dati tat-tmiem jew mid-dati limitu speċifikati fl-Anness V għal każ speċifiku fejn jintwera fit-talba li ma hemm l-ebda alternattiva teknikament u ekonomikament fattibbli disponibbli għal dik l-applikazzjoni partikolari. F'dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni **għandha** tinkludi obbligi ta' rapportar, u **għandha tirrikjedi s-sottomissjoni** ta' evidenza ta' sostenn meħtieġa għall-monitoraġġ tal-użu tad-deroga, inkluż evidenza dwar l-ammonti rkuprati għar-riċiklaġġ jew għar-reklamazzjoni, ir-riżultati tal-kontrolli tat-tnixxijiet u l-ammonti ta' ħażniet ta' aloni mhux użati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 28(2).

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 33

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. F'każ ta' emerġenza, meta minħabba tifqigħat għall-għarrieda ta' pesti jew ta' mard partikolari jkun meħtieġ hekk, il-Kummissjoni, fuq talba tal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, tista' tawtorizza, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq u l-użu temporanju tal-bromur tal-metil, dment li t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-bromur tal-metil ikunu permessi, rispettivament, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u r-Regolament (UE) Nru 528/2012. Kwalunkwe kwantità mhux użata ta' bromur tal-metil għandha tinqered.

Emenda

1. F'każ ta' emerġenza, meta minħabba tifqigħat għall-għarrieda ta' pesti jew ta' mard partikolari jkun meħtieġ hekk, il-Kummissjoni, fuq talba tal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, tista' tawtorizza, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, **u wara notifika lis-Segretarjat tal-Ożonu f'konformità mad-Deċizzjoni IX/7 tal-Partijiet għall-Protokoll**, il-produzzjoni, it-tqegħid fis-suq u l-użu temporanju tal-bromur tal-metil, dment li t-tqegħid fis-suq u l-użu tal-bromur tal-metil ikunu permessi, rispettivament, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u r-Regolament (UE) Nru 528/2012. Kwalunkwe kwantità mhux użata ta' bromur tal-metil għandha tinqered.

Emenda 34

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jispeċifikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' bromur tal-metil waqt l-użu u japplikaw għal perjodu li ma jaqbiżx il-120 jum u għal kwantità li ma taqbiżx 1-20 tunnellata metrika ta' bromur tal-metil. F'dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni **tista'** tinkludi rekwiżiti ta' rapportar u **tista' teħtieġ is-sottomissjoni** ta' evidenza ta' sostenn neċessarja għall-monitoraġġ tal-użu tal-bromur tal-metil, inkluż evidenza dwar il-qerda ta' sustanzi wara t-tmiem tad-deroga. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 28(2).

Emenda

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jispeċifikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' bromur tal-metil waqt l-użu u japplikaw għal perjodu li ma jaqbiżx il-120 jum u għal kwantità li ma taqbiżx 1-20 tunnellata metrika ta' bromur tal-metil. F'dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni **għandha** tinkludi rekwiżiti ta' rapportar u **għandha tirrikjedi s-sottomissjoni** ta' evidenza ta' sostenn neċessarja għall-monitoraġġ tal-użu tal-bromur tal-metil, inkluż evidenza dwar il-qerda ta' sustanzi wara t-tmiem tad-deroga. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 28(2).

Emenda 35

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-liċenzja msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhiex tkun meħtieġa f'każijiet ta' ħażna temporanja.

Emenda

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u mill-Artikolu 16, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli simplifikati għal-liċenzjar fil-każ ta' ħażna temporanja kif definit fl-Artikolu 5, il-punt (17), tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 28(2).

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 36

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

B'deroga mill-Artikolu 5(2), il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, wara talba minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru, tawtorizza l-esportazzjoni ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom idroklorofluworkarburi fejn jintwera li fid-dawl tal-valur ekonomiku u tat-tul tal-ħajja li jifdal mistenni tal-merkanzija speċifika, il-projbizzjoni tal-esportazzjoni tkun timponi piż sproporzjonat fuq l-esportatur, **u** tali esportazzjoni tkun konformi mal-leġiżlazzjoni **nazzjonali** fil-pajjiż tad-destinazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 28(2).

Emenda

B'deroga mill-Artikolu 5(2), il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, wara talba minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru, tawtorizza l-esportazzjoni ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom idroklorofluworkarburi fejn jintwera li fid-dawl tal-valur ekonomiku u tat-tul tal-ħajja li jifdal mistenni tal-merkanzija speċifika, il-projbizzjoni tal-esportazzjoni tkun timponi piż sproporzjonat fuq l-esportatur, tali esportazzjoni tkun konformi mal-leġiżlazzjoni **domestika** fil-pajjiż tad-destinazzjoni **u tali prodotti u tagħmir, wara tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom u abbażi tal-leġiżlazzjoni domestika, jiġu ttrattati minn dak il-pajjiż tad-destinazzjoni b'tali mod li ma jwassalx għar-rilaxx ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu fl-ambjent estern**. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 28(2).

Emenda 37

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-liċenzja msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhiex tkun meħtieġa f'każijiet ta' riesportazzjoni sussegwenti għal ħażna temporanja.

Emenda

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u mill-Artikolu 16, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli simplifikati għal-liċenzjar fil-każ ta' ħażna temporanja kif definit fl-Artikolu 5, il-punt (17) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 28(2).

Emenda 38

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Kwalunkwe kontenitur ipprojbti li ma jistax jerġa' jimtela msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi kkonfiskat, issekwestrat, irtirat jew jissejjaħ lura mis-suq mill-awtoritajiet doganali jew mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq **sabiex jintrema. L-esportazzjoni mill-ġdid** ta' kontenituri pprojbti li ma jistgħux jergħu jimtewli hija pprojbta.

Emenda

Kwalunkwe kontenitur ipprojbti li ma jistax jerġa' jimtela msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi kkonfiskat, issekwestrat, irtirat jew jissejjaħ lura mis-suq **u meqrud** mill-awtoritajiet doganali jew mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. **Ir-riesportazzjoni** ta' kontenituri pprojbti li ma jistgħux jergħu jimtewli hija pprojbta.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 39

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Impriżi li jqiegħdu fis-suq kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew għal sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu għandhom jipproduċu dikjarazzjoni ta' konformità li tinkludi evidenza li tikkonferma l-arranġamenti stabbiliti għar-ritorn ta' dak il-kontenitur għall-fini ta' mili mill-ġdid. Dawk l-arranġamenti għandu jkun fihom obbligi vinkolanti għall-konformità mill-fornitur ta' dawk il-kontenituri għall-utenti finali.

L-impriżi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom iżommu d-dikjarazzjoni ta' konformità għal perjodu ta' mill-inqas 5 snin wara t-tqegħid fis-suq ta' kontenituri li jistgħu jerġgħu jimtlew u għandhom jagħmluha disponibbli, fuq talba, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Il-fornituri ta' dawk il-kontenituri lill-utenti finali għandhom iżommu evidenza ta' konformità ma' dawk l-arranġamenti għal perjodu ta' mill-inqas 5 snin wara l-forniment lill-utent finali u għandhom jagħmluha disponibbli, fuq talba, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina d-dettalji tad-dikjarazzjoni ta' konformità. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 28(2).

Emenda 40

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għall-finijiet **tas-sottomissjoni** tal-evidenza, l-importaturi u l-produtturi għandhom ifasslu dikjarazzjoni ta' konformità **u jgħaqqdu d-dokumentazzjoni ta' sostenn dwar il-faċilità tal-produzzjoni** u l-miżuri ta' mitigazzjoni adottata sabiex jiġu evitati l-emissjonijiet tat-trifluworometan. Il-produtturi u l-importaturi għandhom iżommu d-dikjarazzjoni ta' konformità u d-dokumentazzjoni ta' sostenn **għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin wara t-tqegħid fis-suq** u għandhom jagħmluhom disponibbli, fuq talba, lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u lill-Kummissjoni, meta jintalbu.

Għall-finijiet **tal-provvista** tal-evidenza **msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1a**, l-importaturi u l-produtturi għandhom ifasslu dikjarazzjoni ta' konformità, **ivverifikata minn awditur akkreditat**, u **jgħaqqdu** d-dokumentazzjoni ta' sostenn **ma'**:

- (a) **informazzjoni dwar il-faċilità tal-produzzjoni;**
- (b) **il-prova tad-disponibbiltà u t-tħaddim tal-aqwa teknoloġija ta' tnaqqis tal-emissjonijiet disponibbli fil-faċilità ta' produzzjoni;**
- (c) **il-prova tal-miżuri ta' mitigazzjoni adottata sabiex jiġu evitati l-emissjonijiet tat-trifluworometan, f'konformità mal-aqwa tekniki disponibbli;**

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (d) *il-prova tal-gerda jew l-irkupru ta' kwalunkwe kwantità ta' trifluworometan emess, f'konformità mal-aqwa tekniki disponibbli u f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 20(7).*

Il-produtturi u l-importaturi għandhom iżommu d-dikjarazzjoni ta' konformità u d-dokumentazzjoni ta' sostenn għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin wara t-tqegħid fis-suq u għandhom jagħmluhom disponibbli, fuq talba, lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni, meta jintalbu.

Emenda 41

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni **tista'**, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-arranġamenti dettaljati relatati **mad-dikjarazzjoni** ta' konformità u mad-dokumentazzjoni ta' sostenn imsemmijin fit-tieni subparagrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 28(2).

Emenda

Il-Kummissjoni **għandha**, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-arranġamenti dettaljati relatati **mad-dikjarazzjoni** ta' konformità u mad-dokumentazzjoni ta' sostenn imsemmijin fit-tieni subparagrafu u l-elementi tagħhom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 28(2).

Emenda 42

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu prodotti jew imqegħdin fis-suq **bħala materja prima, bħala aġenti ta' proċess, jew għal użi essenzjali fil-laboratorji u analitiċi** kif imsemmi fl-Artikoli 6, 7 u 8 jistgħu jintużaw biss għal dawk l-għanijiet.

Emenda

Sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu prodotti jew imqegħdin fis-suq **u prodotti u tagħmir li fihom sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk is-sustanzi prodotti jew imqegħdin fis-suq u sussegwentement furniti jew magħmulin disponibbli** kif imsemmi fl-Artikoli 6, 7, 8, 9 u 10 jistgħu jintużaw biss għal dawk l-għanijiet. **Sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, u prodotti u tagħmir li fihom sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk is-sustanzi, imqegħdin fis-suq għall-gerda kif imsemmi fl-Artikolu 12 jistgħu jintużaw biss għal dak il-għan.**

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 43

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Kontenituri li fihom is-sustanzi maħsubin għall-użi msemmijin fl-Artikoli 6, 7 u **8** għandhom jiġu ttikkettati b'indikazzjoni ċara li s-sustanza tista' tintuża biss għall-iskop applikabbli. Fejn tali sustanzi jkunu soġġetti għal rekwiżiti ta' tikkettar previsti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, tali indikazzjoni għandha tiġi inkluża fit-tikketti msemmijin f'dak ir-Regolament.

Emenda

Kontenituri li fihom is-sustanzi maħsubin għall-użi msemmijin fl-Artikoli 6, 7, **8, 9, 10, 11** u **12** għandhom jiġu ttikkettati b'indikazzjoni ċara li s-sustanza tista' tintuża biss għall-iskop applikabbli. **It-tikketta għandu jkollha d-denominazzjoni tal-industrija aċċettata għas-sustanza li tnaqqas is-saff tal-ożonu kkonċernata jew, jekk l-ebda tali denominazzjoni ma tkun disponibbli, l-isem kimiku, il-potenzjal ta' tnaqqis tal-ożonu tas-sustanza kkonċernata, u, fejn disponibbli, il-potenzjal ta' tisħin globali tagħha espress fuq perjodu ta' żmien ta' 100 sena, u, fejn disponibbli, fuq perjodu ta' żmien ta' 20 sena. Meta tali sustanzi jkunu ġew reklamati jew riċiklati, it-tikketta għandha tinkludi dik l-informazzjoni, l-informazzjoni dwar in-numru tal-lott u l-isem u l-indirizz tal-faċilità tar-reklamazzjoni jew tar-riċiklaġġ.** Fejn tali sustanzi jkunu soġġetti għal rekwiżiti ta' tikkettar previsti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, tali indikazzjoni għandha tiġi inkluża fit-tikketti msemmijin f'dak ir-Regolament. **Fejn rilevanti, il-kontenituri mimlija mill-ġdid għandhom jiġu ttikkettati mill-ġdid b'informazzjoni aġġornata.**

Emenda 44

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u tiżgura t-tħaddim tas-sistema elettronika ta' liċenzjar għas-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati **fl-Anness I** u l-prodotti u t-tagħmir li fihom dawk is-sustanzi jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk is-sustanzi ("is-sistema ta' liċenzjar").

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u tiżgura t-tħaddim tas-sistema elettronika ta' liċenzjar għas-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati **fl-Annessi I u II** u l-prodotti u t-tagħmir li fihom dawk is-sustanzi jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk is-sustanzi ("is-sistema ta' liċenzjar").

Emenda 45

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Kull impriża li jkollha liċenzja għandha, matul il-perjodu ta' validità tal-liċenzja, tinnotifika lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla li tista' sseħħ matul il-perjodu ta' validità tal-liċenzja fir-rigward tal-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-Anness VII.

Emenda

5. Kull impriża li jkollha liċenzja għandha, matul il-perjodu ta' validità tal-liċenzja, tinnotifika lill-Kummissjoni **mingħajr dewmien żejjed** bi kwalunkwe bidla li tista' sseħħ matul il-perjodu ta' validità tal-liċenzja fir-rigward tal-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-Anness VII.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 46

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

3. F'każijiet ta' importazzjonijiet ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati fl-Anness I u ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom dawk is-sustanzi jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk is-sustanzi, l-importatur jew, fejn ma jkunx disponibbli, id-dikjarant, indikat fid-dikjarazzjoni doganali jew fid-dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja u f'każijiet ta' esportazzjonijiet, l-esportatur indikat fid-dikjarazzjoni doganali, għandu jipprovdi lill-awtoritajiet doganali fid-dikjarazzjoni dan li ġej, fejn rilevanti:

Emenda

3. F'każijiet ta' importazzjonijiet ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati fl-Anness I u ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom dawk is-sustanzi jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi **parzjalment jew kompletament** fuq dawk is-sustanzi, l-importatur jew, fejn ma jkunx disponibbli, id-dikjarant, indikat fid-dikjarazzjoni doganali jew fid-dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja u f'każijiet ta' esportazzjonijiet, l-esportatur indikat fid-dikjarazzjoni doganali, għandu jipprovdi lill-awtoritajiet doganali fid-dikjarazzjoni dan li ġej, fejn rilevanti:

Emenda 47

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 11 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-awtoritajiet doganali għandhom jikkonfiskaw jew jissekwestraraw **sustanzi**, is-sustanzi u l-prodotti u t-tagħmir li huma pprojbiti minn dan ir-Regolament għar-rimi tagħhom, f'konformità mal-Artikoli 197 u 198 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jirtiraw jew isejħu lura mis-suq tali sustanzi u prodotti u tagħmir f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³³⁾.

⁽³³⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

Emenda

L-awtoritajiet doganali għandhom jikkonfiskaw jew jissekwestraraw is-sustanzi u l-prodotti u t-tagħmir li huma pprojbiti minn dan ir-Regolament għar-rimi tagħhom, f'konformità mal-Artikoli 197 u 198 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jirtiraw jew isejħu lura mis-suq tali sustanzi u prodotti u tagħmir f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³³⁾.

⁽³³⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

Emenda 48

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 12 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw jew japprovaw uffiċċji doganali jew postijiet oħrajn u għandhom jispeċifikaw ir-rotta lejn dawk l-uffiċċji u l-postijiet, f'konformità mal-Artikoli 135 u 267 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, għall-preżentazzjoni lid-dwana ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati fl-Anness I u ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom dawk **is-sustanzi** jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk is-sustanzi mad-dħul tagħhom fit-territorju doganali tal-Unjoni jew mal-ħruġ tagħhom minnu. Dawk l-uffiċċji jew il-postijiet doganali għandhom ikunu attrezzati biżżejjed sabiex iwettqu l-kontrolli fiżiċi rilevanti fuq il-bażi tal-analiżi tar-riskju, u għandhom ikunu informati dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni ta' attivitajiet illegali skont dan ir-Regolament.

Emenda

L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw jew japprovaw uffiċċji doganali jew postijiet oħrajn u għandhom jispeċifikaw ir-rotta lejn dawk l-uffiċċji u l-postijiet, f'konformità mal-Artikoli 135 u 267 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, għall-preżentazzjoni lid-dwana ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati fl-Anness I u ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom dawk **is-sustanzi** jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk is-sustanzi mad-dħul tagħhom fit-territorju doganali tal-Unjoni jew mal-ħruġ tagħhom minnu. Dawk l-uffiċċji jew il-postijiet doganali għandhom ikunu attrezzati biżżejjed **bir-riżorsi umani u l-materjali meħtieġa** sabiex iwettqu l-kontrolli fiżiċi rilevanti fuq il-bażi tal-analiżi tar-riskju, u għandhom ikunu informati dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni ta' attivitajiet illegali skont dan ir-Regolament.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 49**Proposta għal regolament****Artikolu 20 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati **fl-Anness I** li jkunu jinsabu f'taġħmir ta' tkessiġ, ta' arja kundizzjonata u tal-pompi tas-sħana, f'taġħmir li jkun fih solventi jew sistemi ta' protezzjoni kontra n-nar u f'taġħmir għat-tifi tan-nar, għandhom, waqt manutenzjoni jew servizzjar tat-taġħmir jew qabel iż-żarmar jew ir-rimi tat-taġħmir, ikunu rkuprati għall-qedda, għar-riċiklaġġ jew għar-reklamazzjoni.

Emenda

1. Sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati **fl-Annessi I u II** li jkunu jinsabu f'taġħmir ta' tkessiġ, ta' arja kundizzjonata u tal-pompi tas-sħana, f'taġħmir li jkun fih solventi jew sistemi ta' protezzjoni kontra n-nar u f'taġħmir għat-tifi tan-nar, għandhom, waqt manutenzjoni jew servizzjar tat-taġħmir jew qabel iż-żarmar jew ir-rimi tat-taġħmir, ikunu rkuprati għall-qedda, għar-riċiklaġġ jew għar-reklamazzjoni.

Emenda 50**Proposta għal regolament****Artikolu 20 – paragrafu 6***Test propost mill-Kummissjoni*

6. Is-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati **fl-Anness I** li jinsabu fi prodotti u f'taġħmir għajr dawk imsemmijin fil-paragrafi 1 sa 5 għandhom, jekk teknikament u ekonomikament fattibbli, jiġu rkuprati għall-qedda, għar-riċiklaġġ jew għar-reklamazzjoni, jew għandhom jinqerdu mingħajr irkupru minn qabel.

Emenda

6. Is-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati **fl-Annessi I u II** li jinsabu fi prodotti u f'taġħmir għajr dawk imsemmijin fil-paragrafi 1 sa 5 għandhom, jekk teknikament u ekonomikament fattibbli, jiġu rkuprati għall-qedda, għar-riċiklaġġ jew għar-reklamazzjoni, jew għandhom jinqerdu mingħajr irkupru minn qabel.

Emenda 51**Proposta għal regolament****Artikolu 20 – paragrafu 9***Test propost mill-Kummissjoni*

9. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-irkupru, ir-riċiklaġġ, ir-reklamazzjoni u l-qedda ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati fl-Anness I u għandhom jistabbilixxu r-rikwiżiti minimi ta' kwalifika għall-persunal involut.

Emenda

9. L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-irkupru, ir-riċiklaġġ, ir-reklamazzjoni u l-qedda ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati fl-Anness I u għandhom jistabbilixxu r-rikwiżiti minimi ta' kwalifika għall-persunal involut. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm disponibbli programmi ta' taħriġ għal persuni fiżiċi li jwettqu dawk il-kompiti.**

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 52

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-impriżi għandhom jieħdu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji sabiex jipprevjenu u jimminimizzaw kwalunkwe rilaxx mhux intenzjonat ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati **fl-Anness I** matul il-produzzjoni, inkluż dawk prodotti b'mod mhux intenzjonat matul il-manifattura ta' sustanzi kimiċi oħra, il-proċess tal-manifattura tat-tagħmir, l-użu, **il-ħżin** u t-trasferiment minn kontenitur jew minn sistema għal oħra jew għat-trasport.

Emenda

2. L-impriżi għandhom jieħdu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji sabiex jipprevjenu u jimminimizzaw kwalunkwe rilaxx mhux intenzjonat ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati **fl-Annessi I u II** matul il-produzzjoni, inkluż dawk prodotti b'mod mhux intenzjonat matul il-manifattura ta' sustanzi kimiċi oħra, il-proċess tal-manifattura tat-tagħmir, l-użu, **il-ħażna** u t-trasferiment minn kontenitur jew minn sistema għal oħra jew għat-trasport.

Emenda 53

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-impriżi li joperaw tagħmir li jkun fih sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati **fl-Anness I**, għandhom jiżguraw li kwalunkwe tnixxija individwata tisewwa mingħajr dewmien żejjed, mingħajr preġudizzju għall-projbizzjoni li jintużaw is-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu.

Emenda

3. L-impriżi li joperaw tagħmir li jkun fih sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati **fl-Annessi I u II**, għandhom jiżguraw li kwalunkwe tnixxija individwata tisewwa mingħajr dewmien żejjed, mingħajr preġudizzju għall-projbizzjoni li jintużaw is-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu.

Emenda 54

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-impriżi li joperaw tagħmir ta' tkessiġ, ta' arja kundizzjonata jew tal-pompi tas-sħana, jew sistemi ta' protezzjoni kontra n-nar, inklużi ċ-ċirkwiti tagħhom, li jkun fihom sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu għandhom jiżguraw li t-tagħmir jew sistemi stazzjonarji b'ċarġ fluwidu ta':

(a) 3 kg jew aktar ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu jiġu vverifikati għal tnixxija mill-inqas darba kull 12-il xahar; dan ma għandux japplika għal tagħmir b'sistemi ssiġillati ermetikament, li huma tikkettati bħala tali u li fihom inqas minn 6 kg ta' sustanzi kkontrollati;

(b) 30 kg jew aktar ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu jiġu vverifikati għal tnixxija mill-inqas darba kull 6 xhur;

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (c) 300 kg jew aktar ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu jiġu vverifikati għal tnixxija mill-inqas darba kull 3 xhur; u kwalunkwe tnixxija individwata tisewwa malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ fi żmien 14-il jum; it-tagħmir jew is-sistema għandhom jiġu vverifikati għal tnixxija fi żmien xahar wara li tisewwa tnixxija biex jiġi żgurat li t-tiswija kienet effettiva.

Emenda 55

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi ta' kwalifika għall-persunal li jwettaq l-attivitajiet imsemmijin fil-paragrafu 3.

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi ta' kwalifika għall-persunal li jwettaq l-attivitajiet imsemmijin fil-paragrafu 3. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm disponibbli programmi ta' tatriġ għal persuni fiżiċi li jwettqu dawk l-attivitajiet.**

Emenda 56

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29 biex temenda l-Annessi I u II **fir-rigward tal-potenzjal** ta' tisħin globali u l-potenzjal ta' tnaqqis tas-saff tal-ożonu tas-sustanzi elenkati, fejn ikun meħtieġ fid-dawl ta' rapporti ġodda ta' valutazzjonijiet mill-Bord Intergovernattiv dwar it-tibdil fil-Klima jew rapporti ġodda tal-SAP, stabbiliti skont il-Protokoll.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29 biex temenda l-Annessi I u II **ħalli taġġorna l-potenzjal** ta' tisħin globali u l-potenzjal ta' tnaqqis tas-saff tal-ożonu tas-sustanzi elenkati, fejn ikun meħtieġ fid-dawl ta' rapporti ġodda ta' valutazzjonijiet mill-Bord Intergovernattiv dwar it-tibdil fil-Klima jew rapporti ġodda tal-SAP, stabbiliti skont il-Protokoll, **u biex iżżid il-potenzjal ta' tisħin globali ta' dawk is-sustanzi fuq perjodu ta' żmien ta' 20 sena.**

Emenda 57

Proposta għal regolament

Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kull sena sal-31 ta' Marzu ...[is-sena ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], u kull sena wara dan, kull impriża li qiegħdet fis-suq sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni li juri l-konformità mal-Artikolu 15(2).

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 58

Proposta għal regolament

Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jipproteġu l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni sottomessa lilhom f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Emenda

(2) Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jipproteġu l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni sottomessa lilhom f'konformità ma' dan l-Artikolu **u l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom jingħata l-aċċess għad-data.**

Emenda 59

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli sabiex jistabbilixxu jekk l-impriżi jikkonformawx mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.

Emenda

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom iwettqu kontrolli **regolari** sabiex jistabbilixxu jekk l-impriżi jikkonformawx mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.

Emenda 60

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) is-sospensjoni jew ir-revoka tal-awtorizzazzjoni sabiex jitwettqu attivitajiet peress li dawn jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda

(c) is-sospensjoni **temporanja** jew ir-revoka tal-awtorizzazzjoni sabiex jitwettqu attivitajiet peress li dawn jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 61

Proposta għal regolament

Artikolu 27 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

F'każijiet ta' produzzjoni, ta' importazzjoni, ta' esportazzjoni, ta' tqegħid fis-suq illegali, jew tal-użu ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati fl-Anness I jew ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom dawk is-sustanzi jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk is-sustanzi, l-Istati Membri għandhom **jipprevedu** multi amministrattivi massimi ta' mill-inqas **ħames** darbiet il-valur tas-suq tas-sustanzi jew tal-prodotti u tat-tagħmir ikkonċernati. F'każ ta' ksur ripetut f'perjodu ta' ħames snin, l-Istati Membri għandhom **jipprevedu** multi amministrattivi massimi ta' mill-inqas **tmien** darbiet il-valur tas-suq tas-sustanzi ikkonċernati jew tal-prodotti u tat-tagħmir ikkonċernati.

Emenda

F'każijiet ta' produzzjoni, ta' importazzjoni, ta' esportazzjoni, ta' tqegħid fis-suq illegali, jew tal-użu ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu elenkati fl-Anness I jew ta' prodotti u ta' tagħmir li fihom dawk is-sustanzi jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq dawk is-sustanzi, l-Istati Membri għandhom **jistabbilixxu multi amministrattivi minimi ta' mill-inqas erba' darbiet il-valur tas-suq tas-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu jew tal-prodotti u tat-tagħmir ikkonċernati** u multi amministrattivi massimi ta' mill-inqas **sitt** darbiet il-valur tas-suq tas-sustanzi jew tal-prodotti u tat-tagħmir ikkonċernati. F'każ ta' ksur ripetut f'perjodu ta' ħames snin, l-Istati Membri għandhom **jistabbilixxu multi amministrattivi minimi ta' mill-inqas seba' darbiet il-valur tas-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu jew tal-prodotti u tat-tagħmir ikkonċernati** u multi amministrattivi massimi ta' mill-inqas **għaxar** darbiet il-valur tas-suq tas-sustanzi ikkonċernati jew tal-prodotti u tat-tagħmir ikkonċernati.

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 62

Proposta għal regolament

Artikolu 27a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 27a

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta għandhom jiġu imposti multi amministrattivi skont l-Artikolu 27(5), il-multi amministrattivi jistgħu jiġu imposti jew permezz ta' proċeduri amministrattivi jew billi jinbdew proċedimenti għall-impożizzjoni ta' multi, jew it-tnejn li huma.

Emenda 63

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 7(4), fl-Artikolu 8(7), fl-Artikolu 9(3), fl-Artikolu 16(13), fl-Artikolu 18, fl-Artikolu 19(2), fl-Artikolu 20(8), fl-Artikolu 22, fl-Artikolu 23(3) u fl-Artikolu 24(4) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat [mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament]

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu **6(1)**, **fl-Artikolu** 7(4), fl-Artikolu 8(7), fl-Artikolu 9(3), fl-Artikolu 16(13), fl-Artikolu 18, fl-Artikolu 19(2), fl-Artikolu 20(8), fl-Artikolu 22, fl-Artikolu 23 (3) u fl-Artikolu 24(4) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat [mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament]

Emenda 64

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sal-1 ta' Jannar **2033**, il-Kummissjoni għandha **tippubblika** rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Sal-1 ta' Jannar **2030**, il-Kummissjoni għandha **tippreżenta** rapport **lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill** dwar l-implimentazzjoni **u l-effettività** ta' dan ir-Regolament. **Il-Kummissjoni għandha tivvaluta b'mod partikolari d-disponibilità ta' alternattivi għal sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu li għalihom tingħata deroga skont l-Artikoli 6, 7, 8 u 9. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-ġlieda kontra l-kummerċ illegali ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu. Wara l-preżentazzjoni ta' dak ir-rapport u l-valutazzjonijiet mitluba, il-Kummissjoni tista', jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva.**

Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit skont l-Artikolu 10a tar-Regolament (KE) Nru 401/2009 (il-“Bord Konsultattiv”) jista', fuq inizjattiva tiegħu stess, jipprovdi parir xjentifiku u joħroġ rapporti rigward dan ir-Regolament. **Il-Kummissjoni għandha tqis il-parir u r-rapporti rilevanti tal-Bord Konsultattiv, b'mod partikolari fir-rigward tal-koerenza ta' dan ir-Regolament mal-oġġettivi tar-Regolament (KE) Nru 401/2009 u l-impjenji internazzjonali tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi.**

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 65**Proposta għal regolament
Anness VI – punt 2 – punt f**

Test propost mill-Kummissjoni

(f) kwalunkwe ħażna;

Emenda(f) kwalunkwe ħażna ***miżmuma fil-bidu u fit-tmiem tal-perjodu ta' rapportar***;**Emenda 66****Proposta għal regolament
Anness VI – punt 3 – punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

(d) kwalunkwe ħażna;

Emenda(d) kwalunkwe ħażna ***miżmuma fil-bidu u fit-tmiem tal-perjodu ta' rapportar***;**Emenda 67****Proposta għal regolament
Anness VI – punt 4 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) kwalunkwe ħażna;

Emenda(b) kwalunkwe ħażna ***miżmuma fil-bidu u fit-tmiem tal-perjodu ta' rapportar***;**Emenda 68****Proposta għal regolament
Anness VI – punt 5 – paragrafu 1 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) kwalunkwe kwantità meqruda, inklużi l-kwantitajiet fi prodotti jew f'tagħmir;

Emenda(a) kwalunkwe kwantità meqruda, inklużi l-kwantitajiet fi prodotti jew f'tagħmir ***u kwantitajiet meqruda bħala prodotti sekondarji***;**Emenda 69****Proposta għal regolament
Anness VI – punt 5 – paragrafu 1 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) kwalunkwe ħażna li se tinqered, inkluż il-kwantitajiet fi prodotti jew f'tagħmir;

Emenda(b) kwalunkwe ħażna, ***miżmuma fil-bidu u fit-tmiem tal-perjodu ta' rapportar***, li se tinqered, inkluż il-kwantitajiet fi prodotti jew f'tagħmir;

Il-Ħamis 30 ta' Marzu 2023

Emenda 70

Proposta għal regolament

Anness V – punt 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Kull impriża li teqred is-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu **msemija fl-Anness I** u li mhux koperti mill-punt 2(e) ta' dan l-Anness, għandha tikkomunika wkoll data dwar kwalunkwe xiri minn u bejgħ lil impriżi oħra fl-Unjoni.

Emenda

Kull impriża li teqred is-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu u li mhux koperti mill-punt 2(e) ta' dan l-Anness, għandha tikkomunika wkoll data dwar kwalunkwe xiri minn u bejgħ lil impriżi oħra fl-Unjoni.

Emenda 71

Proposta għal regolament

Anness VI – punt 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) kwalunkwe ħażna;

Emenda

(b) kwalunkwe ħażna **miżmuma fil-bidu u fit-tmiem tal-perjodu ta' rapportar**;

Emenda 72

Proposta għal regolament

Anness VI – punt 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) **il-proċessi** u kwalunkwe emissjoni, inklużi dawk marbuta mat-trasport u **mal-ħżin**, inkluż it-trasferiment minn kontejner għal ieħor.

Emenda

(c) **it-tipi ta' użi ta' materja prima u l-proċessi** u kwalunkwe emissjoni, inklużi dawk marbuta mat-trasport u **mal-ħażna**, inkluż it-trasferiment minn kontejner għal ieħor.

Emenda 73

Proposta għal regolament

Anness VI – punt 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Kull impriża li tuża bħala materja prima jew aġenti ta' proċess is-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu **msemija fl-Anness I** għandha tikkomunika wkoll data dwar kwalunkwe xiri minn u bejgħ lil impriżi oħra fl-Unjoni.

Emenda

Kull impriża li tuża bħala materja prima jew aġenti ta' proċess is-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu għandha tikkomunika wkoll data dwar kwalunkwe xiri minn u bejgħ lil impriżi oħra fl-Unjoni.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT